MALTA FA
1900




Malta Football Association

Rapport Amministrattiv 2022-2023

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
2022 - 2023



# WERREJ


Daħla . . . 2-3

Materji importanti f'kull settur tal-Malta FA trattati waqt l-Assemblej Ġenerali . . . 4-7

Relazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni . . . 8-11

Ħamrun Spartans jiddominaw u jirbħu l-kampjonat għad-disa' darba . . . 12-19

Marcolini jinħatar Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali . . . 20-25

Appoġġ lill-istaff tekniku u plejers biex tissaħħaħ il-preparazzjoni f'kull aspett . . . 26-29

Is-saħħa tal-plejers, iktar taħriġ għall-istaff mediku u l-prevenzjoni fiċ-ċentru tal-ħidma . . . 30-31

Spinta biex ikomplu jitjiebu l-istandards, żieda fin-numru ta' coaches nisa kwalifikati . . . 32-37

Coach ġdida għat-tim nazzjonali tan-nisa, jissokta l-progress . . . 38-46

It-twettiq tal-azzjonijiet strateġiċi tibqa' prijorità . . . 47-49

Ħidma msejsa fuq erba' pilastri – governanza tajba, l-iżvilupp tat-talent, prestazzjoni u reklutaġġ . . . 50-55

Aktar opportunitajiet ta' taħriġ . . . 56

Il-Malta FA b'sehem attiv fil-proġett Sports Against Match-Fixing . . . 57

Kampjonat Ewropew ta' taħt id-19-il sena – Suċċess għall-Italja . . . 58-63

Installati numru ta' pitches ġodda għall-klabbs membri . . . 64-67

Il-Kampjonat Ewropew U-19, il-proġetti tal-Assoċjazzjoni u appoġġ lill-media fost il-prijoritajiet ewlenin . . 68-71

Ħidma kontinwa tissarraf f'aktar kollaborazzjonijiet u proġetti kummerċjali . . . 72-75

Il-futbol ikompli jħalli impatt pożittiv fuq komunitajiet u persuni b'abbiltajiet u realtajiet differenti . . . 76-80

L-IFF tkompli tifrex il-ħidma fil-livell ta' grassroots u l-iżvilupp tat-talent . . . 81-86

Birkirkara u t-tfajliet ta' Swieqi United jirbħu l-kampjonati BNF U-17 . . . 87-89

Tisħiħ tal-appoġġ u aktar opportunitajiet għall-impjegati . . . 90-91

Enfasi fuq l-iżvilupp taż-żgħażagħ u t-tħejjijiet tat-tim nazzjonali tal-futsal . . . 92-97

Messaġġ tal-President . . . 98-99

Annessi . . . 100-120



Ritratti: Charisse Agius, Domenic Aquilina, Joe Borg, Timmy Cutugno,
Stephen Gatt, Matthew Hamilton, Walter Sargent u Mark Zammit Cordina.

Din hija pubblikazzjoni tal-Malta Football Association.



Dan il-ktieb jew partijiet minnu ma jistgħux jerġgħu jiġu ppubblikati jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Malta Football Association.

# Daħla



Fi staġun bħal dak li għadu kemm għadda, wieħed mingħajr ma jrid l-ewwel ma jiġuh f'moħħu huma l-avvenimenti l-kbar li kellna. Logħbiet internazzjonali ma' avversarji b'saħħithom bħall-Italja u l-Ingilterra, kif ukoll il-Kampjonat Ewropew tal-UEFA U-19.

Huwa minnu li dawn waħedhom jassorbu ħafna mir-riżorsi u l-isforzi li għandna għad-dispożizzjoni tagħna. Iżda jkun ġust li qabel ma nieqaf fuq dawn, ta' min nirriflettu ftit fuq il-ħidma l-oħra kollha li l-parti l-kbira tagħha ssir wara l-kwinti.

L-istaġun 2022/23 (għal darb'oħra!) ġab miegħu naqra minn kollox, kemm fuq il-pitch u kemm barra. Fuq livell kompetittiv, bejn seniors, youths, nisa u junior competitions, intlagħbu mal-2,400 partita, eskluż il-logħob organizzat mill-Assoċjazzjonijiet Membri. L-ippjanar u l-amministrazzjoni ta' dawn il-partiti u l-kompetizzjonijiet waħedhom diġà

jagħtu ħjiel tal-impenn li jkun jinħtieġ. Ma' dawn hemm ħidma relatata, bħar-reġistrazzjonijiet tal-plejers, il-korpi tad-dixxiplina u l-laqgħat tal-varji bordijiet li jikkostitwixxu l-fora differenti tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn kollha jirrikjedu preparazzjoni kontinwa u segwitu għall-eżitu li joħroġ minnhom.

Minbarra l-amministrazzjoni ordinarja, l-Assoċjazzjoni trid tibqa' tagħmel passi 'l quddiem fl-operat tagħha. Komplew jiżdiedu l-opportunitajiet edukattivi permezz ta' korsijiet varji: għall-amministraturi; first-aid; ground staff; l-istess impjegati tal-Assoċjazzjoni u oħrajn. Dan l-istaġun bdew jitħaddmu wkoll il-formoli online li permezz tagħhom isiru sottomissjonijiet quddiem il-bordijiet ġudizzjarji – mod kif jitħaffef ix-xogħol u l-proċess.

Mill-aspett regolatorju reġa' kellna tibdil sinifikanti, partikolarment fejn jidħol il-liċenzjar tal-klabbs u l-kompożizzjoni tal-kampjonati. Infakkar li bdejna l-istaġun biċ-ċaqliq dovut għal-liċenzja ta' Pembroke Athleta. Kienet sena li rat ukoll tibdil fis-setup tekniku b'coaches nazzjonali ġodda kemm għat-tim nazzjonali maskili kif ukoll dak femminili.

Erġajna bdejna norganizzaw avvenimenti bħall-Awards u pruvajna nattwaw ideat ġodda bħalma kienet il-Finali tas-Super Cup milgħuba f'Għawdex.

Kienet sena oħra ta' esperjenza għall-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, li taħt il-gwida tal-Bord li jmexxiha għadha fl-ewwel passi lejn aktar awtonomija. Iżda diġà nistgħu naraw il-frott tal-attivitajiet tagħha: il-football hubs, il-proġetti fl-iskejjel, dawk fil-futsal u l-futbol tal-bniet.

Matul dan kollu, mexxejna 'l quddiem il-proġett tan-National Football Centre f'Ta' Qali, li l-kostruzzjoni tiegħu issa miexja bil-pass kif pjanat. Ma' dan kien hemm numru ta' proġetti oħra infrastrutturali f'faċilitajiet tal-klabbs.

U fuq kollox, iva, avvenimenti uniċi bħalma kien il-Kampjonat Ewropew U-19 – ħmistax-il logħba li ġew organizzati b'mod li ħalla impatt pożittiv fuq kull min kien involut: it-timijiet parteċipanti, l-aktar minn 20,000 spettatur li attendew għall-partiti, u l-istess UEFA li kellha kliem ta' tifħir għall-mod kif l-Assoċjazzjoni preparat u eżegwiet. Fuq kollox, kien objettiv ieħor miksub mill-istrateġija tal-Assoċjazzjoni, li s-sinifikat tiegħu huwa dak li l-profil tal-organizzazzjoni jikber, kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali. Fl-istess waqt kien opportunità sabiħa għall-plejers żgħażagħ tagħna li għexu kompetizzjoni tal-ogħla livell fi stadju bikri tal-perkors tekniku tagħhom.

Ikun hemm ħafna affarijiet għaddejjin. Dan kollu possibbli grazzi għal tim ta' nies li jaħdem b'passjoni u ħafna drabi b'sens ta' sagrifiċċju personali, kemm min-naħa tal-uffiċjali kif ukoll mill-impjegati. Huwa b'sens ta' rikonoxximent lejhom, kif ukoll lejn dawk kollha li jikkontribwixxu fil-klabbs u l-Assoċjazzjonijiet Membri, li qed nikteb dawn il-kelmtejn. Tajjeb li nevalwaw dak kollu li qiegħed isir u jitwettaq b'mod oġġettiv, u kemm dan ikun qiegħed jissarraf fi progress tal-logħba b'mod kollettiv.

**Dr Angelo Chetcuti**
Segretarju Ġenerali

# Materji importanti f'kull settur tal-Malta FA trattati waqt l-Assemblej Ġenerali

**Mill-istaġun tal-futbol 2021-2022, bl-istrutturi li daħlu fis-seħħ, il-Malta Football Association bdiet torganizza tliet Assemblej Ġenerali matul is-sena, fix-xhur ta' Marzu/April, Lulju u Novembru.**

L-Assemblea Ġenerali ta' nofs is-sena, li tagħti bidu għal staġun ġdid (2022-23), saret fil-15 ta' Lulju, 2022 fil-Lukanda Dolmen.

Dr Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-Malta FA, ippreżenta r-rapport amministrattiv fejn elenka l-ħidma kontinwa li saret mid-dipartimenti tal-Assoċjazzjoni matul it-12-il xahar ta' qabel.

L-approvazzjoni ta' riformi regulatorji u dawk marbuta mal-governanza, li kienu jinkludu emendi għar-regolamenti ta' liċenzjar tal-klabbs, kienu fost il-prijoritajiet.

Saret referenza wkoll għall-proġetti u programmi fis-settur tat-timijiet nazzjonali u dak tekniku, li huma fost il-pilastri ewlenin tal-istrateġija, il-progress u l-inizjattivi fil-futsal u beach soccer, u l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol fit-Training Grounds.

Dr Chetcuti semma wkoll l-eżerċizzju estensiv ta' rebranding li wassal biex l-Assoċjazzjoni u




**Dr Angelo Chetcuti, Segretarju Ġenerali tal-Malta FA, jindirizza l-Assemblea Ġenerali li saret fil-15 ta' Lulju, 2022.**



**Il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA għall-istaġun 2022-23.**

t-timijiet nazzjonali jingħataw identità viżiva ġdida, liema proċess kien relatat ukoll mat-tnedija ta' kits ġodda għat-tim nazzjonali manifatturati mid-ditta erreà.

## MEMBRI TAL-BORD EŻEKUTTIV

Sitt membri ġew eletti fil-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA għall-istaġun 2022-23 waqt l-istess Assemblea Ġenerali. L-uffiċjali l-ġodda ġew nominati biex iservu fl-ogħla organu eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni mill-iStanding Committees jew Assoċjazzjonijiet Membri rispettivi.

Michael Valenzia kien elett f'isem il-klabbs tal-Kampjonat Premier filwaqt li Joseph Gauci (li matul l-istaġun irriżenja u postu ħadu Mark Tanti), Dr Peter Fenech u Matthew Naudi kienu eletti bħala t-tliet rappreżentanti taċ-Challenge League.

Godfrey Borg żamm postu fil-Bord Eżekuttiv wara li ġie nominat biex jirrappreżenta n-National Amateur League, filwaqt li Pio Vassallo kien elett bħala r-rappreżentant tal-futsal u l-beach soccer.

Il-membri ordinarji l-oħra tal-Bord Eżekuttiv għall-perjodu 2021-2023 kienu Jesmond Abela, David Abdilla, Lawrence Aquilina, Dr Samuel Azzopardi, Patrick Cutajar, Robert Camilleri, Victor Cassar, Dana Farrugia, Carlo Mamo, Robert Micallef, Chris Grech, Stephanie Rocco, Claudio Martinelli u Francis Muscat.

Ma' dawn jingħaqdu l-Uffiċjali tal-Assoċjazzjoni, jiġifieri l-President Bjorn Vassallo, is-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti, u l-Viċi Presidenti Ludovico Micallef, Adrian Casha u Dr Matthew Paris.

Fl-Assemblea ta' Lulju ġew approvati wkoll emendi li jippermettu l-użu ta' formoli elettroniċi għal sottomissjonijiet li jsiru quddiem il-bordijiet tal-Assoċjazzjoni.

## PROĠETTI FIS-SETTUR TEKNIKU U T-TIMIJIET NAZZJONALI

Il-ħidma tad-dipartimenti li jiffurmaw is-settur tekniku u l-prestazzjonijiet tat-timijiet nazzjonali kienu l-punti ewlenin tal-Assemblea Ġenerali li saret fit-8 ta' Novembru.

Il-President tal-Malta FA, Bjorn Vassallo, qal lill-assemblea li l-progress tat-timijiet nazzjonali fit-tliet snin li għaddew għandu jkun mixtarr fil-kuntest tal-ewwel pilastru (investiment fl-infrastruttura teknika u l-implimentazzjoni ta' filosofija ta' logħob unika għat-timijiet nazzjonali) u t-tielet pilastru (it-tnedija tal-ewwel proġetti ewlenin tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol) tal-istrateġija tal-Assoċjazzjoni għall-perjodu 2020-24.



**Il-kompożizzjoni tal-kampjonati nazzjonali u s-sitwazzjoni finanzjarja kienu diskussi waqt l-Assemblea Ġenerali li saret f'April.**

## KOMPOŻIZZJONI TAL-KAMPJONATI NAZZJONALI

Il-kompożizzjoni tal-kampjonati nazzjonali kienet waħda mit-temi prinċipali tal-Assemblea Ġenerali li saret fit-13 ta' April fis-Centenary Hall.

L-assemblea approvat mozzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-kampjonati u b'hekk ikkonfermaw il-proposti li rriżultaw minn sforz kollettiv bejn il-Malta FA u l-imsieħba ewlenin biex il-kompetizzjonijiet tal-futbol isiru iktar attraenti u kompetittivi.

Mill-istaġun 2024-25, l-ammont ta' timijiet fil-Kampjonat Premier se jonqos minn 14 għal 12-il tim. Diskussjonijiet li saru fil-livell ta' Standing Committees iddeterminaw il-mod ta' promozzjonijiet u relegazzjonijiet meħtieġa biex iwasslu għall-kompożizzjoni bi 12-il tim fl-ogħla diviżjoni, 16-il tim fiċ-Challenge League u 25 fin-National Amateur League. Ir-regolamenti li jimplimentaw din it-tranżizzjoni mbagħad ġew approvati mill-Bord Eżekuttiv fuq id-delega tal-Assemblea Ġenerali.

## RAPPORT FINANZJARJU

Ir-rapport finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2022 ġie approvat mill-Assemblea Ġenerali.

Ir-rapport finanzjarju, ippreżentat minn Ivan Mizzi, it-Teżorier tal-Malta FA, wera dħul operattiv ta' €9.43 miljun filwaqt li n-nefqa totali laħqet €11.09 miljun. Din is-sitwazzjoni finanzjarja kienet antiċipata minħabba l-impatt negattiv tal-pandemija COVID-19 fl-aħħar tliet snin, u l-ispejjeż kbar biex jiġu implimentati u sostnuti il-protokolli tas-saħħa li kienu mandatorji f'dak il-perjodu.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru varat mill-Assoċjazzjoni s-sena ta' qabel u t-tbassir finanzjarju għas-sena 2022 kienu jeħtieġu numru ta' interventi bil-għan li l-ispiża tinżamm taħt kontroll. Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni assorbiet l-impatt negattiv tal-COVID filwaqt li baqgħet tappoġġja lill-klabbs membri u tipproteġi l-kundizzjonijiet tal-impjegati tagħha.

## BORD TAL-APPELLI

Bħal staġuni normali oħra, dan l-istaġun ġab miegħu ċertu volum ta' xogħol kumplimentari għall-bordijiet l-oħra fi ħdan il-Malta Football Association matul is-sena.

Fil-bidu, il-bord kellu bidla fic-Chairman wara li rtira mill-bord Dr Ronald Cuschieri u postu ħadu Dr Joseph Azzopardi – Prim imħallef Emeritus li aktar tard matul l-istaġun kellu jħalli l-irwol tiegħu wara li nħatar Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Dr Cuschieri aċċetta li jerġa' jokkupa l-kariga ta' Chairman fejn jien mgħejjun minn Nick Xuereb li mexxa wkoll xi seduti. Il-bord kellu wkoll membru ġdid, Dr David Fabri.

Matul l-istaġun 2022-23 il-Bord iltaqa' għal 23 seduta li fihom sema' xejn inqas minn 41 appell minn klabbs u individwi dwar sospensjonijiet ta' plejers, coaches u diriġenti waqt li oħrajn ittrattaw appelli minn deċiżjonijiet ta' bordijiet oħra tal-Malta FA.




**Il-laqgħa tal-Bord Eżekuttiv f'Diċembru saret fl-uffiċċji tal-Gozo FA.**

Minn dawn il-każi kollha, il-Bord iddeċieda favur l-appellanti f'okkażjoni waħda biss, fejn is-sentenza meħuda mill-ewwel bord ġiet revokata għal kollox. Min-naħa l-oħra, kien hemm total ta' 19-il każ fejn is-sentenza ġiet parzjalment revokata u mibdula f'waħda inqas severa filwaqt li 18-il każ ieħor kienu miċħuda u s-sentenzi ġew ikkonfermati. Kellna tliet appelli li ġew irtirati qabel kellhom jinstemgħu.

Matul is-sena jkun hemm ħidma ta' kumitati oħra. Dawn jinkludu:

**Kumitat tal-Etika u l-Compliance** – il-Kumitat, immexxi minn Stefan Buontempo kellu numru ta' każijiet li jkunu riferiti lilu mill-Bord Eżekuttiv jew mis-Segretarju Ġenerali skont il-każ. Barra minn hekk imexxi l-proċess ta' due diligence li jsir fuq l-Uffiċjali tal-Assoċjazzjoni u l-membri tal-Bord Eżekuttiv.

**Youth, Amateur, and Grassroots Committee** – immexxi mill-Viċi President Ludovico Micallef, dan il-kumitat jevalwa l-applikazzjonijiet tan-nurseries u jagħtihom li-liċenzja skont il-kriterji rispettivi applikabbli. Fl-aħħar xhur il-kumitat evalwa għadd ta' emendi fir-regolamenti li se jkunu proposti fil-ġimgħat li ġejjin.

**Coaches Licensing Committee** – dan il-kumitat għandu l-funzjoni li jevalwa l-applikazzjonijiet ta' coaches kwalifikati għal-liċenzja rispettiva. Ippresedut mill-Viċi President Ludovico Micallef.

**Medical Policy Committee** – immexxi mill-Viċi President Adrian Casha, dan il-kumitat isegwi materji marbuta mal-aspett mediku u jara li jsir titjib fdan il-qasam abbażi tal-pariri tat-tobba tal-Assoċjazzjoni.

**Finance Committee** – dan il-kumitat għandu l-funzjoni li jiskrutinja lill-amministrazzjoni fejn jidħlu baġit u ġestjoni finanzjarja qabel dawn jgħaddu għall-approvazzjoni mill-Bord Eżekuttiv. Id-diskussjoni fi ħdanu tkun tinkludi spjegazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja u pariri mogħtija mill-membri indipendenti b'esperjenza f'dan il-qasam. Il-Kumitat huwa ppresedut mill-Viċi President Dr Matthew Paris. ■

# Relazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni

**Id-djalogu u l-konsultazzjoni llum saru parti integrali mill-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet grazzi għad-diversi fora li jeżistu għal dan l-għan.**

## DJALOGU SOĊJALI

F'dan il-kumitat, li jlaqqa' rappreżentanti tal-plejers ma' dawk tal-klabbs fil-vesti tagħhom ta' employers, issuktat id-diskussjoni dwar is-sistema ta' training compensation meta plejer jingħata l-ewwel kuntratt professjonali. Barra minn hekk, żdied l-ammont ta' kumpens permess għal plejers amateur. Il-Kumitat huwa mmexxi mill-Viċi President Dr Matthew Paris.

## STAKEHOLDERS COMMITTEE

F'dan il-kumitat, li ġie kostitwit għall-ewwel darba, tlaqqgħu numru ta' msieħba interessati: klabbs, coaches, plejers, partitarji, ġenituri tal-plejers, u oħrajn, li inizjalment intalbu jimlew kwestjonarju dwar numru ta' temi ewlenin li jolqtu l-kompetizzjonijiet. Dan wara li setgħu jikkonsultaw lill-kategoriji li jirrappreżentaw. Wara




**Aleksander Čeferin kien konfermat bħala President tal-UEFA għall-erba' snin li ġejjin.**

dan, ir-riżultati tal-kwestjonarju ġew analizzati biex provdew direzzjoni dwar temi li kienu jinkludu l-kalendarju, in-numru ta' plejers non-homegrown, il-kompożizzjoni tal-kampjonati u l-użu ta' plejers żgħażagħ. L-eżitu ta' din il-konsultazzjoni ggwida d-deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Bord Eżekuttiv dwar dawn il-materji.

Fil-fatt saret diskussjoni aktar wiesgħa mal-imsieħba fuq livell ta' Stakeholders Committee qabel wasalna għall-proposti quddiem dan il-Competitions Committee.

Matul l-aħħar xhur ingħata bidu wkoll għal studju u analiżi biex tkun ippreżentata strateġija ġdida għall-futbol tan-nisa f'pajjiżna.

## COMPETITIONS COMMITTEE

Fi staġun fejn ġie deċiż li tinbidel il-kompożizzjoni tal-kampjonat nazzjonali, il-Competitions Committee ġab fi ħdanu r-rappreżentanti mit-tliet livelli tiegħu, il-Premier League, iċ-Challenge League, u n-National Amateur League. Flimkien dawn iddiskutew it-tranżizzjoni neċessarja b'mod partikolari n-numru ta' relegazzjonijiet u promozzjonijiet fl-istaġun li jmiss biex il-kompożizzjoni tiġi dik ta' 12 fil-Premier League, 16 fiċ-Challenge League, u eventwalment 25 fin-National Amateur League li mill-2024-25 jinqasam f'NAL 1 u NAL 2. Dawn id-diskussjonijiet iggwidaw lill-Bord Eżekuttiv li finalment iddeċieda dwar ir-regolamenti neċessarji biex jimplimentaw din it-tranżizzjoni.



**Bjorn Vassallo kien fost il-kandidati għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA.**

## INTERNAZZJONALI

Ir-rappreżentanza tal-Assoċjazzjoni barra minn xtutna tikkonsisti f'numru ta' impenji matul is-sena li jservu biex jissaħħu r-relazzjonijiet tal-Malta FA partikolarment mal-UEFA u l-FIFA kif ukoll assoċjazzjonijiet nazzjonali oħra. F'Ottubru 2022 fi Frankfurt, telgħu l-poloz tal-gruppi ta' kwalifikazzjoni





**Il-Malta FA ffirmat MOU mal-Federazzjoni Spanjola dwar għajnuna teknika.**

għall-EURO 2024 li se jsir fil-Ġermanja. Dawn laqqgħu lit-tim nazzjonali Malti fi grupp mal-Italja, l-Ingilterra, l-Ukrajna u l-Maċedonja ta' Fuq. Fl-istess jiem saret laqgħa tat-Top Executive Programme, li jġib flimkien lill-Presidenti u Segretarji Ġenerali tal-Assoċjazzjonijiet Membri tal-UEFA, li fiha ġew diskussi temi rikorrenti. Dawn kienu jinkludu l-eżitu tal-każ quddiem il-Qorti Ewropea li jittratta l-European Super League; iċ-ċiklu ġdid ta' Solidarity Payments; u novitajiet fil-format ta' għadd ta' kompetizzjonijiet Ewropej.

Fil-marġni ta' dawn il-laqgħat l-uffiċjali kkonkludew ukoll Memorandum of Understanding mal-Federazzjoni Spanjola dwar għajnuniet tekniċi f'oqsma varji tal-logħba.

F'Novembru, waqt li kienet għaddejja t-Tazza tad-Dinja fil-Qatar, il-FIFA organizzat Summit li fih ingħataw dettalji dwar il-pjanijiet tal-FIFA fejn jidħlu l-għajnuniet fuq livell tekniku permezz tat-Talent Development Scheme u l-programm FIFA Forward. Dan kien segwit bil-Kungress tal-istess FIFA fir-Rwanda li matulu ngħata rappurtaġġ dwar l-attivitajiet kif ukoll ir-riżultati finanzjarji tal-FIFA fis-sena li għaddiet.




**L-uffiċjali tal-Malta FA - Dr Angelo Chetcuti (Segretarju Ġenerali), Bjorn Vassallo (President) u Ivan Mizzi (Teżorier) attendew għall-Kungress tal-FIFA li sar fir-Rwanda.**






**Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo kellu laqgħa ma' Gianni Infantino, President tal-FIFA, f'Marzu.**

F'Marzu l-UEFA organizzat laqgħa għas-Segretarji Ġenerali tal-Assoċjazzjonijiet Membri f'Milan fejn ġew preżentati dettalji dwar iċ-ċiklu l-ġdid tal-Hattrick Programme kif ukoll aġġornamenti dwar il-futur tal-kompetizzjonijiet Ewropej kemm fuq livell ta' timijiet nazzjonali kif ukoll tal-klabbs.

Finalment, il-Kungress li sar f'Liżbona fil-5 ta' April kien wieħed partikolari għar-rappreżentanti Maltin hekk kif il-Presiden Bjorn Vassallo kien qiegħed jikkontesta għall-ewwel darba post fuq il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA. Minkejja ħidma sfieqa fil-ġimgħat li ppreċedew il-Kungress, Vassallo ġab 25 vot, sitta inqas min-numru meħtieġ biex ikun wieħed mis-seba' kandidati eletti minn fost il-11 li kkontestaw. Matul dan il-kungress ġie rielett il-President tal-UEFA Aleksander Čeferin għal mandat ieħor ta' erba' snin. Huwa ma kienx ikkontestat.

Dawn l-impenji jingħaqdu ma' oħrajn li jinvolvu għadd ta' uffiċjali li jagħmlu parti minn kumitati u panels varji. Fil-mandat li għalaq din is-sena fuq il-kumitati tal-UEFA, il-President Bjorn Vassallo kien membru tan-National Associations Committee, is-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti kien membru tan-National Teams Competitions Committee, il-Viċi President Ludovico Micallef kien membru tal-Youth and Amateur Football Committee, filwaqt li l-Viċi President Dr Matthew Paris kien membru tal-Players' Status, Transfer and Agents and Match Agents Committee.



**L-uffiċjali tal-Malta FA Bjorn Vassallo (President), Ludovico Micallef (Viċi President) u Dr Angelo Chetcuti (Segretarju Ġenerali) flimkien ma' Zvonimir Boban (Chief of Football – UEFA) fil-Mużew tal-Futbol Malti.**

# Ħamrun Spartans jiddominaw u jirbħu l-kampjonat għad-disa' darba

## Birkirkara jiddefendu b'suċċess it-titlu fil-kampjonat tan-nisa

**Ħamrun Spartans rebħu l-Kampjonat BOV Premier 2022-23 biex b'hekk rebħu t-titlu nazzjonali għad-disa' darba fl-istorja tal-klabb. Bla dubju, dan kien suċċess meritat hekk kif l-Ispartans iddominaw l-istaġun mill-bidu sal-aħħar.**

Taħt it-tmexxija tal-coach Branko Nisevic, ir-rekord tagħhom kien dak ta' 22 rebħa, tliet draws u telfa għal total ta' 69 punt. Huma temmew fl-ewwel post b'vantaġġ ta' 19-il punt fuq l-eqreb rivali, Birkirkara, li huwa rekord assolut.

Interessanti huwa l-fatt ukoll li l-unika telfa li sofrew kienet kontra Żebbuġ Rangers, bl-iskor ta' 4-2, u li ntlagħbet f'żewġ taqsimiet, f'żewġ ġranet differenti minħabba li fit-12 ta' Novembru, 2022, ġiet abbandunata fil-mistrieħ minħabba l-maltemp, biż-Żebbuġin kienu qed igawdu vantaġġ ta' 2-1.




**Ħamrun Spartans rebħu l-Kampjonat BOV Premier 2022-23 b'mod konvinċenti.**

Imbagħad, it-tieni taqsima ntlagħbet fis-27 tal-istess xahar. Ir-Rangers irrepetew l-iskor tat-taqsima preċedenti biex ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-2.

Il-Ħamruniżi ġew dikjarati champions meta kien għad fadal erba' logħbiet għal tmiem l-istaġun... eżattament nhar il-11 ta' Marzu, 2023, fir-rebħa ta' 1-0 fuq Gżira United.

Birkirkara spiċċaw fit-tieni post filwaqt li kien hemm taqtiegħa għat-tielet post bejn Gżira United, Mosta, Balzan u Hibernians.

Fl-aħħar ġurnata dawn it-timijiet kollha ħarġu rebbieħa biex il-Gżirjani rebħu d-dritt biex fl-istaġun li ġej jilagħbu fil-UEFA Europa Conference League (flimkien ma' Birkirkara). Huma temmew fit-tielet post bi 48 punt.

Iżda minħabba l-fatt li Birkirkara rebħu l-IZIBET FA Trophy kien jinħtieġ li tintlagħab logħba deċiżiva bejn Balzan u Hibernians, li flimkien ma' Mosta, spiċċaw b'46 punt kull wieħed. Iżda Mosta sfaw eliminati minn din il-logħba deċiżiva minħabba l-fatt li bejn it-tliet timijet kellhom l-aktar rekord inferjuri fil-konfronti diretti.

Kienu Balzan li qatgħu l-biljett għal din il-kompetizzjoni Ewropeja, wara nuqqas ta' erba' snin, wara li għelbu lil Hibernians bl-iskor ta' 3-2, wara l-ħin barrani.

Fin-naħa t'isfel, it-taqtiegħa għas-salvazzjoni kienet bejn Santa Lucia, Żebbuġ Rangers u Pietà Hotspurs.

Fl-aħħar ġurnata, kienu Pietà Hotspurs biss li rreġistraw draw iżda ma kienx biżżejjed biex setgħu jsalvaw posthom fl-ogħla diviżjoni.

**9 – Ħamrun Spartans** rebħu l-Kampjonat **BOV Premier 2022-23** biex b'hekk rebħu t-titlu Malti **għad-disa' darba** fl-istorja tal-klabb



**Total ta' 14-il tim ikkompetew fil-Kampjonat BOV Premier fl-istaġun 2022-23.**

Min-naħa taż-żewġ timijiet l-oħra sofrew telfa bil-konsegwenza li l-klassifika baqgħet kif kienet ... Santa Lucia (15), Żebbuġ Rangers (14) u Pietà Hotspurs (12) ... biż-Żebbuġin jitilfu posthom fil-Kampjonat Premier.

Madankollu, Santa Lucia kellhom jilagħbu fi Play-Off kontra Żejtun Corinthians li temmew fit-tielet post tal-BOV Challenge League. Dan il-konfront intrebaħ minn Santa Lucia bl-iskor ta' 2-0 biex fl-istaġun li ġej se jibqgħu jilagħbu fil-Kampjonat BOV Premier.

## IZIBET FA TROPHY

L-IZIBET FA Trophy 2022-23 intrebħet minn Birkirkara meta fil-finali għelbu lil Marsaxlokk bl-iskor ta' 2-0 b'gowls fit-tieni taqsima minn Osvaldo Iorio u awto-gowl ta' Claudio Bonanni.

Filwaqt li din kienet it-tieni darba li Marsaxlokk waslu sal-finali, għall-Karkariżi kienet il-11-il darba u rebħuha għas-sitt darba.

F'din il-85 edizzjoni ta' din il-kompetizzjoni ħadu sehem 44 tim – Premier League (14); Challenge League (18); Amateur League (4); Gozo l-Ewwel Diviżjoni (8).

**6** – **Birkirkara** rebħu l-kompetizzjoni **FA Trophy** għas-**sitt darba**

**790** – it-total ta' **plejers li lagħbu** fil-kompetizzjoni tal-**IZIBET FA Trophy 2022-23**

**156** – b'kollox ġew **skurjati** **156 goal** fl-FA Trophy li **14** minnhom waslu minn **penalties**

Il-format kien fuq sitt rawnds għal total ta' 43 partita.

L-aħħar tmien timijiet kienu:

| **Kwarti-Finali** | | |
|---|---|---|
| 25.02.2023 | Gżira United vs Gudja United | 1-1 (4-3 pens) |
| 25.02.2023 | Birkirkara vs Ħamrun Spartans | 1-0 |
| 26.02.2023 | Mosta vs San Ġwann | 5-0 |
| 26.02.2023 | Hibernians vs Marsaxlokk | 0-1 |

| **Semi-Finali** | | |
|---|---|---|
| 25.04.2023 | Marsaxlokk vs Gżira United | 1-1 (5-4 pens) |
| 26.04.2023 | Birkirkara vs Mosta | 4-3 |

| **Finali** | | |
|---|---|---|
| 30.04.2023 | Birkirkara vs Marsaxlokk | 2-0 |

## BOV SUPER CUP

Il-BOV Super Cup għas-sena 2022 intlagħbet għall-ewwel darba fil-Gozo Stadium nhar it-8 ta' Diċembru b'Hibernians, champions tal-istaġun 2022-23, jaffrontaw lil Floriana, rebbieħa tal-FA Trophy. Kienu Hibernians li rebħu dan it-trofew 5-4 wara l-għoti tal-penalties billi l-iskor fi tmiem il-ħin regolari u l-ħin barrani baqa' ma nfetaħx.




**Birkirkara rebħu l-IZIBET FA Trophy wara li għelbu lil Marsaxlokk 2-0 fil-finali.**




**Hibernians rebħu l-finali tal-BOV Super Cup kontra Floriana, 5-4 wara l-għoti tal-penalties. Il-finali ntlagħbet f'Għawdex.**

## KAMPJONAT ASSIKURA TAN-NISA

Birkirkara saru l-ewwel tim li rebaħ it-trofew il-ġdid tal-Kampjonat tan-Nisa Assikura wara li kienu inkurunati champions għall-11-il darba fl-istorja tal-klabb.

Taħt it-tmexxija tal-coach Josè Borg, Birkirkara għelbu l-isfida denja ta' Swieqi United biex iddefendew it-titlu b'suċċess b'total ta' 50 punt matul il-kampjonat kollu. L-Istripes rebħu wkoll l-Assikura Super Cup f'Diċembru meta fil-finali għelbu lil Swieqi United 2-0.

Swieqi United pattew għal dawn id-diżappunti meta rebħu l-Assikura Women's Knock-Out bi iskor ta' 2-1 kontra Hibernians li kellhom wirjiet sodisfaċenti fi staġun li mmarka r-ritorn tal-klabb fil-kompetizzjonijiet tal-futbol femminili.

**11 – Birkirkara** kienu inkurunati **champions** tal-futbol **tan-nisa** għall-**11-il darba** fl-istorja tal-klabb




**Swieqi United rebħu l-Assikura Knock-Out tan-nisa.**





**Sliema Wanderers irritornaw fl-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti wara li rebħu l-BOV Challenge League.**

## BOV CHALLENGE LEAGUE

Sliema Wanderers irritornaw fl-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti wara li ddominaw il-BOV Challenge League. Taħt il-gwida tal-coach Paul Zammit, il-Wanderers rebħu t-titlu mingħajr ma ġarrbu telfa waħda biex aċċertaw ruħhom mill-promozzjoni diversi ġimgħat qabel tmiem il-kampjonat. Huma temmew l-impenji tagħhom b'total ta' 75 punt.

L-ewwel sitt timijiet ikklassifikati ikkwalifikaw għat-Top Six liema kategorija kienet tinkludi lil Sliema Wanderers (75), Naxxar Lions (60), Żejtun Corinthians (47), Tarxien Rainbows (46), Melita (34) u Żurrieq (32).

Din intlagħbet fuq żewġ rawnds fejn kull tim lagħab 10 partiti. Dan kien ifisser ukoll li dawn it-timiijiet lagħbu total ta' 27 logħba matul l-istaġun.

Flimkien ma' Sliema Wanderers, Naxxar Lions ġew promossi fil-BOV Premier League.

Żejtun Corinthians, li temmew fit-tielet post, kellhom jilagħbu fi Play-Off kontra Santa Lucia, li spiċċaw fit-tielet post mill-aħħar fil-Kampjonat BOV Premier, biex jiġi determinat min minnhom se jilgħab fl-ogħla diviżjoni fl-istaġun 2023-24. Din il-partita deċiżiva ntrebħet minn Santa Lucia bl-iskor ta' 2-0.

Il-kategorija tal-Play Out, komposta mit-12-il tim l-oħra, kienet tinkludi lil Swieqi United (50), Fgura United (41), St Andrew's (40), Lija Athletic (39), Attard (37), Marsa (35), San Ġwann (34), Qrendi (31), Marsaskala (29), Mqabba (22), Vittoriosa Stars (22) u Mtarfa (21).

L-aħħar sitt timijiet, jiġifieri, San Ġwann, Qrendi, Marsaskala, Mqabba, Vittoriosa Stars u Mtarfa, sfaw relegati għall-IZIBET Amateur League. Ġew relegati daqstant timijiet minħabba li fl-istaġun 2023-24, il-BOV Challenge League se jkun kompost minn żewġ timijiet inqas, jiġifieri, 16. B'hekk ġew promossi erba' timijiet mill-IZIBET Amateur League.

## IZIBET AMATEUR LEAGUE

Fl-IZIBET National Amateur League, Senglea Athletic kellhom staġun memorabbli wara li rebħu l-kampjonat b'rebħa ta' 2-0 fuq Msida St Joseph fid-decider.

| Grupp A kien kompost minn 11-il tim | |
|---|---|
| Senglea Athletic | 53 |
| Mġarr United | 50 |
| Żabbar St Patrick | 48 |
| Kalkara | 36 |
| Xgħajra Tornados | 32 |
| Birżebbuġa St Peter's | 28 |
| Qormi | 22 |
| Pembroke Athleta | 21 |
| Mellieħa | 16 |
| St Venera Lightnings | 14 |
| Ta' Xbiex | 1 |

| Grupp B kien kompost minn 10 timijiet | |
|---|---|
| Msida St Joseph | 43 |
| Luqa St Andrew's | 33 |
| Għargħur | 31 |
| Rabat Ajax | 31 |
| Kirkop United | 29 |
| St George's | 29 |
| Għaxaq | 25 |
| Siġġiewi | 12 |
| Dingli Swallows | 9 |
| Mdina Knights | 6 |

Filwaqt li Senglea Athletic u Msida St Joseph rebħu l-promozzjoni awtomatika, kien jinħtieġ żewġ timijiet oħra biex jiġu promossi.

L-ewwel tim sar magħruf permezz ta' partita deċiżiva bejn iż-żewġ timijiet li spiċċaw fit-tieni post ta' kull grupp. Luqa St Andrew's (B) għelbu lil Mġarr United (A) bl-iskor ta' 2-1.




**Senglea Athletic rebħu l-IZIBET Amateur League wara li għelbu lil Msida St Joseph 2-0 fid-decider.**

It-telliefa ta' din il-partita deċiżiva, Mġarr United, tpoġġew fil-finali tal-Play-offs li ntlagħbu bejn is-sitt timijiet li temmew mit-tielet sal-ħames post ta' kull grupp – Żabbar SP, Kalkara u Xgħajra Tornados minn Grupp A u Għargħur, Rabat Ajax u St George's minn Grupp B.

St George's ġew dikjarati li spiċċaw fil-ħames post wara li rebħu l-play-off bl-iskor ta' 3-1 kontra Kirkop United wara li temmew b'punti ndaqs.

Eventwalment kienu Żabbar St Patrick li rebħu l-finali tal-Play-Offs u ngħaqdu ma' Senglea Athletic, Msida St Joseph u Luqa St Andrew's biex fl-istaġun li ġej jilagħbu fil-BOV Challenge League.

Żabbar St Patrick rebħu wkoll in-National Amateur Cup meta għelbu lill-Mġarr United 2-0 fil-finali b'żewġ gowls tal-plejer Brażiljan David Oliveira Souza.

Senglea Athletic rebħu l-Amateur Super Cup wara li għelbu l-isfida ta' Żabbar St Patrick b'gowl uniku tal-playmaker Kolombjan Sebastian Perdomo.

## NATIONAL YOUTH LEAGUES

Il-kampjonati nazzjonali tal-youths għal timijiet ta' taħt id-19-il sena kienu maqsuma f'erba' sezzjonijiet.

Ħamrun Spartans irreplikaw is-suċċess tat-tim tal-kbar meta rebħu Sezzjoni A b'total ta' 52 punt b'Mosta jispiċċaw fit-tieni post. Swieqi United u Melita tilfu posthom f'Sezzjoni A.



**Birkirkara jiċċelebraw ir-rebħ tal-Assikura Women's Youth League**



**Raiders-Lija - rebbieħa tal-Assikura Youth Knock Out.**



**Ħamrun Spartans rebħu n-National Youth League.**

F'Sezzjoni B, it-titlu mar għand Kirkop United b'total ta' 52 punt, ħamsa iktar minn Tarxien Rainbows li kisbu t-tieni post u promozzjoni għal Sezzjoni A. Luqa St Andrew's u Qormi sfaw relegati u posthom se jittieħed minn Gżira United, rebbieħa ta' Sezzjoni Ċ b'total ta' 50 punt, u Fgura United. Iż-żewġ timijiet li spiċċaw fl-aħħar pożizzjonijiet kienu Marsaxlokk u Żejtun Corinthians.

Senglea Athletic kisbu l-ewwel post f'Sezzjoni D biex l-istaġun li ġej se jilagħbu f'Sezzjoni Ċ flimkien ma' Marsaskala.

Fil-kompetizzjonijiet taż-żgħażagħ tan-nisa, sponsorjati minn Assikura Insurance Brokers, Birkirkara rebħu l-kampjonat wara li għelbu lil Raiders-Lija f'decider, 3-1. Il-kompetizzjoni tan-Knock-Out intrebħet minn Raiders-Lija.




Jade Flask u Matthew Guillaumier rebħu l-unuri prinċipali fil-Malta FA Awards 2023.

**2 – Il-midfielder internazzjonali ta' Ħamrun Spartans Matthew Guillaumier rebaħ l-unur tal-Malta FA Plejer tas-Sena għat-tieni darba fil-karriera tiegħu**

## MALTA FA AWARDS

Iċ-ċerimonja tal-Malta FA Awards irritornat dis-sena wara li fit-tliet staġuni ta' qabel, dan l-avveniment sar fuq skala iżgħar minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-COVID-19. Il-protagonisti tal-Malta FA Awards 2022-23, li saret fil-lukanda Dolmen, kienu l-midfielder internazzjonali ta' Ħamrun Spartans Matthew Guillaumier u Jade Flask, il-plejer ta' Swieqi United u t-tim nazzjonali tan-nisa, li rebħu ż-żewġ unuri prinċipali – il-Malta FA Plejer tas-Sena fil-kategoriji tal-irġiel u tan-nisa.

## IR-REBBIEĦA TAL-MALTA FA AWARDS GĦALL-ISTAĠUN 2022-23

| | |
|---|---|
| Malta FA plejer tas-sena (Irġiel) | Matthew Guillaumier (Ħamrun Spartans) |
| Malta FA plejer tas-sena (Nisa) | Jade Flask (Swieqi United) |
| Coach tas-sena | Branko Nisevic (Ħamrun Spartans) |
| Plejer żagħżugħ tas-sena | Andrea Zammit (Valletta) |
| Unur għall-aqwa plejer barrani | Angel Torres (Balzan) |
| L-aqwa plejer tal-BOV Challenge League | Lydon Micallef (Sliema Wanderers) |
| L-aqwa plejer tal-IZIBET Amateur League | Christian Saint Ebisindor (Mġarr United) |
| L-aqwa plejer tal-BNF Youth League (Irġiel) | Nathan Agius (Mosta) |
| L-aqwa plejer tal-BNF Youth League (Nisa) | Sara Saliba (Birkirkara) |
| L-unur tal-Fair Play | St Andrews |
| L-isbaħ gowl tal-istaġun | Jake Grech (Hibernians vs Floriana – 12 ta' Diċembru, 2022) |
| Hall of Fame | Andrew Cohen, Tessie Agius |
| Unuri mogħtija mill-President tal-Malta FA (President's Award) | Joseph Micallef, Paul Spiteri |




# Marcolini jinħatar Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali

## Jispikkaw l-impenji kontra l-Italja u l-Ingilterra fl-Istadium Nazzjonali

**Waqt li għadda minn bidla sinifikanti fl-amministrazzjoni, iċ-Ċentru Tekniku kompla l-vjaġġ li beda biex jistabbilixxi filosofija unifikata għat-timijiet nazzjonali Maltin. Din l-era trasformattiva rat il-ħatra ta' Michele Marcolini, professjonist li fost l-oħrajn lagħab aktar minn 200 partita fis-Serie A Taljana.**

L-ingaġġ ta' Marcolini, li ħa post Devis Mangia, mhux biss injetta perspettivi ġodda fis-sistema iżda introduċa wkoll approċċi innovattivi filwaqt li ppreserva l-prinċipji fundamentali li jsaħħu l-metodoloġija tat-timijiet nazzjonali tagħna.

Bil-wasla ta' head coach ġdid, iċ-Ċentru Tekniku baqa' jibni fuq il-pedamenti u l-ħidma sfieqa li saret fl-aħħar snin filwaqt li fittex li jesplora toroq u metodoloġiji differenti biex tkompli tittejjeb il-prestazzjoni tat-timijiet nazzjonali tagħna.

Minkejja l-bidliet, l-essenza tal-missjoni taċ-Ċentru Tekniku tibqa' soda: li noħolqu filosofija tal-futbol magħquda li tinfirex fil-livelli kollha tat-timijiet nazzjonali tagħna. Filwaqt li tħaddan perspettivi u strateġiji ġodda, l-amministrazzjoni tibqa' soda fl-impenn tagħha biex trawwem it-talenti tal-plejers tagħna, tiżviluppa l-ħiliet tagħhom,

u trawwem stil ta' logħob koeżiv li huwa distintament tagħna.

## AKTAR MINUTI TA' LOGĦOB GĦALL-PLEJERS MALTIN

It-tħassib ewlieni tal-head coach huwa n-nuqqas ta' ħin tal-logħob li ż-żgħażagħ tagħna qed jiksbu mat-timijiet li qegħdin jilagħbu magħhom fil-klabbs tal-Kampjonat BOV Premier u n-nuqqas ta' plejers Maltin f'ċerti pożizzjonijiet li jidher li hija kwistjoni rikorrenti għal dawn l-aħħar snin. Wieħed jista' jara li huma ftit dawk il-plejers li jintgħażlu fit-tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena u li qegħdin jilagħbu fuq bażi regolari mat-tim tagħhom fil-Premier League Malti.

Sabiex nindirizzaw dawn in-nuqqasijiet għandna bżonn:

- Li nkomplu nibnu u nespandu proġetti speċifiċi li diġà jeżistu bħall-Elite Player Performance Project (EPPP) u Strength and Conditioning (S&C). Wara sentejn ta' esperjenza dawn il-programmi għandhom jiġu evalwati u jkunu irfinati biex ikunu involuti plejers żgħażagħ fosthom dawk li diġà jilagħbu mat-tim nazzjonali A. Permezz ta' dawn il-proġetti, ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport tal-FIFA dwar l-ekosistema tal-futbol f'Malta jibqgħu l-inizjattivi ewlenija tagħna u se nkomplu niżviluppaw il-firxa ta' servizzi disponibbli li huma mfassla biex jappoġġjaw il-prestazzjoni tal-plejers. Tipikament, dan jinkludi s-saħħa u l-kondizzjonament, il-psikoloġija, il-fiżjoterapija u n-nutrizzjoni.
- Nistudjaw mill-qrib plejers li huma eliġibbli biex jilagħbu mat-tim nazzjonali tagħna.
- Li jiżdied in-numru ta' logħbiet internazzjonali f'ċerti kategoriji u għall-inqas jinżamm in-numru sinifikanti ta' logħbiet internazzjonali milgħuba f'kategoriji ta' etajiet oħra.
- Inkomplu niżguraw it-tkabbir tad-diversi dipartimenti tagħna f'termini ta' teknika, tattika, prestazzjoni, scouting, identifikazzjoni tat-talent u u match analysis biex jinħoloq ambjent biex titjieb il-prestazzjoni.

Iċ-Ċentru Tekniku, taħt id-direzzjoni tal-Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali, se jkompli jaħdem biex il-wirjiet kollha tal-plejers jitjiebu, kemm mal-klabb kif ukoll meta jilagħbu mat-timijiet nazzjonali. Dan l-impenn se jkompli jiżgura li l-plejers lokali jkunu preparati bis-sħiħ waqt li jinħoloq ambjent san li jgħin fil-mixja tal-playes minn amateur għal elite.




**Malta lagħbet kontra l-Italja f'logħba ta' kwalifikazzjoni tal-EURO 2024 nhar is-26 ta' Marzu, 2023 fl-Istadium Nazzjonali.**

## IT-TIM NAZZJONALI A

F'Settembru li għadda Malta lagħbet l-aħħar logħba tagħha fil-UEFA Nations League fejn iltaqgħet barra minn darha kontra l-Estonja, liema logħba tilfet 2-1, u b'hekk intemmew il-ħolmiet tal-Maltin biex jilagħbu f'League C fil-kompetizzjoni li jmiss.

Matul dan l-istaġun it-tim nazzjonali tela' fi Grupp C tal-logħob ta' kwalifikazzjoni tal-EURO 2024. Fil-grupp ma' Malta wieħed isib il-ġganti tal-Italja u l-Ingilterra, li t-tnejn lgħabna kontrihom diġà f'pajjiżna, flimkien mal-Ukrajna u l-Maċedonja ta' Fuq.

Minbarra dawn il-logħbiet ta' kwalifikazzjoni t-tim kien impenjat f'bosta logħbiet ta' ħbiberija fejn kiseb ukoll riżultati prestiġġjużi fosthom rebħa fuq il-Lussemburgu (1-0), u Iżrael (2-1) u draw kontra l-Greċja (2-2). Huma lagħbu wkoll partita ta' ħbiberija kontra l-Irlanda. Minbarra hekk it-tim kien involut f'kamp ta' taħriġ qasir biex il-coach il-ġdid isir jaf lit-tim, u ġimgħat ta' taħriġ minn meta spiċċa l-Kampjonat BOV Premier sa qabel it-tim kien impenjat fil-logħob li ntlagħab f'Ġunju li għadda.



**Kyrian Nwoko fl-azzjoni fil-logħba kontra l-Ingilterra.**



It-tim Malti jiċċelebra r-rebħa ta' 1-0 f'logħba ta' ħbiberija kontra l-Lussemburgu fid-9 ta' Ġunju.

## IT-TIM NAZZJONALI TA' TAĦT IL-21 SENA

Fl-aħħar 12-il xahar it-tim Malti ta' taħt il-21 sena kien nieqes minn logħob kompetittiv qabel jibda ċ-ċiklu li jmiss fl-aħħar ta' dan is-sajf.

Matul dan l-aħħar staġun assistejna għat-tluq tal-coach Gilbert Agius fi Frar li għadda biex jibda esperjenza barra l-pajjiż fl-ogħla livelli tal-futbol Indoneżjan, bit-tim jieħdu f'idejh b'mod temporanju l-assistant coach Francesco Macri.

It-tim kien impenjat f'diversi logħbiet ta' ħbiberija. Żewġ logħbiet ta' ħbiberija f'Settembru li għadda; telfa 6-0 mal-Montenegro u draw ta' 2-2 kontra Ċipru.

Fit-tieqa ta' Novembru waslet rebħa ta' 2-1 f'partita ta' ħbiberija oħra, ukoll f'darna, din id-darba kontra l-Andorra.



It-tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena kien impenjat f'diversi logħbiet ta' ħbiberija matul l-istaġun.




**It-tim Malti ta' taħt id-19-il sena flimkien mal-coaches u staff tekniku.**

F'Marzu 2023, żewġ logħbiet ta' ħbiberija f'Ta' Qali, t-tnejn li huma kontra s-Slovakkja U-20, telfa fl-ewwel partita 2-1, u draw ftit jiem wara 1-1. F'Ġunju waslet esperjenza ta' logħba ta' ħbiberija barra l-pajjiż, bit-tim jiltaqa' mal-Maċedonja ta' Fuq li rebħu 4-0.

> **Din kienet l-aktar sena impenjattiva għal dan it-tim hekk kif huma ħadu sehem fil-fażi finali tal-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena li Malta ospitat. Kienet avventura sabiħa għat-tim Malti li għalkemm tilef il-logħbiet kollha kellu prestazzjonijiet denji u ċerti li din kienet esperjenza memorabbli għalihom u għall-istaff tagħhom**

## IT-TIM NAZZJONALI TA' TAĦT ID-19-IL SENA

Din kienet l-aktar sena impenjattiva għal dan it-tim hekk kif huma ħadu sehem fil-fażi finali tal-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena li Malta ospitat. Kienet avventura sabiħa għat-tim Malti li għalkemm tilef il-logħbiet kollha kellu prestazzjonijiet denji u ċerti li din kienet esperjenza memorabbli għalihom u għall-istaff tagħhom. Esperjenza li minnha tgħallmu ħafna.

Iċ-Ċentru Tekniku jispera li l-Kampjonat Ewropew ta' taħt id-19-il sena jservi biex aktar plejers żgħażagħ Maltin jiksbu aktar ħin ta' logħob fil-kampjonati lokali jew saħansitra jilagħbu barra minn Malta. Fost l-oħrajn f'Settembru lagħbu tliet logħbiet kontra l-Bulgarija u f'Ottubru żewġ logħbiet kontra l-Maċedonja ta' Fuq. Fi Frar lagħbu żewġ logħbiet kontra l-Montenegro u f'Marzu lagħbu tlieta kontra l-Albanija, filwaqt li f'April lagħbu żewġ logħbiet kontra l-Litwanja.

Minbarra hekk dan it-tim ħa sehem ukoll fit-tournament preparatorju li sar f'Novembru fejn

lagħab ma' timijiet bħall-Portugall, il-Ġermanja u l-Polonja. Dan it-tournament tagħhom togħma ta' dak li se jiltaqgħu miegħu ftit xhur wara.

It-tim kien impenjat ukoll f'ammont kbir ta' logħob ta' ħbiberija fejn huwa stmat li kienu jilagħbu żewġ logħbiet fix-xahar, filwaqt li f'dawn l-aħħar sentejn lagħbu total ta' 30 logħba ta' ħbiberija.

## IT-TIM TA' TAĦT IS-17-IL SENA

Dan it-tim kien impenjat fil-logħob ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew ta' taħt is-17-il sena fejn fi Grupp 4 dan l-istaġun lagħab kontra l-Irlanda ta' fuq, ir-Repubblika Ċeka u l-Iskozja. F'Settembru kien impenjat ukoll f'żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra Ċipru.

## IT-TIM TA' TAĦT IS-16-IL SENA

Dan it-tim, minbarra l-logħob ta' ħbiberija li kien organizzat għalihom miċ-Ċentru Tekniku, ħa sehem ukoll fid-Development Tournament li ntlagħab f'pajjiżna. Il-UEFA afdat lil pajjiżna biex għal darba oħra tospita dan it-tournament ta' żvilupp. Malta lagħbet kontra l-Iżlanda, l-Armenja u l-Estonja f'April ta' din is-sena.



**It-tim ta' taħt il-15 sena lagħab diversi partiti internazzjonali bħala parti mill-pjan ta' żvilupp ta' dan il-grupp.**

## IT-TIMIJIET TAŻ-ŻGĦAR

It-timijiet ta' taħt il-15-il sena wkoll kellhom iċ-ċans li jilagħbu ammont ta' logħbiet ta' ħbiberija kemm lokalment kif ukoll barra l-pajjiż, fosthom partiti kontra l-Montenegro, l-Ungerija u l-Maċedonja ta' Fuq. Dan il-logħob aktar minn xjen iservi biex dawn il-plejers iżgħar jduqu u jesperjenzaw logħbiet ta' livell aħjar minn dak li mdorrijin jilagħbu lokalment. Minbarra hekk it-taħriġ kontinwu tal-coaches taċ-Ċentru Tekniku jkompli jgħin biex dawn il-plejers jikbru fil-mixja kalċistika tagħhom.



**Komplew jiżdiedu l-opportunitajiet għat-timijiet tagħna biex jesperjenzaw logħob internazzjonali fuq bażi regolari.**

## REGIONS CUP

Malta ħadet sehem fil-UEFA Regions Cup f'Settembru 2022. Il-logħob sar f'Zadar il-Kroazja, b'Malta titla' biex tilgħab fi Grupp 8 flimkien ma' Split (Kroazja), Belgrad (Serbja), u RAT tal-Ukrajna, b'dawn tal-aħħar jirtiraw mill-kompetizzjoni minħabba l-gwerra.

It-tim, immexxi minn Alfred Attard, kien magħżul minn timijiet amateur li f'dan l-istaġun kienu jilagħbu fiċ-Challenge League, in-National Amateur League u l-kampjonat Għawdxi.

It-tim Malti beda l-avventura kontra Split fejn tilef il-logħba 2-1, bl-uniku goal Malti jkun skorjat minn Andre Joe Cutajar u tilef il-logħba kontra Belgrad bl-iskor ta' 3-0.



# Appoġġ lill-istaff tekniku u plejers biex tissaħħaħ il-preparazzjoni f'kull aspett

**L-għan ewlieni tad-Dipartiment tal-Performance (PD) fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku huwa li jappoġġja lill-istaff tekniku biex itejjeb il-wirjiet tal-plejers u t-timijiet nazzjonali filwaqt li jaddotta approċċ ħolistiku li jkun iċċentrat fuq il-plejers u msejjes fuq prinċipji xjentifiċi u analiżi tad-data.**

L-objettivi ewlenin tal-PD huma:

- Jitnaqqas ir-riskju tal-injuries
- Tissaħħaħ il-prestazzjoni
- Jintlaħaq il-potenzjal sħiħ
- Jinzamm l-istat tal-benessri
- Motivazzjoni permezz tal-edukazzjoni

## ELITE PLAYER PERFORMANCE PROJECT (EPPP)

Is-saħħa u l-veloċità huma komponenti ewlenin tal-kundizzjoni fiżika fil-futbol elite li jistgħu jiġu żviluppati permezz ta' sessjonijiet indoor (ibbażati fil-gym) u barra (ibbażati fuq il-grawnd).

**120** – bejn **Awwissu 2022** u **April 2023** saru total ta' **120 sessjoni** ta' taħriġ marbuta mal-EPPP

**38** – in-numru ta' **plejers** inklużi fil-proġett minn **14-il klabb** differenti

L-għan ewlieni tal-EPPP huwa li jtejjeb kemm il-livelli tas-saħħa msejsa fuq il-kwantitá u l-kwalitá tal-plejer, ir-reżistenza u l-movimenti waqt it-taħriġ.

Bħala parti mill-proġett, selezzjoni ta' plejers żgħażagħ promettenti attendew żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa li kienu mfassla skont l-iskeda tas-sessjonijiet tat-taħriġ tal-klabb kif ukoll il-programm tal-logħob tal-kompetizzjonijiet.

## STRENGTH AND CONDITIONING

Fi ħdan dan id-dipartiment, il-proġett ta' Strength and Conditioning għandu l-intenzjoni li jtejjeb il-kundizzjoni fiżika u l-ħiliet tekniċi tal-atleti permezz ta' approċċ li jinkludi wkoll il-ħiliet tal-moviment u t-teknika tal-ġiri.

Il-plejers attendew għal sessjonijiet indoor (ibbażati fil-gym) u fuq barra ibbażati fuq programm individwali għal kull parteċipant li jirriżulta minn testijiet dettaljati tal-kundizzjoni tal-plejer.

**148** – numru ta' **plejers involuti** f'total ta' **100 sessjoni** ta' **Strength and Conditioning**

**17** – numru ta' **klabbs involuti** fil-**proġett**

## EVALWAZZJONI NUTRIZZJONALI

In-nutrizzjoni għandha rwol vitali fir-rendiment ta' plejers u atleti.

Nutrizzjoni xierqa tista' tgħin biex:

- Ittejjeb il-prestazzjoni waqt l-eżerċizzju;
- Jitnaqqas il-ħin ta' rkupru;
- Jiġu evitati injuries assoċjati mal-eżerċizzju minħabba l-għejja;
- Issaħħaħ il-kapaċità waqt perjodi ta' taħriġ ta' intensitá għolja;
- Kontroll tal-piż.



Sessjoni dwar preparazzjoni mentali ma' plejers żgħażagħ li jagħmlu parti mit-timijiet nazzjonali.



**Plejers juru interess fid-data miġbura waqt it-testijiet fiżiċi.**

Valutazzjonijiet Nutrizzjonali:

- Settembru 2022
- Novembru 2022
- Jannar 2023
- Marzu 2023
- Ġunju 2023

Is-sessjonijiet ta' valutazzjoni nutrizzjonali kienu mifruxa fuq ħames xhur (bejn Settembru 2022 u Ġunju 2023) u t-timijiet involuti kienu:

- Tim nazzjonali tal-kbar
- Taħt il-21 sena
- Taħt id-19-il sena
- Taħt is-17-il sena
- Taħt is-16-il sena
- Taħt il-15-il sena

## ITTESTJAR TAL-KUNDIZZJONI FIŻIKA

Il-kunċett tal-ittestjar tal-wirjiet tal-plejers li janalizza wkoll il-kundizzjoni fiżika tal-atleta jirrappreżenta mument kruċjali u importanti ħafna fi ħdan id-Dipartiment tal-Performance.

L-ittestjar tal-kundizzjoni fiżika iservi bosta skopijiet, bħal:

- Eżami tal-effetti tat-taħriġ;
- Il-motivazzjoni tal-atleta;
- Feedback oġġettiv għall-atleta;
- Definizzjoni tal-miri ta' taħriġ;
- Żvilupp u ppjanar ta' programmi;
- Identifikazzjoni ta' kwalitajiet tajbin u d-dgħufijiet.

F'Settembru 2022, f'Marzu 2023, u f'Mejju 2023 twettqu t-testijiet kollha mat-timijiet nazzjonali minn dak ta' taħt is-16-il sena sa dak tal-kbar.

## SCOUTING FIL-LOGĦOB U T-TAĦRIĠ

Kull sessjoni ta' taħriġ u kull logħba huma mmonitorjati bl-użu tat-tracking technology tal-GPS li tagħti l-possibbiltà li jiġu analizzati aspetti importanti bħall-volum u l-intensità. Il-plejers tat-timijiet nazzjonali jkunu mitluba jimlew kwestjonarji ta' kuljum biex jimmonitorjaw il-motivazzjoni tagħhom għat-taħriġ u l-klassifikazzjoni suġġettiva tal-impenn (RPE).

**Logħob segwit sa Ġunju 2023**

| Kompetizzjoni | Nru. ta' Logħob |
|---|---|
| Premier League | 169 |
| Challenge League | 48 |
| Amateur League | 1 |
| FA Trophy | 18 |
| Youth League | 114 |
| U-17 Leagues & Knock Out | 73 |
| U-15 Leagues & Knock Out | 43 |
| UEFA Clubs Home Matches | 11 |
| Pre- Season Friendlies (Seniors & Youths) | 31 |
| Clubs training sessions visits | 19 |
| **TOTAL:** | **527** |

| Plejers segwiti sa Ġunju 2023 | |
|---|---|
| **Età** | **Nru. ta' Plejers** |
| Mwielda fl-2001 jew qabel | 149 |
| Mwielda fl-2002 | 49 |
| Mwielda fl-2003 | 38 |
| Mwielda fl-2004 | 54 |
| Mwielda fl-2005 | 72 |
| Mwielda fl-2006 | 119 |
| Mwielda fl-2007 | 99 |
| Mwielda fl-2008 | 191 |
| **TOTAL TA' PLEJERS:** | **771** |
| **TOTAL TA' RAPPORTI:** | **3044** |

## DIPARTIMENT TAL-ANALIŻI TAL-LOGĦBA

Id-Dipartiment tal-Analiżi tal-Logħba (Match Analysis) fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku kompla jibni fuq il-progress li sar fl-aħħar snin. L-għanijiet prinċipali tad-dipartiment baqgħu l-istess, li jgħin fit-tħejjija teknika u tattika tal-plejers tat-timijiet nazzjonali u anke analiżi tat-timijiet avversarji biex il-plejers tagħna jkunu preparati bl-aħjar mod possibbli għall-impenji internazzjonali.

Bħala medja, kull tim nazzjonali lagħab 10 partiti (U-19 lagħbu 21 logħba filwaqt li l-U-18 lagħbu sitta). Kull analista jaħdem b'mod indipendenti fuq ir-responsabbiltajiet li ġejjin:



Joseph Mbong bil-ballun waqt il-logħba kontra l-Italja.

### Analiżi tat-tim

- studju dwar l-avversarji u preżentazzjoni ta' filmati u rapporti. Bħala medja ġew analizzati erba' logħbiet ta' kull avversarju, għal total ta' kważi 280 partita u aktar minn 25,200 minuta ta' filmati.

### Analiżi tal-logħba

- analiżi ta' wirjiet u preżentazzjoni ta' filmati u rapporti.

### Analiżi individwali

- analiżi ta' avversarji individwali. Fir-rigward tat-tim nazzjonali A, issir analiżi fuq il-plejers kollha. Għat-timijiet nazzjonali taż-żgħażagħ, dan isir skont l-avversarji u l-informazzjoni disponibbli.

### Analiżi tas-sessjonijiet ta' taħriġ

- il-kameras huma mħaddma u mmonitorjati minn kull analista skont it-tim li jkopru. Ir-responsabbiltà ta' filmati żgħar tat-taħriġ hija wkoll mħaddma b'mod indipendenti. Meta wieħed iqis medja ta' 120 sessjoni ta' taħriġ għal kull tim, ġew iffilmjati aktar minn 840 sessjoni ta' taħriġ għal total ta' kważi 100,800 minuta ta' filmati.

### Scouting

- parteċipazzjoni fl-iscouting tal-plejers tat-timijiet nazzjonali rispettivi.

### Materjal għall-korsijiet tal-coaching

- parti kbira mill-materjal tal-filmati ppreżentati waqt il-lezzjonijiet huwa pprovdut mid-dipartiment; jiġu ppreparati filmati/preżentazzjonijiet kemm għal-lezzjonijiet mogħtija mill-analisti kif ukoll għal dawk mogħtija minn letturi oħrajn.

### Analiżi tattika

- matul il-waqfien minħabba l-logħbiet internazzjonali, jiġu analizzati t-timijiet barranin sabiex tiġi pprovduta kwalunkwe idea tattika lill-coaches, biex b'hekk nibqgħu aġġornati dwar l-iżviluppi ġodda fil-futbol internazzjonali.

### Analiżi tad-data

- tiġi mwettqa analiżi tad-data tal-wirjiet tagħna sabiex niksbu informazzjoni oġġettiva dwar ċerti aspetti tal-prestazzjonijiet li jistgħu jitjiebu jew ikunu konsolidati. ■

# Is-saħħa tal-plejers, iktar taħriġ għall-istaff mediku u l-prevenzjoni fiċ-ċentru tal-ħidma

## Rikonoxximent internazzjonali għall-programm tal-Malta FA dwar screening tal-qalb

**L-istaġun 2022-23 kien wieħed ferm impenjattiv għad-Dipartiment Mediku, il-klinika tat-timijiet nazzjonali b'numru ta' konsultazzjonijiet u trattamenti għall-plejers kif ukoll provvediment ta' tim mediku waqt il-logħbiet kollha internazzjonali (inklużi l-impenji Ewropej tal-klabbs) u sessjonijiet ta' taħriġ tat-timijiet nazzjonali.**

Il-klabbs għal darb'oħra bbenefikaw mill-iskema ta' assikurazzjoni club-country li kopriet diversi interventi kirurġiċi, inkluż li jsir użu mill-kuntatti internazzjonali tad-dipartiment fejn meħtieġ.

Id-Dipartiment Mediku kien rappreżentat fis-simpożju mediku tal-UEFA, fi Frankfurt, fejn ġew diskussi l-aħħar żviluppi marbuta mal-futbol elite kif ukoll l-aħħar għodda ta' valutazzjoni f'każ ta' concussion li għandha tiġi aġġornata għall-istaġun 2023-24.

Barra minn hekk, Dr Daniel McKean ġie maħtur mill-kumitat mediku tal-UEFA bħala wieħed mill-erba' letturi għall-kors tal-Livell 1 tal-Football

> **Il-klabbs għal darb'oħra bbenefikaw mill-iskema ta' assikurazzjoni club-country li kopriet diversi interventi kirurġiċi, inkluż li jsir użu mill-kuntatti internazzjonali tad-dipartiment mediku fejn meħtieġ**



**Daniel McKean ġie maħtur mill-kumitat mediku tal-UEFA bħala wieħed mill-erba' letturi għall-kors tal-Livell 1 tal-Football Doctor Education Programme (FDEP).**

Doctor Education Programme (FDEP). Huwa se jipprovdi appoġġ lil nazzjonijiet oħra madwar l-Ewropa fit-tmexxija tal-korsijiet tagħhom billi juża lill-Malta FA bħala mudell għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm.

F'Mejju, l-Assoċjazzjoni organizzat il-kors tagħha stess tal-FDEP Level 1, li pprovda taħriġ lit-tobba li kienu responsabbli mill-kura medika fil-Kampjonat Ewropew U-19. Din kienet ir-raba' darba li l-kors sar f'Malta, u hemm pjani li s-suċċess ta' dan il-programm jiġi kkonsolidat billi jingħata taħriġ lill-istaff mediku fuq livell ta' klabbs.

Sar progress fit-tħejjijiet għall-kors dwar l-interpretazzjoni tal-ECG għat-tobba tal-klabbs, b'diskussjonijiet għaddejjin dwar l-akkreditazzjoni tiegħu permezz ta' Continuing Medical Education (CME). Jekk dan jirriżulta f'suċċess, jista' eventwalment iwitti t-triq għal programm ta' edukazzjoni aktar estensiv għat-tobba tal-klabbs interessati u professjonisti mediċi oħra.

Il-ħidma tad-Dipartiment Mediku tal-Malta FA ġiet rikonoxxuta fuq livell Ewropew bir-riżultati tal-programm ta' screening tal-qalb għall-plejers tat-tim nazzjonali jiġu ppubblikati fil-*European Journal of Preventive Cardiology* wara li ġew ippreżentati fil-Kungress tas-Soċjetà Ewropea tal-Kardjoloġija, f'Malaga, din is-sena. Ir-riżultati żvelaw rata ta' dijanjosi ogħla meta mqabbla ma' programmi oħra ta' screening internazzjonali fejn ġiet enfasizzata aktar l-importanza ta' programm ta' screening bir-reqqa.

## ENFASI FUQ L-EDUKAZZJONI

Għall-istaġun 2023-24, id-Dipartiment Mediku jittama li jgħolli l-livelli mediċi fil-futbol Malti billi joħloq djalogu miftuħ mat-tobba tal-klabbs u t-tobba tal-familja li jieħdu ħsieb il-plejers.

Nittamaw li nrawmu ambjent imsejjes fuq il-qsim ta' għarfien, b'enfasi fuq l-edukazzjoni u l-appoġġ għal dawk li huma involuti biex jipprovdu kura għall-plejers u għall-familja usa' tal-futbol. ■

**"Il-ħidma tad-Dipartiment Mediku tal-Malta FA ġiet rikonoxxuta fuq livell Ewropew bir-riżultati tal-programm ta' screening tal-qalb għall-plejers tat-tim nazzjonali jiġu ppubblikati fil-European Journal of Preventive Cardiology wara li ġew ippreżentati fil-Kungress tas-Soċjetà Ewropea tal-Kardjoloġija, f'Malaga, din is-sena"**



**Id-Dipartiment Mediku jorganizza numru ta' korsijiet u sessjonijiet ta' taħriġ matul l-istaġun.**



# Spinta biex ikomplu jitjiebu l-istandards, żieda fin-numru ta' coaches nisa kwalifikati

Rekord ta' 11-il kors matul l-istaġun 2022-23

**L-istaġun 2022-23 kien wieħed ferm interessanti għad-Dipartiment tal-Coach Education minħabba li ġew organizzati numru rekord ta' korsijiet. Matul dan l-istaġun ġew organizzati 11-il kors b'total ta' 354 coach li kisbu ċertifikat ġdid tal-coaching jew aġġornaw dak preċedenti tagħhom.**

Barra minn hekk, fi Frar ta' din is-sena tnieda programm ta' Continuous Professional Development biex jipprovdi lill-coaches akkreditati mill-Malta FA/UEFA il-possibbiltà li jkabbru l-għarfien tagħhom dwar il-coaching permezz ta' sessjonijiet tat-teorija u l-prattika, immexxija minn coaches tal-Malta FA u edukaturi tal-coaches mill-klabbs. Matul dan l-istaġun, coaches mill-Malta FA ġew mistiedna wkoll biex jipparteċipaw fil-UEFA Share Seminars bħala parti mit-taħriġ tagħhom u biex jesperjenzaw prattika tajba fost membri differenti tal-UEFA.

**11-il kors** b'total ta' **354 coach** li kisbu **ċertifikat ġdid** tal-coaching jew **aġġornaw dak preċedenti** tagħhom

## KORSIJIET ĠODDA

Id-Dipartiment tal-Coach Education introduċa kors ġdid dan l-istaġun bil-għan li jtejjeb il-livell tal-coaches tagħna. Il-Youth Fitness Coach Award huwa kors li ġie aġġornat mill-Football Physical

Trainer Course Level 1 u huwa maħsub biex jalloka lin-nurseries b'fitness coaches li huma kapaċi jaħdmu ma' plejers taħt it-13-il sena bil-għan li jtejbu l-kapaċitajiet tal-kordinazzjoni tagħhom u jkunu preparati għal programmi ta' strength and conditioning adatatti għas-snin adolexxenti tagħhom.

Fil-bidu tal-istaġun 2022-23, ġie organizzat ukoll għall-ewwel darba l-Grassroots Leaders Course għat-tfajliet. Għal dan il-kors attendew 22 coach biex b'hekk kien hemm numru sabiħ ta' coaches nisa sabiex inkomplu bl-ispinta tagħna biex intejbu dan is-settur.

**Il-Youth Fitness Coach Award huwa kors li ġie aġġornat mill-Football Physical Trainer Course Level 1 u huwa maħsub biex jalloka lin-nurseries b'fitness coaches li huma kapaċi jaħdmu ma' plejers taħt it-13-il sena bil-għan li jtejbu l-kapaċitajiet tal-kordinazzjoni tagħhom u jkunu preparati għal programmi ta' strength and conditioning adatatti għas-snin adolexxenti tagħhom**

## KORSIJIET TAL-CORE U SPEĊJALIZZATI

Minbarra l-korsijiet ġodda msemmija, matul dan l-istaġun ġew organizzati żewġ korsijiet li jwasslu għal Diploma tal-UEFA b'total ta' 63 coach jipparteċipaw matul l-istaġun. Il-UEFA C Diploma tagħti lill-coaches għarfien bażiku dwar il-coaching fil-futbol, u tipprepara lill-kandidati għall-kors tal-UEFA Diploma B.

**63** – ġew organizzati **żewġ korsijiet** li jwasslu għal Diploma tal-UEFA b'total ta' **63 coach jipparteċipaw** matul l-istaġun



F'Jannar sar kors għall-coaches tal-goalkeepers (Level 1).

Kors tal-UEFA B beda u spiċċa matul l-istaġun 2022-23 bi 30 coach parteċipant, filwaqt li f'Mejju 2023 iċ-Ċentru Tekniku beda t-tieni kors tal-UEFA B bi 32 parteċipant ieħor; kors li se jintemm f'Diċembru 2023.

Tliet korsijiet speċjalizzati oħra ġew organizzati matul l-istaġun li għadda bil-UEFA Elite Youth A Diploma li beda f'Ottubru 2022 bil-parteċipazzjoni ta' 15-il coach li jispeċjalizzaw fit-taħriġ u fl-immaniġġar tal-futbol taż-żgħażagħ. Dan il-kors kien jinkludi wkoll żjara edukattiva fl-akkademja ta' Brighton and Hove Albion FC f'Marzu 2023 fejn il-coaches kollha kellhom l-opportunità jesperjenzaw ix-xogħol li sar f'akkademja professjonali tal-Premier League.

**Il-Grassroots Leaders Course ġie organizzat ħames darbiet dan l-istaġun li ta l-opportunità lil aktar minn 175 coach ġdid biex jibdew il-karriera tagħhom ta' coaching u l-iżvilupp professjonali tagħhom fil-coaching b'aktar minn 24 ikunu kandidati nisa**

Il-Youth Fitness Coach Award sar matul dan l-istaġun flimkien ma' kors 'GK Level 1' li kellhom 19 u 18-il parteċipant.

Permezz ta' dawn it-tliet korsijiet speċjalizzati, iċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA qed jaħdem lejn it-titjib u l-professjonalità tal-klabbs Maltin, filwaqt li jkunu konformi mad-direttivi tal-coaching tal-UEFA.

Il-Grassroots Leaders Course ġie organizzat ħames darbiet dan l-istaġun li ta l-opportunità lil aktar minn 175 coach ġdid biex jibdew il-karriera tagħhom ta' coaching u l-iżvilupp professjonali tagħhom fil-coaching b'aktar minn 24 ikunu kandidati nisa.




**Herman Bugeja imexxi sessjoni ta' taħriġ waqt wieħed mill-korsijiet organizzati mill-Malta FA.**

## CONTINUOUS PROFESSIONAL DEVELOPMENT

Fi Frar 2023 tnieda programm ġdid ta' CPD b'aktar minn 45 sessjoni. Dawn is-sessjonijiet kienu maqsuma skont il-kategoriji differenti tal-età u l-interessi. Għażla vasta ta' sessjonijiet tat-teorija jew tal-prattika saru fiċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA jew fil-grawnds tat-taħriġ u fil-klabbs tal-futbol lokali. Numru ta' CPDs online ġew organizzati fuq skala iżgħar bħala proġett pilota sabiex jilħqu lill-coaches kollha. Madwar 550 coach ħadu sehem mill-inqas f'wieħed mill-bosta CPDs li ġew organizzati.

Staff tekniku tal-Malta FA, coaches minn klabbs lokali, flimkien ma' kelliema mistiedna kwalifikati lokali u barranin, ikkontribwew f'dawn is-sessjonijiet tas-CPD. Dawn is-sessjonijiet huma parti essenzjali mill-iżvilupp tal-coaches u huma meħtieġa għat-tiġdid tal-liċenzja tagħhom tal-coaching, fejn kull coach jeħtieġ li jattendi mill-inqas 15-il siegħa ta' sessjonijiet tas-CPD fuq perjodu ta' tliet snin.

Korsijiet tal-coaching li saru matul l-istaġun 2022-23:

| Data | Kors | Numru ta' kandidati |
|---|---|---|
| Awwissu 2022 | Kors GLC għall-coaches femminili (1) | 22 |
| Settembru 2022 | Kors GLC (2) | 41 |
| Ottubru 2022 | UEFA Elite Youth A Diploma | 15 |
| Ottubru 2022 | UEFA B Diploma (1) | 30 |
| Ottubru 2022 | UEFA C Diploma (2) | 31 |
| Novembru 2022 | Kors GLC (3) | 41 |
| Diċembru 2022 | UEFA C Diploma (2) | 32 |
| Jannar 2023 | GK Coach Level 1 | 18 |
| Frar 2023 | Youth Fitness Coach Award | 19 |
| Marzu 2023 | GLC Course (4) – Gozo | 32 |
| Mejju 2023 | UEFA B Course (2) | 32 |
| Ġunju 2023 | Kors GLC (5) | 41 |
| **TOTAL** | **354 coach** | |



**Fi Frar 2023 tnieda programm ġdid ta' CPD b'aktar minn 45 sessjoni.**

## SOMMARJU TAL-EDUKAZZJONI TAL-COACHING

Kull kors jikkonsisti f'aspetti tal-prattika u tat-teorija li jgħinu biex jiffurmaw lill-coaches għall-aspetti moderni meħtieġa tal-logħba. Il-kompetenzi miksuba li jiġu żviluppati f'korsijiet bħal dawn jissaħħu aktar max-xogħol li jsir matul l-istess korsijiet. Il-valutazzjoni formattiva tippermetti lil kull kandidat jirrealizza li t-tagħlim huwa proċess u li l-ħajja hija dwar vjaġġ lejn l-eċċellenza.

B'kollox 354 coach ħadu sehem f'wieħed mill-korsijiet imsemmija li ġew offruti mid-Dipartiment tal-Coach Education, li juru li ċ-Ċentru Tekniku qed jipprova jilħaq is-setturi kollha tal-komunità tal-coaching f'Malta mill-grassroots sal-ogħla livell.

Il-lista tal-korsijiet kollha organizzati matul dan l-istaġun turi varjetà ta' korsijiet li qed jiġu offruti sabiex jissaħħaħ il-livell tal-coaching f'Malta. Dawn kollha huma bbażati fuq ix-xogħol ta' preparazzjoni li jsir fi ħdan id-Dipartiment tal-Coach Education.




**Il-coaches li temmew b'suċċess il-kors tal-match analysis flimkien mal-kordinatur Facundo Styk.**

Fl-istaġun li ġej, iċ-Ċentru Tekniku se jorganizza l-korsijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1. | UEFA Pro Course (2023 - 2025) |
| 2. | UEFA A Course |
| 3. | UEFA C Course (minimu ta' kors wieħed) |
| 4. | Match Analyst Course |
| 5. | Football Fitness Award Course |
| 6. | Goalkeeper Coach Course Level 1 |
| 7. | Grassroots Leader Certificate (minimu ta' tliet korsijiet) |
| 8. | CPDs għall-coaches kollha. |

## LIĊENZJI TAL-COACHING

Matul dan l-istaġun il-Kumitat tal-Liċenzji tal-Coaches u ċ-Ċentru Tekniku approvaw 987 liċenzja fil-kategoriji differenti.

Hija l-intenzjoni tad-Dipartiment tal-Coach Education li kemm jista' jkun kwalifiki minn korsijiet antiki jgħaddu minn proċess biex jogħla l-livell u jiġu trasformati f'oħrajn ġodda u moderni biex dawn il-korsijiet jitneħħew b'mod gradwali. Dan inbeda fl-istaġun 2021-22 billi ġew aġġornati numru ta' coaches tal-MFA A u coaches tat-tieni livell tal-GK għal-liċenzja tal-UEFA A u l-liċenzja l-ġdida tal-UEFA GK B. Matul dan l-istaġun, permezz

tat-tieni kors tad-Diploma tal-UEFA B li qed jiġi organizzat, grupp ieħor ta' coaches liċenzjati tal-MFA B, se jkollhom l-opportunità li jaġġornaw il-liċenzja tagħhom ta' coaches billi jattendu għal numru ta' sigħat f'dan il-kors.

B'kollox 987 coach irreġistraw għal liċenzja waħda jew aktar tal-coaching maċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA matul l-istaġun. Dan jinkludi 62 coaches nisa li qed jaħdmu fil-klabbs tagħna, żieda ta' 10 reġistrazzjonijiet fuq l-istaġun 2021-22, li juri x-xogħol li qed isir biex tkompli tikber il-popolazzjoni ta' coaches femminili u l-futbol femminili in ġenerali.

| **Liċenzja** | **Total** |
|---|---:|
| UEFA Pro | 55 |
| UEFA A Elite | 25 |
| UEFA A | 106 |
| MFA A | 1 |
| UEFA B | 152 |
| MFA B | 5 |
| UEFA C | 227 |
| Match Analyst | 13 |
| GK Coaches - 1 | 38 |
| GK Coaches - 2 | 4 |
| UEFA GK B | 28 |
| Youth Fitness Coach | 31 |
| Fitness Coach | 33 |
| YCL | 5 |
| CYF/ GLC | 264 |
| **Total** | **987** |

**EŻENZJONIJIET** – Inħarġu 83 ittra ta' eżenzjoni matul dan l-istaġun. 19-il talba ġew miċħuda u 64 kienu milqugħa. Dan abbażi tal-kriterji kif komunikati permezz ta' ċirkulari fl-istaġun preċedenti.

Dan l-istaġun reġa' kien wieħed pożittiv għad-Dipartiment tal-Coach Education, li dejjem ifittex li jimraħ u jimxi 'l quddiem billi jipprovdi ambjent ta' tagħlim aħjar lill-parteċipanti tiegħu u joħloq atmosfera li tinkoraġġixxi koperazzjoni kontinwa fost il-coaches, u ta' appoġġ li tgħaqqad il-parteċipazzjoni u l-kultura għall-ġid tal-futbol Malti.

**"Dan l-istaġun reġa' kien wieħed pożittiv għad-Dipartiment tal-Coach Education, li dejjem ifittex li jimraħ u jimxi 'l quddiem billi jipprovdi ambjent ta' tagħlim aħjar lill-parteċipanti tiegħu u joħloq atmosfera li tinkoraġġixxi koperazzjoni kontinwa fost il-coaches, u ta' appoġġ li tgħaqqad il-parteċipazzjoni u l-kultura għall-ġid tal-futbol Malti"**




**Id-Dipartiment tal-Coach Education organizza 11-il kors matul l-istaġun 2022-23, l-akbar ammont ta' korsijiet li qatt saru fi staġun wieħed.**

**550** – madwar **550 coach** ħadu sehem mill-inqas f'wieħed mill-**bosta CPDs** li ġew **organizzati**

# Coach ġdida għat-tim nazzjonali tan-nisa, jissokta l-progress

**L-istaġun 2022-23 ra bidla fit-tmexxija tat-tim nazzjonali tan-nisa wara li Manuela Tesse nħatret head coach biex ħadet post Mark Gatt li ħalla l-kariga tiegħu wara diversi snin ta' ħidma.**



**Il-preżentazzjoni tal-coach nazzjonali Manuela Tesse.**

Id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa baqa' attiv ferm f'kull livell bit-tisħiħ ta' proġetti mmirati lejn l-iżvilupp tat-talent, fosthom l-akkademja tal-bniet u l-UEFA Playmakers, u diversi inizjattivi kemm f'livell ta' klabbs u anke fuq skala nazzjonali. Grazzi għax-xogħol li qed jitwettaq u d-dedikazzjoni tal-coaches, plejers, uffiċjali u persuni li għandhom għal qalbhom il-futbol tan-nisa, dan is-settur qiegħed dejjem ikompli jikber, iktar bniet qed jersqu lejn il-logħba tal-futbol u aktar plejers qed jagħżlu li jkomplu l-karriera barra minn xtutna.

F'Diċembru 2022, it-tim nazzjonali beda paġna ġdida meta għall-ewwel darba fl-istorja ġiet maħtura coach mara fit-tmexxija tat-tim nazzjonali. It-Taljana Manuela Tesse ngħatat l-inkarigu ta' head coach fuq it-timijiet nazzjonali kollha u dawk tal-akkademja, u hija responsabbli wkoll mill-iżvilupp tal-futbol femminili f'pajjiżna.

Il-logħba kontra Montenegro f'Settembru 2022 kienet l-aħħar waħda għall-coach Mark Gatt wara 62 partita. L-ewwel partita ta' Gatt kienet lura f'Marzu ta' 2015 kontra l-Azerbajġan.

Matul l-istaġun li għadda, it-tim nazzjonali lagħab ħames partiti, bi tnejn minnhom validi minn Grupp E ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2023 u t-tlieta l-oħra jkunu partiti ta' ħbiberija. Fl-aħħar żewġ partiti taħt it-tmexxija ta' Mark Gatt, it-tim nazzjonali akkwista rebħa u telfa fl-aħħar żewġ loghbiet ta' kwalifikazzjoni – Azerbajġan 0-2 u Montenegro 2-0.

Fl-ewwel erba' xhur mill-ħatra ta' Tesse, it-tim nazzjonali lagħab tliet partiti ta' ħbiberija fejn ħareġ rebbieħ fit-tlieta li huma – Lussemburgu 2-1 u 3-1, u Estonja 2-1. Fil-bidu ta' Lulju t-tim tilef 0-5 kontra l-Haiti, tim li kien qiegħed jipprepara għat-Tazza tad-Dinja li se tintlagħab dan is-sajf fl-Awstralja u New Zealand.


**Malta rebħet żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra l-Lussemburgu.**



It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena fl-azzjoni fl-ewwel rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA WU19 kontra n-Norveġja.

Fil-FIFA Women's Rankings, it-tim nazzjonali ggwadanja seba' postijiet u qiegħed jokkupa is-86 post fil-klassifika li kienet ipubblikata f'Ġunju.

## IT-TIM NAZZJONALI U-19

It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena, taħt it-tmexxija tal-coach Frank Schembri, ipparteċipa fil-kwalifikazzjonijiet Ewropej. Fl-ewwel rawnd, it-tfajliet Maltin lagħbu f'League A wara li f'April 2022 kienu kisbu l-promozzjoni. Dawn il-partiti ta' kwalifikazzjoni ntlagħbu fil-Portugall kontra tliet nazzjonijiet ferm b'saħħithom – in-Norveġja (0-10), il-Belġju (0-7) u l-istess Portugall (0-5).

F'April 2023, dan it-tim reġa' lagħab f'League B, din id-darba fl-Armenja. It-tim Malti tilef 4-2 kontra l-Gżejjer Faroe iżda rebaħ il-partita kontra l-Armenja, 4-1.

Fi Frar, it-tim ta' taħt id-19-il sena lagħab ukoll partita ta' ħbiberija kontra Catania (0-1) fis-Centenary Stadium.

## IT-TIM NAZZJONALI U-16

Il-grupp ta' taħt is-16-il sena, li kien jikkonsisti minn 40 plejer, beda t-taħriġ tiegħu f'Settembru 2022. Dawn it-tfajliet kienu jitħarrġu darbtejn fil-ġimgħa fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera.

Matul ix-xahar ta' April, dan it-tim, taħt il-gwida tal-coach Kathleen Saliba, ipparteċipa fil-UEFA Girls Development Tournament, li għal sena oħra sar f'pajjiżna. It-tfajliet tagħna lagħbu kontra l-Latvja (4-3 bil-penalties), Slovakkja (1-6) u l-Gżejjer Faroe (2-1).

F'Marzu, it-tim ta' taħt is-16-il sena lagħbu wkoll partita ta' ħbiberija kontra it-tim mill-Estonja, Levaida Women (0-1).

## ŻJARAT FL-ISKEJJEL

Fl-ewwel perjodu internazzjonali mill-ħatra ta' Tesse, il-plejers ta-tim nazzjonali żaru l-iskola primarja tal-Fgura biex jippromwovu ż-żewġ partiti ta' ħbiberija kontra l-Lussemburgu.



Uħud mill-plejers waqt iż-żjara fl-iskola tal-Fgura.




Total ta' 29 tifla kienu magħżula mit-trials.

## L-ISKOLA TAS-SAJF

Wara waqfa ta' żewġ staġuni, l-iskola tas-sajf tal-akkademja tal-bniet rritornat fil-kalendarju u kienet miftuħa għall-plejers ta' taħt it-13-il sena (2010 – 2012) bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu. Filwaqt li fil-passat dawn is-sessjonijiet kienu bbażati fuq il-futbol biss, din is-sena d-Direttur tal-Futbol tan-Nisa Pierre Brincat flimkien mal-coaches tal-akkademja ħejjew pjan ta' tmien ġimgħat b'attivitajiet differenti li kienu jinkludu beach soccer u futsal fost oħrajn.

Għall-ewwel darba kemm ilha li twaqqfet l-akkademja tal-bniet, ġew organizzati Talent Identification Trials bl-għan li jiġu identifikati aktar bniet biex fil-futur inkunu f'pożizzjoni li nipparteċipaw f'kull kompetizzjoni tal-UEFA. Matul l-istaġun saru żewġ trials, waħda għall-bniet imwielda bejn is-snin 2012 u 2013 (94 tifla) u l-oħra għall-bniet li twieldu fl-2010 u l-2011 (46 tifla) li minnhom ġew magħżula 29 tifla.

## L-AKKADEMJA TA' TAĦT L-14-IL SENA

Sadanittant, l-akkademja tal-Malta FA, li hi magħmula minn żewġ gruppi, Under-14 (2009) u Under-13 (2010, 2011 & 2012) b'total ta' 52 plejer, kompliet bil-ħidma tagħha mal-bniet. Dan il-grupp kien jitħarreg tliet darbiet fil-ġimgħa fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera.

Apparti minn dawn is-sessjonijiet, dan il-grupp ipparteċipa fl-Under 14 Development League organizzat mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, u fil-festivals tal-Under-11/12 organizzati mill-Youth FA.

> **"Matul l-istaġun saru żewġ trials, għall-bniet imwielda bejn is-snin 2012 u 2013 (94 parteċipant) u għall-bniet li twieldu fl-2010 u l-2011 (46 parteċipant) li minnhom ġew magħżula 29 tifla"**

## PLEJERS BARRA MINN XTUTNA

Fatt pożittiv ieħor huwa t-12-il plejer li għandna jilagħbu barra minn xtutna, sitwazzjoni li kompliet tgħolli l-livell fil-kwalità tat-timijiet tagħna.




Kailey Willis fl-azzjoni mal-klabb ta' Chievo Verona.

Fost dawn il-plejers insibu lil Rachel Cuschieri u Emma Lipman fis-Serie A tal-Italja, Kailey Willis u Maya Lucia fis-Serie B, u Maya Cachia u Ylenia Carabott fis-Serie C.

Maria Farrugia, Alexandra Gatt, Jodie Attard u l-aħwa Emma u Rachel Ciantar komplew il-karriera tagħhom fl-Ingilterra, u finalment Haley Bugeja lagħbet ma' Orlando Pride fl-Istati Uniti. Ftit tal-ġimgħat ilu, Bugeja ngħaqdet ma' Inter fis-Serie A.

## SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FL-ISKEJJEL

Together #WePlayStrong @ School huma sessjonijiet għall-bniet mit-tielet sat-tmien sena fl-iskejjel primarji u dawk medji wara l-ħin tal-iskola.

Dawk l-iskejjel li nkitbu jkollhom sessjonijiet kull ġimgħa wara l-ħin tal-iskola – b'kollox saru 232 sessjoni. Il-coaches qegħdin jimxu ma' kurrikulu preparat apposta għal dawn is-sessjonijiet. Matul dan l-istaġun ħadu sehem 15-il skola (4 middle school), b'355 tifla u 26 coaches imħallsin mill-Malta FA (65% kienu nisa).

## ATTIVITAJIET FL-ISKEJJEL

Matul l-istaġun, il-Malta FA torganizza diversi attivitajiet fl-iskejjel fosthom:

- Festivals annwali għall-bniet tal-iskejjel primarji kemm dawk statali, privati kif ukoll tal-knisja
- Programm għall-iskejjel wara l-ħin ta' l-iskola - *Together #WePlayStrong @ School*
- School Olympics Girls Under 15s Tournament
- Promozzjoni fl-iskejjel

Wara nuqqas ta' sentejn, irritornaw l-festivals tal-bniet għall-iskejjel primarji fejn għall-ewwel darba, ġew organizzati erba' avvenimenti.

F'dawn il-festivals, ħadu sehem tmien skejjel bil-parteċipazzjoni ta' madwar 147 tifla.



**Azzjoni waqt wieħed mill-festivals li saru fl-iskejjel primarji.**

## SCHOOL OLYMPICS U-15 GIRLS TOURNAMENT

Bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Olimpiku Malti, dan l-istaġun introduċejna tournaments għall-bniet fl-iskejjel sekondarji. Disa' skejjel ħadu sehem f'dawn it-tournaments li raw il-parteċipazzjoni ta' 113-il tifla.



**Uħud mit-tfajliet li ħadu sehem fl-iSchool Olympics Tournament.**

## PROMOZZJONI FL-ISKEJJEL

Sessjonijiet promozzjonali ta' taħriġ għall-bniet waqt il-ħin tal-iskola jiġu offruti mill-Malta FA fejn nurseries tal-bniet jikkollaboraw mal-iskejjel biex ikun hemm kontinwazzjoni tas-sessjonijiet u l-bniet verament imorru fil-klabbs sabiex jilagħbu il-futbol.

Matul l-istaġun 2022-23, bl-għajnuna ta' SK Victoria Wanderers, saru sessjonijiet f'diversi skejjel f'Għawdex biex b'hekk fl-istaġun li ġej inkunu nistgħu nżidu is-sessjonijiet ta' wara l-iskola f'aktar skejjel madwar il-gżira Għawdxija.



Haley Bugeja ngħatat merħba sabiħa mill-istudenti tal-iskola primarja tal-Fgura.

Fil-bidu ta' dan l-istaġun, il-plejer internazzjonali tan-nisa Haley Bugeja kienet il-mistiedna speċjali fil-Kulleġġ St Thomas More Fgura Primary B. Waqt din l-attività l-coach li fl-istaġun ta' qabel ikkordinat is-sessjonijiet ta' wara l-iskola u hija ukoll għalliema fl-istess skola, mexxiet sessjoni tal-futbol quddiem it-tfal kollha preżenti.

## UEFA PLAYMAKERS

Wara s-suċċess tal-istaġun li għadda, il-proġett UEFA Playmakers kompla fi 30 ċentri differenti, inklużi skejjel primarji, girl guides u nurseries tal-klabbs lokali madwar Malta u Għawdex. Dan il-proġett huwa għall-bniet bejn il-ħames



Sessjoni tal-UEFA Playmakers li attira aktar minn 900 tifla.

u tmien snin li, permezz tad-dinja maġika ta' Disney, jagħmlu l-ewwel passi tagħhom fil-vjaġġ tagħhom fil-futbol.

Dan il-proġett sar f'żewġ fażijiet, bl-ewwel waħda tkun bejn Settembru u Frar bil-parteċipazzjoni ta' 744 tifla. Fit-tieni parti, li saret bejn ix-xhur ta' Frar u Mejju, kellna mhux anqas minn 742 parteċipanta, b'total ta' 920 tifla li ħadu sehem fuq staġun sħiħ.

## REGIONS GIRLS OPEN DAY

B'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali, id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa nieda proġett mar-reġjuni tal-gżejjer Maltin. Dan jinkludi open days għall-bniet fejn jiġu wkoll mistiedna l-klabbs



Bniet jieħdu sehem fl-attività fir-Reġjun Tramuntana Saret ukoll Open Day f'Għawdex.

tal-lokalitajiet involuti biex iħeġġu lill-bniet biex jidħlu fid-dinja tal-futbol.

Matul dan l-istaġun, ġew organizzati żewġ attivitijiet, dik fir-reġjun tat-tramuntana u oħra fir-reġjun ta' Għawdex. Fl-ewwel staġun, rajna l-parteċipazzjoni ta' 44 tifla (23 f'Għawdex u 21 fl-attività marbuta mar-reġjun tat-tramuntana).

## ŻVILUPP TAL-FUTBOL TAN-NISA

L-għan tal-iżvilupp fil-futbol tan-nisa huwa li jiżdiedu in-numri fil-grassroots. Minbarra dan, dawn il-bniet ikollhom l-opportunità li jilagħbu ta' spiss filwaqt li jkunu mħarrġa minn coaches nisa kwalifikati.

**Proġetti**

i. Skema boroż ta' studju għall-coaches.
ii. Festival għall-bniet ta' taħt l-14 u l-11-il sena.
iii. Kampjonat għall-bniet ta' taħt is-17-il sena.
iv. Kampjonat għall-bniet ta' taħt l-21 sena.
v. Kampjonat tan-Nisa
vi. Logħob għan-nisa 'l fuq minn 35 sena u plejers irtirati.
vii. Għajnuna lill-klabbs femminili.
viii. Statistika, informazzjoni u monitoraġġ.

| **Total ta' coaches li bbenefikaw mill-iskema tal-boroż ta' studju** | **42** |
|---|---|
| Grassroots Leaders Course | 28 |
| UEFA C | 7 |
| UEFA B | 3 |
| UEFA C & B (Combined Course) | - |
| UEFA A | - |
| UEFA Pro | - |
| Goalkeeping Level 2 | - |
| Physical Trainers | 2 |
| Beach Soccer | - |
| Futsal Grassroots Course | 2 |
| Match Analyst | - |

## FESTIVAL GĦALL-BNIET TA' TAĦT L-14 U L-11-IL SENA

Matul dan l-istaġun, ipparteċipaw seba' klabbs (disa' timijiet) fil-festival ta' taħt l-14-il sena u sitt klabbs (seba' timijiet) fil-festival ta' taħt l-11-il sena b'total ta' 231 tifla. Dawn il-festivals, li saru fil-faċilitajiet tal-iskola ta' Sant Agata, kienu mifruxa fuq 15-il ġurnata, inkluż festival tal-futsal fil-kumpless il-ġdid fl-iskola San Alwiġi.




**Women U-17 League: waqt is-serata ta' premjazzjoni tal-kampjonati organizzati mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol.**

## KAMPJONAT TA' TAĦT IS-17-IL SENA

Wara li fl-istaġun ta' qabel kien organizzat il-kampjonat ta' taħt is-16-il sena, dan l-istaġun sar dak ta' taħt is-17-il sena bil-logħob jintlagħab il-Ħadd filgħodu fil-grawnds ta' Kirkop u Marsaskala, b'format ta' 9-a-side. Seba' timijiet ikkompetew f'dan il-kampjonat b'total ta' 155 tifla.

Il-kampjonat, li kien organizzat mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol u sponsorjat minn BNF Bank, intrebaħ minn Swieqi United filwaqt li fil-kompetizzjoni tan-Knock-Out, Hibernians rebħu

t-tazza wara li Swieqi United taw walkover fil-finali. Suzanne Farrugia Sacco, ta' Raiders-Lija, kienet l-aqwa skorer tal-kampjonat b'total ta' 15-il gowl.

Matul ix-xahar ta' Lulju 2022, id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa, flimkien ma' dak tal-Beach Soccer u l-Futsal, organizza tournament tal-Beach Soccer għall-bniet ta' taħt is-17-il sena, fejn ħadu sehem ħames klabbs bil-parteċipazzjoni ta' seba' timijiet. Birkirkara rebħu l-kompetizzjoni li fiha ħadu sehem 88 tfajla.

## KAMPJONAT TA' TAĦT IL-21 SENA

Wara li fl-aħħar staġun kien organizzat il-kampjonat ta' taħt l-20 sena, dan l-istaġun il-kategorija nbidlet għall-plejers ta' taħt l-21 sena skont il-ħtiġijiet u r-realtajiet fis-settur tal-futbol tan-nisa. Dan il-kampjonat, li kien appoġġjat minn Assikura Insurance Brokers PCC Limited, intlagħab is-Sibt wara nofsinhar fil-grawnds ta' Kirkop u Mġarr, b'format ta' 11-a-side. Il-parteċipazzjoni f'dan il-kampjonat kienet ta' sitt timijiet b'total ta' 157 plejer.

Birkirkara wettqu rimonta kbira biex sfurzaw decider u eventwalment rebħu t-titlu wara li għelbu lil Raiders-Lija. Leah Ayres, ta' Raiders-Lija, spiċċat bħala l-aqwa skorer ta' dan il-kampjonat b'19-il gowl. Il-kompetizzjoni tan-Knock-Out kienet mirbuħa minn Raiders-Lija.



Azzjoni mill-kampjonat ta' taħt il-21 sena.

## KAMPJONAT TAN-NISA

Fl-istaġun li għadda, il-kampjonat tal-kbar kien milgħub fuq tliet rawnds u b'kollox ipparteċipaw seba' timijiet. Il-grawnds użati kienu dawk tal-Mġarr u il-grawnd taċ-Ċentinarju (intlagħbu tliet partiti fis-Sirens Stadium) kull nhar ta' Tlieta u Erbgħa bil-parteċipazzjoni ta' 194 tfajla. Matul dan il-kampjonat ġew utilizzati 21 plejer barranin, b'10 minnhom ġejjin minn pajjiżi fl-Ewropa.

Matul l-istaġun, fil-kampjonat Assikura tan-nisa ntlagħbu 63 partita u ġew skurjati 294 gowl b'Birkirkara jiddefendu t-titlu b'suċċess wara li ssuperaw l-isfida denja offruta minn Swieqi United . Il-kompetizzjoni Knock-Out intrebħet minn Swieqi United li għelbu lil Hibernians 2-1 fil-finali.

## GĦAJNUNA LILL-KLABBS FEMMINILI

Apparti l-għajnuna fi ħlasijiet għall-kampjonati, id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa ħoloq strateġija ta' aktar inizjattivi biex ikompli jgħin fl-iżvilupp tal-klabbs femminili.

Matul l-istaġun ingħataw sett blalen u tagħmir lil kull klabb li għandu tim tat-tfajliet. Il-partiti kollha li jintlagħbu fil-Centenary Stadium jkunu rrikordjati u mogħtija lit-timijiet rispettivi.




**Birkirkara ddefendew b'suċċess it-titlu fil-Kampjonat Assikura tan-Nisa.**

Mhux kull klabb femminili għandu l-possibbiltà li jkollu s-servizzi ta' goalkeepers coach, għaldaqstant, matul l-istaġun ġew introdotti ukoll sessjonijiet tal-goalkeepers bħala għajnuna. Dawn is-sessjonijiet tmexxew minn Roger Camilleri u Janice Xuereb.

## PROMOZZJONI

Matul l-istaġun 2022-23, ġiet reġistrata żieda fin-numru ta' persuni li jsegwu l-paġna ta' Facebook. Uħud mill-aktar features li jattiraw interess huma "#MalteseAbroad", sommarju ta' kull ġimgħa dwar l-andament tal-plejers Maltin li qegħdin jilagħbu barra, l-aħjar siltiet tal-partiti tal-kampjonat li jintlagħbu fis-Centenary Stadium kif ukoll żieda fl-intervisti u kurżitajiet dwar il-kampjonati tagħna.

Aġġornamenti u riżultati live, inklużi l-iskorers waqt il-Kampjonat Assikura, jiġu mtella' fuq Match Centre, is-sit tal-Malta FA, u fuq il-paġna uffiċjali ta' Facebook, MFA Women's Football.

Kull xahar tintbagħat newsletter lil-lista ta' indirizzi elettroniċi li jżomm id-dipartiment. F'din in-newsletter ikollna ġabra ta' aħbarijiet mit-timijiet nazzjonali, klabbs femminili, attivitajiet fl-iskejjel u aħbarijiet internazzjonali. Matul dan l-istaġun intbagħtu disa' newsletters.




**Bniet mill-akkademja li ħadu sehem fl-avveniment Lejla Fil-Park.**

## ATTIVITAJIET GĦAL JUM IL-MARA

F'Jum il-Mara, id-dipartiment flimkien ma' dak tal-komunikazzjoni ppreparaw video li xeħet dawl fuq l-irwol doppju tal-plejers nazzjonali tagħna. Barra minn hekk, minflok is-solita sessjoni tal-akkademja, f'Jum il-Mara, il-coaches organizzaw attività bejn l-istess bniet u l-ommijiet tagħhom.

Fl-aħħarnett, b'kollaborazzjoni mal-iskola tas-subien St Benild, ġiet organizzata attività bl-isem ta' Wonder Women's Day 2023, fejn ġew mistiedna xi bniet mill-akkademja biex jilagħbu flimkien mas-subien mill-istess skola. L-għan ta' din l-attività kien biex jedukaw lis-subien li l-bniet huma kapaċi wkoll. Flimkien mal-bniet, attendew għal din l-attività il-coach tat-tim nazzjonali Manuela Tesse flimkien mal-coach ta' dan il-grupp, Karen Heneghan.

L-Assoċjazzjoni ħadet sehem ukoll f'avveniment organizzat minn SportMalta fil-grawnds tal-Marsa, li sar fil-25 ta' Settembru. Matul il-ħin allokat, l-edukatur tal-UEFA Playmakers, Sephora Bajada, mexxiet sessjoni ta' dimostrazzjoni tal-UEFA Playmakers bis-sehem ta' tfajliet ġejjin minn ċentri li ppartecipaw matul l-ewwel sena ta' dan il-proġett.

## COACHES U STAFF TEKNIKU

Id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa, immexxi minn Pierre Brincat, jikkonsisti minn 34 membru li huma coaches, staff mediku, kit managers u staff ieħor li jkomplu jagħmlu d-dipartiment aktar b'saħħtu.

Matul dan l-istaġun, apparti l-coach nazzjonali Tesse, introduċejna wkoll lil Vince Galea bħala kordinatur tekniku tat-timijiet tal-akkademja u dak ta' taħt is-16-il sena. Il-coaches kollha tat-timijiet tagħna għamlu żjarat fil-klabbs kif ukoll attendew għall-partiti tal-kampjonati u festivals. Wara kull żjara, kull coach jirreġistra l-informazzjoni u statistika relatata.

## ASSIKURA AWARDS

Bħala sponsors tal-kampjonati tan-nisa, Assikura Insurance Brokers ingħaqdu mad-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa biex jippremjaw l-aħjar plejer ta' kull xahar fil-kampjonat tal-kbar, u ġew introdotti wkoll premjijiet għall-aqwa plejer fil-kampjonat taż-żgħażagħ (taħt il-21 sena) u l-aħjar coach ta' kull rawnd.




**Il-plejer ta' Hibernians Alexis Espitia, rebbieħa tal-Assikura Women's League plejer tax-xahar għal Diċembru 2022.**




# It-twettiq tal-azzjonijiet strateġiċi tibqa' prijorità

**Issa li għaddejna t-tielet sena tal-implimentazzjoni tal-istrateġija, aċċertajna li l-pjani eżistenti kollha madwar 13-il dipartiment ġew konformi mal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri organizzattivi tal-Malta FA.**

L-uffiċjal tal-istrateġija, Dr Dawn Aquilina, aċċertat li d-39 azzjoni strateġika kollha jkollhom individwu ewlieni identifikat (eż. direttur/kap) b'mekkaniżmi ta' rappurtar ċari, konċiżi u mifhuma madwar l-organizzazzjoni biex jirrapportaw fuq bażi ta' kull xahar fit-tmien linji ta' għanijiet strateġiċi.

Bnejna wkoll tim ta' tmexxija effettiv b'direttur/kap u t-timijiet rispettivi tagħhom jiddiskutu mal-uffiċjal tal-istrateġija dwar il-progress u anke l-isfidi u diffikultajiet iffaċċjati fuq bażi regolari. B'mod konkret, xi wħud minn dawn id-deċiżjonijiet kienu relatati mad-dipartiment tekniku peress li nħatru Head Coach ġdid kemm għat-tim nazzjonali tal-kbar tal-irġiel kif ukoll tan-nisa f'Diċembru 2022. Michele Marcolini nħatar Head Coach tat-timijiet nazzjonali filwaqt li Manuela Tesse ħadet f'idejha t-tmexxija tat-tim nazzjonali tan-nisa.

It-tnejn ġew infurmati dwar l-iżvilupp tal-filosofija unika tal-logħob tagħna, iżda għandna bżonn nissorveljaw il-progress f'dan ir-rigward minħabba li huwa pass importanti ta' natura aktar teknika.

Huwa importanti li wieħed jinnota f'dan l-istadju li meta jiġu identifikati l-isfidi, ikun hemm bżonn isir l-aġġustament meħtieġ, sabiex l-implimentazzjoni tibqa' għaddejja. Importanti wkoll il-monitoraġġ tal-allokazzjoni tal-baġit għall-azzjonijiet strateġiċi ladarba dawn ġew ikkonfermati.

Żviluppajna wkoll aktar dettalji dwar kull waħda mill-azzjonijiet strateġiċi fir-rigward tal-KPIs individwali biex insegwu l-progress u niċċelebraw dawn l-istadji sinjifikanti. ■

**“meta jiġu identifikati l-isfidi, ikun hemm bżonn isir l-aġġustament meħtieġ, sabiex l-implimentazzjoni tibqa' għaddejja. Importanti wkoll il-monitoraġġ tal-allokazzjoni tal-baġit għall-azzjonijiet strateġiċi ladarba dawn ġew ikkonfermati”**

## 1 ŻVILUPP TEKNIKU

**OBJETTIV: Investiment fl-istruttura teknika biex tiġi żviluppata l-filosofija tal-logħba**

Proġetti għadhom fis-seħħ

KPI:
- Filosofija tal-logħba unifikata
- Korsijiet ta' żvilupp tal-coaches
- Żieda fin-numru ta' plejers professjonali li jilagħbu barra l-pajjiż



## 5 INSAĦĦU L-PARTNERSHIPS KUMMERĊJALI

**OBJETTIV: Ħolqien ta' organizzazzjoni kummerċjalment sostenibbli**

Konklużi
- Rebranding tal-Malta FA
- It-tielet staġun li qed jintlagħab il-BOV ePremier League mal-EA Sports
- Bidla fil-fornitur għat-timijiet nazzjonali kollha

Proġett għadu fis-seħħ

KPI:
- Negozjati mill-ġdid ma' diversi sponsors, imsieħba u fornituri

## 2 INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA

**OBJETTIV: Investiment fi proġetti kapitali biex titjib l-infrastruttura tal-futbol**

Konklużi
- Rinnovament tal-pitches fit-Training Grounds f'Ta' Qali
- Installazzjoni ta' pitch bil-ħaxix artifiċjali u b'sistema ta' dawl artifiċjali, f'Dar San Ġużepp, b'kollaborazzjoni mal-UEFA Foundation for Children.

Proġett għadu għaddej

KPI:
- Bini ta' ċentru nazzjonali ġdid ta' taħriġ tal-futbol



## 6 TITJIB FL-EFFIĊJENZA U RIFORMA TAL-LIĊENZJAR

**OBJETTIV: Governanza tajba tal-assoċjazzjoni**

Konklużi
- Servizzi u għodda tas-software online – tlesta t-taħriġ għad-diretturi interni kollha
- Tlestiet ir-riforma tal-liċenzjar tal-klabbs

Proġetti għadhom fis-seħħ

KPI:
- Ristrutturar korporattiv tal-klabbs
- Policy dwar protezzjoni tad-data

**PERJODU TAL-ISTRATEĠIJA** – mill-bidu ta' **Frar 2020** sat-tmiem ta' **Ġunju 2024**

## 3 PROĠETTI TAL-FONDAZZJONI INĦOBB IL-FUTBOL

**OBJETTIV: Imnedija l-ewwel proġetti tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol**

Proġetti għadhom fis-seħħ

KPI:
- Inizjattiva tal-iskola Fun Fit Football
- UEFA Playmakers
- Hubs Reġjonali
- FSR
- Futsal u Beach Soccer



## 7 MEZZI DIĠITALI U ŻVILUPP TAL-IMPJEGATI

**OBJETTIV: Titjib tas-servizz lill-komunità tal-futbol permezz ta' diġitalizzazzjoni u innovazzjoni**

Konklużi

- Tnedija tal-website il-ġdida tal-Malta FA b'ċentru fejn jintwera logħob dirett u l-funzjoni tal-portal tal-biljetti online
- It-tieni taħriġ imsejjes fuq il-valuri mogħti lill-istaff kollu minn aġenzija esterna ta' taħriġ, Think Talent

Proġetti għadhom fis-seħħ

KPI:
- Taħriġ immirat lejn id-diretturi interni u kapijiet b'enfasi fuq reżiljenza
- Introduzzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-mistednin online

## 4 AVVENIMENT PRESTIĠĠJUŻ F'MALTA

**OBJETTIV: Organizzazzjoni ta' avveniment internazzjonali importanti**

Konkluż

- Kien organizzat b'suċċess il-Kampjonat Ewropew U-19 tal-UEFA f'Malta aktar kmieni dan ix-xahar.

## 8 TITJIB FIL-LIVELL TAL-KOMPETIZZJONIJIET

**OBJETTIV: Jogħlew l-livelli tal-kompetizzjonijiet domestiċi**

**Konklużi**

- Koordinazzjoni b'suċċess u twaqqif ta' kampjonati nazzjonali tal-futbol li jinkludu l-Kampjonat Premier, iċ-Challenge League, l-Amateur League, kif ukoll il-Kampjonat tan-Nisa għall-istaġun 2022-23
- Kompetizzjonijiet tal-Youths - aktar minn 1000 partita kkoordinati fi tliet kategoriji ta' etajiet differenti

**Proġetti għadhom fis-seħħ**

KPI:
- Klassifikazzjoni tal-grawnds
- Tnedija tal-policy medika

**8** – **Għanijiet** strateġiċi

**39** – **Azzjonijiet** identifikati

**Progress fl-implimentazzjoni: 30/39** – azzjonijiet **kompluti**




# Ħidma msejsa fuq erba' pilastri – governanza tajba, l-iżvilupp tat-talent, prestazzjoni u reklutaġġ

**Fl-istaġun 2022-23, is-settur tar-referees kellu l-objettiv li jibni fuq il-pedament stabbilit matul l-istaġun preċedenti billi jiffoka fuq oqsma speċifiċi bħal organizzazzjoni, policies u strateġija.**

L-għan ewlieni kien li jagħti lir-referees l-appoġġ neċessarju u l-opportunitajiet edukattivi għall-iżvilupp tal-karriera tagħhom, li jippermettulhom li jagħtu l-aħjar prestazzjonijiet f'dan il-qasam.

Matul l-istaġun, inħarġu aktar minn 9,000 appointment li kienu koperti minn madwar 120 uffiċjal tal-logħba.

Il-Kumitat tar-Referees iffoka fuq erba' pilastri ewlenin ta' ħidma biex jintlaħqu dawn l-objettivi:

**Governanza Tajba**: Dan il-pilastru enfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti strutturi effettivi ta' governanza fi ħdan is-settur tar-refereeing. Kien jinvolvi wkoll li jiġi aċċertat li protokolli, proċeduri u politika xierqa kienu fis-seħħ, u dan għen biex jinħoloq ambjent trasparenti u responsabbli.

**Talent and Mentoring**: L-iżvilupp tat-talenti u l-għoti ta' opportunitajiet ta' mentoring kienu aspetti kruċjali tal-ħidma tal-kumitat. Saru sforzi biex jiġu identifikati u mrawma referees promettenti, billi ngħataw il-gwida, l-appoġġ u l-mentoring meħtieġa biex itejbu l-ħiliet u l-potenzjal tagħhom.

**Prestazzjoni**: L-enfasi fuq il-prestazzjoni kienet tinvolvi monitoraġġ u valutazzjoni kontinwa tal-imġieba tar-referees kemm fil-grawnd kif ukoll barra. Il-kumitat ħadem biex jipprovdi lir-referees feedback kostruttiv, analiżi tal-prestazzjoni, u programmi ta' taħriġ biex jgħinuhom itejbu t-teħid ta' deċiżjonijiet, l-immaniġġar tal-logħob u l-kwalità tal-prestazzjoni ġenerali tagħhom. Dan il-pilastru kellu l-għan li jiżgura li r-referees ikunu ppreparati tajjeb biex jissodisfaw il-kriterji tal-logħbiet b'mod effettiv.

**Reklutaġġ u Konsolidazzjoni:** Biex tissaħħaħ il-komunità tar-referees, il-kumitat iddedika l-isforzi tiegħu għar-reklutaġġ u ż-żamma fl-attività tal-uffiċjali tal-logħba f'kull livell. Ittieħdu bosta inizjattivi biex jattiraw individwi ġodda biex jibdew karriera fir-refereeing u biex jinżammu r-referees eżistenti.

Bl-għan li jagħti iktar prominenza lil dawn l-erba' pilastri, is-settur tar-refereeing fittex li jsaħħaħ il-progress li sar fl-istaġuni preċedenti u joħloq pedament sod għall-iżvilupp u s-suċċess tal-uffiċjali tal-logħba.

Matul l-istaġun, inħarġu aktar minn **9,000** **appointment** li kienu koperti minn madwar **120 uffiċjal** tal-logħba




**L-iżvilupp u l-progress tal-uffiċjali tal-logħba kienu fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Kumitat tar-Referees.**

## GOVERNANZA TAJBA

Taħt il-presidenza tal-ex-referee tal-FIFA, Alan Mario Sant, il-Kumitat tar-Referees għall-istaġun 2022-23 baqa' ma nbidilx f'termini tal-membri tiegħu. Mario Apap serva bħala l-Viċi Chairman filwaqt li Josef Mifsud kien is-Segretarju tal-bord. Il-kumitat kien kompost ukoll minn Refereeing Officers, fosthom Clayton Pisani, Christopher Lautier, William Debattista, Gjergji Bitri u Charles Agius.

Fil-bidu tal-istaġun, wara l-ewwel laqgħa tal-kumitat, ġie ppubblikat id-dokument Organisational Set Up, Roles & Responsibilities. Dan id-dokument iddeskriva b'mod ċar ir-responsabbiltajiet u l-għanijiet tal-uffiċjali tal-logħba, u jispeċifika l-kategoriji li għalihom kienu responsabbli.

B'ħidma kontinwa fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni tar-Referees tal-UEFA, il-Kumitat tar-Referees żamm diversi obbligi u parametri stabbiliti mill-UEFA. Biex tkun żgurata l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, il-kumitat ħatar diversi sotto-kumitati, kull wieħed immexxi minn Uffiċjal tar-Refereeing, bi dmirijiet u objettivi speċifiċi.



**L-uffiċjali tal-logħba Maltin li jiffurmaw parti mill-FIFA panel.**

## L-UFFIĊJALI TAL-LOGĦBA U L-OSSERVATURI TAR-REFEREES

Il-proċedura marbuta mad-definizzjoni tal-kategoriji u tal-ħatriet tar-referees fl-2022-23 kienet ibbażata fuq l-istruttura tal-istaġun preċedenti u ġiet ippubblikata fil-bidu tal-istaġun. Bħal fl-istaġun ta' qabel, l-għan kien li jkompli jiġi rfinut il-progress tal-uffiċjali tal-logħba. Il-kategoriji tal-uffiċjali tal-logħba għall-ewwel nofs tal-istaġun 2022-23 inħarġu f'Lulju segwiti minn reviżjoni tal-lista f'Jannar 2023 għat-tieni nofs tal-istaġun. Dawn il-kategorizzazzjonijiet għenu biex jiġu determinati l-ħatriet tar-referees matul il-perjodi rispettivi.

## TALENT & MENTOR U COACH TAR-REFEREES

Il-programm Talent & Mentor għas-sena 2023 kompla jiżviluppa l-programm tas-sena 2022, bl-ingaġġ ta' seba' uffiċjali tal-logħba f'Jannar għal total ta' 13; sitta minnhom kienu fit-tieni sena tagħhom tal-programm. Bħal fl-istaġuni preċedenti, it-twaqqif tal-programm kien ibbażat fuq il-programm CORE tal-UEFA.

Sabiex inkomplu nkabbru l-opportunitajiet ta' dawn l-uffiċjali żgħażagħ tal-logħba li għandhom talent, intlaħaq ftehim ta' kollaborazzjoni ma' Akkademja Internazzjonali tar-Refereeing li tagħti l-opportunità lir-referees rispettivi jattendu tournaments internazzjonali biex jesperjenzaw futbol internazzjonali u l-professjonaliżmu fid-dinja tar-refereeing.

Il-programm kien ikkordinat mill-assistent referee tal-FIFA Alan Camilleri, b'kull uffiċjal tal-logħba jkollu mentor speċifiku jsegwi l-progress tiegħu/tagħha. Il-programm kien jikkonsisti wkoll f'seminars esklussivi u sessjonijiet tekniċi kull xahar, relatati mal-kundizzjoni tal-uffiċjali tal-logħba.

Il-kundizzjoni fiżika kienet waħda mill-aspetti ewlenin fil-programm filwaqt li t-talenti rispettivi

ġew immonitorjati permezz tal-Polar System fejn kull xahar ġew organizzati sessjonijiet fiżiċi speċjalizzati.

Il-kunċett tal-coaches tar-referees, introdott fl-istaġun ta' qabel, kompliet tkun attiva u kull uffiċjal tal-logħba kellu punt ta' referenza biex jgħin fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom bil-Kumitat tar-Referees ikollu setup li jiżgura li l-uffiċjali kollha jkunu qed jiġu mmonitorjati u segwiti.

## PRESTAZZJONIJIET

Wieħed mill-objettivi ewlenin tas-settur tar-refereeing huwa l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba. Matul l-istaġun ġew organizzati numru ta' sessjonijiet tekniċi u speċjalizzati ta' kull xahar għall-uffiċjali tal-logħba kollha skont il-kategorija rispettiva. Ingħatat attenzjoni lill-osservaturi tar-referees inkluż workshop speċjalizzat imwettaq minn espert tekniku internazzjonali, David Elleray.

Għat-tieni staġun konsekuttiv, il-pjattaforma "Ref by Sports Matrix" intużat għall-analiżi kollha tal-filmati tal-logħbiet mill-Kampjonat Premier minn perspettiva ta' referee u saret disponibbli għall-uffiċjali tal-logħba, biex itejbu l-iżvilupp u t-tħejjija tagħhom għall-partiti li jmiss. Il-faċilità ta' aċċess dirett għall-analiżi tal-partiti għenet lir-referees jidentifikaw oqsma għal aktar titjib kif ukoll jitgħallmu mill-wirjiet tagħhom.

L-enfasi mill-Kumitat tar-Referees fuq l-aspett tal-kundizzjoni fiżika kompliet tkun kruċjali biex jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-logħba jkunu laħqu l-esiġenzi fiżiċi biex ikunu jistgħu jikkontrollaw il-partiti. L-impenn tal-valutazzjonijiet tal-kundizzjoni fiżika u l-konformità mal-livelli internazzjonali żgura li l-uffiċjali tal-logħba jkunu lesti li jissodisfaw l-ogħla livell ta' kriterji.

L-iżvilupp tar-referees femminili kien proġett ieħor li kompla jikber u jissaħħaħ billi ġew organizzati sessjonijiet speċjalizzati speċifikament għar-referees nisa taħt il-gwida ta' referee b'esperjenza bħal Esther Azzopardi. Ir-riżultati mixtieqa nkisbu hekk kif għall-ewwel darba fl-istorja, trio ta' referees femminili kkontrollaw partita tal-Amateur League tal-irġiel, segwita minn partiti finali domestiċi tan-nisa u partiti ta' ħbiberija tan-nisa kkontrollati minn tim ta' referees nisa.

Ta' min jinnota li l-istrateġija ta' żvilupp edukattiv ta' refereeing, li qed tiġi implimentata u bbażata fuq il-gwida u d-direzzjoni tal-UEFA, qed tagħti approċċ konsistenti fil-livelli kollha tal-kategoriji tar-refereeing.



**Opportunitajiet ta' tagħlim u taħriġ kontinwu għall-uffiċjali tal-logħba huma fost l-objettivi tal-Malta FA f'dan is-settur.**



**L-uffiċjali tal-logħba urew impenn u dedikazzjoni matul l-istaġun sħiħ.**

## RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

David Elleray, membru tal-Panel tal-Iżvilupp tal-UEFA responsabbli għal Malta, ġie kkonfermat mill-ġdid għall-istaġun 2022-23. B'mod regolari, il-Kumitat tar-Referees kien f'kuntatt miegħu biex jirrapporta lura dwar il-progress tas-settur tar-referees u l-uffiċjali tal-logħba internazzjonali.

Elleray kien ukoll il-kelliem mistieden ewlieni għas-seminar ta' qabel l-istaġun, għall-uffiċjali tal-logħba Elite li sar f'Awwissu, segwit minn żjarat oħra waqt is-seminar. Il-Kumitat tar-Referees kien ukoll f'kuntatt ma' uffiċjali oħra tar-refereeing tal-UEFA biex jiġi żgurat li bħala Assoċjazzjoni qed naħdmu fuq il-filosofija u d-direzzjoni mogħtija mill-Kumitat tar-Referees tal-UEFA u mill-Konvenzjoni tar-Referees tal-UEFA.

F'Jannar 2023, l-uffiċjali tal-logħba ġew ikkonfermati fuq il-Panel tal-FIFA. Dawn kienu Ishmael Barbara, Matthew Degabriele, Philip Farrugia u Trustin Farrugia Cann bħala referees tal-FIFA u Alan Camilleri, James Muscat, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Duncan Spencer, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana u Roberto Vella bħala assistenti referees. James Muscat u Duncan Spencer ġew nominati fuq il-lista tal-FIFA għall-ewwel darba. Stephen Vella kien ikkonfermat fil-lista tal-futsal filwaqt li Stephanie Bonnici reġgħet ġiet ikkonfermata fuq il-lista tal-FIFA Beach Soccer.

L-uffiċjali tal-logħba tagħna ġew maħtura fil-maġġoranza tal-logħbiet internazzjonali tal-2022-23 u anke fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA (futbol u futsal) inklużi erba' logħbiet internazzjonali A u logħbiet mill-UEFA Europa Conference League. L-aħħar tal-istaġun ra wkoll il-parteċipazzjoni tar-referees tagħna billi ġew magħżula għall-kampjonati finali taż-żgħażagħ tal-UEFA prinċipalment Trustin Farrugia Cann – tournament finali tar-Reġjuni u Ishmael Barbara bħala raba' uffiċjal għall-Kampjonat Finali tal-UEFA U-19. Lejn l-aħħar tal-istaġun u wara l-progress li wera fl-aħħar 12-il xahar, Matthew Degabriele intgħażel għall-UEFA Talent & Mentor Programme għall-istaġun li ġej li se jagħtih l-għodda u l-monitoraġġ meħtieġa biex ikompli jiżviluppa u jikber fi ħdan il-kategoriji tar-refereeing tal-UEFA.

Wara pawsa minħabba s-sitwazzjoni pandemika, il-Kumitat tar-Referees kompla bil-programmi ta' skambju kemm fil-futbol kif ukoll fil-futsal – Futbol - San Marino Football Federations & Futsal lejn l-aħħar stadji tal-kampjonat - l-FA Żvizzera u l-FA Olandiża.

## SFERA INTERNAZZJONALI

Internazzjonalment, is-settur tar-refereeing kien rappreżentat ukoll fil-korsijiet kollha edukattivi u ta' għalliema organizzati mill-UEFA għall-kapijiet tar-refereeing u l-instructors tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali. Trio Malti, immexxi mir-referee elite Daniel Portelli u l-assistenti referees elite Max Lee Muscat u Robert Curtis, attendew għas-56 UEFA CORE Programme, f'Marzu 2023, segwit mill-parteċipazzjoni tal-coach tal-UEFA CORE, Alan Mario Sant. Esther Azzopardi ppparteċipat bħala coach tar-referees għall-programm internazzjonali tal-UEFA CORE 2023.

Il-Malta FA kellha erba' osservaturi tar-referees tal-UEFA li ġew maħtura regolarment waqt il-logħbiet internazzjonali. L-osservatur tar-referees, Alan Mario Sant kien mistieden biex jattendi s-seba' fażi tal-Programm ta' Żvilupp tal-Osservaturi tar-Referees tal-UEFA.

## IL-PROĠETT TAL-VAR

Waħda mill-inizjattivi ewlenin li ħa d-Dipartiment tar-Refereeing kienet li jiżgura li, minkejja li s-sistema tal-VAR għadha ma ddaħħlitx fil-kampjonati domestiċi, ir-referees internazzjonali Maltin xorta waħda jieħdu t-taħriġ meħtieġ kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika biex ikunu ċċertifikati u liċenzjati biex jamministraw partiti li jinkludu s-sistema tal-VAR fil-livell tal-UEFA.



Referees Maltin qed jirċievu t-taħriġ meħtieġ kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika tal-VAR.





Matul l-istaġun kollu, b'kollaborazzjoni mal-għalliema tal-UEFA u d-Direttur Tekniku tal-IFAB David Elleray, ġie organizzat programm sħiħ taħt l-awspiċi tal-UEFA mifrux fuq tliet seminars biex iħejju lir-referees tagħna ħalli mill-istaġun li ġej ikunu eliġibbli għal ħatriet ta' logħbiet li jużaw il-VAR.

## REKLUTAĠĠ U Ż-ŻAMMA FL-ATTIVITÀ

Bħal fl-istaġuni preċedenti, ir-reklutaġġ kien dejjem sfida u l-Kumitat tar-Referees, permezz tal-uffiċjali tal-logħba tal-grassroots u s-Sotto-Kumitat tar-Reklutaġġ u ż-Żamma (Recruitment and Retention), komplew bl-isforzi biex jiġu mħeġġa rekluti ġodda bħala uffiċjali tal-logħba. B'kollox ġew organizzati tliet korsijiet apparti kors qasir lill-istudenti tal-MCAST Sports bħala parti mill-kurrikulu tal-istudju tagħhom.

L-idea li jintlaħaq l-MCAST, wara nuqqas ta' kuntatti mal-kulleġġi minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID, ħalliet riżultati inkoraġġanti ħafna. B'kollox, 42 parteċipant attendew għat-tliet korsijiet fejn ikkwalifikaw bħala uffiċjali tal-logħba. Parti mill-kampanji li saru mid-dipartiment inkludew sessjonijiet ta' informazzjoni fin-nurseries tal-futbol.

# Aktar opportunitajiet ta' taħriġ




**Il-kors Certificate in Football Administration sar kull sena għal dawn l-aħħar ħames snin.**

**Fi sforz biex jitwessgħu l-oqsma li fihom jingħata taħriġ lil kull min hu involut fil-logħba, f'Awwissu 2022 ġie mniedi prospett li jinkludi l-korsijiet kollha fuq perjodu ta' staġun. Dan kien ikopri korsijiet mhux biss ta' natura teknika (coaching) imma wkoll ta' natura amministrattiva.**

Wara erba' edizzjonijiet fejn l-Assoċjazzjoni organizzat direttament kors għall-amministraturi fil-klabbs (Certificate in Football Administration), minn dan l-istaġun ġew konklużi ftehimiet ma' fornituri fil-qasam tal-edukazzjoni biex dawn jgħinu fit-tfassil u l-kontenut ta' dawn il-korsijiet, li llum ikopru firxa akbar ta' suġġetti. Fil-fatt il-kors għal Certificate in Football Administration sar bi sħubija ma' Avanza Training Academy u ntemm b'suċċess f'April fejn il-kandidati ġew preżentati biċ-ċertifikat mill-President Bjorn Vassallo u l-Viċi President Dr Matthew Paris.

Korsijiet oħra ġodda kienu dawk iffukati fuq il-ġestjoni finanzjarja u l-miżuri kontra l-ħasil tal-flus. Dawn ġew provduti mill-kumpanija Getgovernanz.

F'Ġunju ntemm ukoll kors għall-ħaddiema fil-match operations li kien jiffoka fuq aspetti bħall-użu ta' AEDs, is-sigurtà fl-istadia, u first-aid bażiku. Barra minn hekk bħalma sar fl-aħħar sentejn, reġgħu ġew offruti korsijiet u ċertifikazzjoni fil-first-aid bla ħlas għall-klabbs.




**Sar ukoll kors għall-ħaddiema fi ħdan id-dipartiment tal-match operations fuq aspetti bħall-użu ta' AEDs u first-aid bażiku.**

# Il-Malta FA b'sehem attiv fil-proġett Sports Against Match-Fixing

**Matul l-aħħar staġun, issuktaw diversi proġetti li jinvolvu s-sehem attiv tal-Malta Football Association, ewlieni fosthom dak magħruf bħala SAMF 'Sports Against Match-Fixing'. Dan hu proġett ieħor tal-ERASMUS organizzat mill-Federazzjoni tal-Futbol Portugiża fejn flimkien mal-Malta FA l-imsieħba l-oħra huma l-federazzjonijiet tal-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja u l-Olanda.**

Dan il-proġett jikkonsisti f'ħames oqsma ta' xogħol fejn se jkun qiegħed jippubblika rapport ta' riċerka, kampanja ta' għarfien b'implimentazzjoni kemm online kif ukoll b'attivitajiet oħra, kif ukoll tagħlim magħruf bħala 'game based learning'.

Fil-fatt, f'Novembru tal-2022 ilqajna hawn Malta l-parteċipanti kollha f'seminar ta' jumejn li kien parti essenzjali minn dan il-proġett.

Apparti minn hekk, kompliet ir-riċerka u kollaborazzjoni kemm mal-FIFA kif ukoll mal-UEFA u anke konsultazzjoni ma' msieħba lokali. Dan se jwassal biex, għall-ewwel darba f'pajjiżna, qiegħed jiġi mfassal pjan strateġiku ta' azzjoni li jirrifletti l-approċċ tal-Malta FA fil-ġlieda kontra il-manipulazzjoni tal-logħba tal-futbol, liema pjan huwa rifless f'dokument li jikkumplimenta l-istrateġija tal-Assoċjazzjoni.

## PREVENZJONI U EDUKAZZJONI

Fil-proċess ta' liċenzjar tal-klabbs tal-Premier sabiex ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA, saru sessjonijiet online ma' disa' klabbs li matulhom Dr Herman Mula, l-Integrity Officer tal-Malta FA, ta preżentazzjonijiet edukattivi mal-plejers u l-istaff tekniku. Saru diversi sessjonijiet dwar l-integrità fosthom fil-korsijiet UEFA tal-coaching kif ukoll mal-uffiċjali tal-logħba.

Komplejna wkoll bis-sessjonijiet fl-iskejjel sekondarji ma' studenti li jagħżlu l-kredit tal-isport.



Il-Malta FA hi waħda mill-assoċjazzjonijiet li qed jagħtu sehemhom fil-proġett Ewropew Sports Against Match-Fixing.

# Suċċess għall-Italja




UEFA
UNDER-19
CHAMPIONSHIP
MALTA 2023



**Malta kienet fost it-tmien nazzjonijiet li kkompetew fil-Kampjonat Ewropew ta' taħt id-19-il sena wara li l-UEFA għażlet lill-Malta FA biex tospita dan it-turnew prestiġġjuż li eventwalment intrebaħ mit-tim Taljan.**

Diversi impjegati tal-Malta FA u kollaboraturi kienu impenjati fit-tħejjijiet u magħhom ingħaqdu numru sabiħ ta' voluntiera li offrew l-assistenza matul dan l-avveniment. Dan l-impenn kollettiv witta t-triq għal esperjenza mill-isbaħ imżewqa b'futbol ta' livell għoli u attendenzi inkoraġġanti f'kampjonat organizzat tajjeb ferm.

Il-kompetizzjoni bdiet it-Tnejn, 3 ta' Lulju b'żewġ logħbiet minn Grupp A. Malta nediet l-impenji tagħha b'konfront kontra l-Italja fl-Istadium Nazzjonali, għadma iebsa għaż-żgħażagħ tagħna b'erba' penalties u t-tkeċċija tal-captain Jake Micallef ikomplu jagħmlu l-affarijiet diffiċli għat-tim Malti. L-Italja ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0. Fl-ewwel logħba minn Grupp A, il-Portugall kisbu rebħa ta' 2-0 kontra l-Polonja fit-Tony Bezzina Stadium.

L-għada kien imiss lit-timijiet ta' Grupp B bin-Norveġja jegħlbu lill-Greċja 5-4 f'partita mill-iktar eċċitanti fis-Centenary Stadium filwaqt li Spanja rebħu 2-1 kontra l-Iżlanda.

L-ewwel gimgħa tat-turnew kienet iddedikata għall-istadju tal-gruppi bil-Portugall jirbħu Grupp A b' punti massimi u l-Italja javvanzaw għas-semi-finali wara li spiċċaw fit-tieni post.

Fi Grupp B, kienu Spanja li qatgħu passaġġ għas-semi-finali b'seba' punti u n-Norveġja li għaddew bħala t-tieni tim ikkklasifikat.

Minbarra l-Istadium Nazzjonali, it-Tony Bezzina Stadium u s-Centenary Stadium, intuża wkoll il-Gozo Stadium li ospita żewġ logħbiet fosthom l-aħħar partita ta' Malta fi Grupp A – telfa ta' 2-1 kontra l-Portugall bil-gowl għat-tim tagħna jiskurjah Basil Tuma.



**It-tim nazzjonali Malti kien fi Grupp A flimkien mal-Italja u l-Portugall, iż-żewġ finalisti, u l-Polonja.**



**Il-plejer tat-tim Malti Alfie Bridgman jogħla bir-ras ma' Filippo Missori tal-Italja.**

## SEMI-FINALI

Il-Portugall kienu fi klassi għalihom fis-semi-finali b'rebħa kbira ta' 5-0 kontra n-Norveġja fit-Tony Bezzina Stadium. Rodrigo Ribeiro skurja żewġ gowls għall-Portugiżi. Jekk l-ewwel partita kienet dominata minn tim wieħed, l-istess ma jistax jingħad għat-tieni semi-finali bejn l-Italja u Spanja. F'partita missielta u mimlija emozzjonijiet, kienu l-Italja li għaddew għall-finali b'rebħa ta' 3-2 fl-Istadium Nazzjonali. Luca Lipani skurja l-gowl tar-rebħa ħames minuti mit-tmiem.



**Ġest tekniku waqt is-semi-finali bejn il-Portugall u n-Norveġja.**



**Dr Angelo Chetcuti jirċievi memento f'isem il-Malta FA mingħand Christian Kofoed, wieħed mid-delegati tal-UEFA, fil-ġurnata tal-finali.**



**Is-semi-finali bejn l-Italja u Spanja kienet waħda mill-iktar partiti eċċitanti.**

## FINALI

L-Italja u l-Portugall, żewġ timijiet li kienu fi Grupp A flimkien ma' Malta, ikkontestaw il-finali, il-Ħadd 16 ta' Lulju fl-Istadium Nazzjonali. Il-partita, li ntlagħbet quddiem folla ta' madwar 5,600 spettatur, kienet waħda ferm interessanti u missielta bit-Taljani joħorġu rebbieħa b'gowl kmieni ta' Michael Kayode biex b'hekk pattew għat-telfa li kienu ġarbu kontra l-istess Portugall fil-fażi tal-gruppi.



**Malta lagħbet l-aħħar logħba tal-grupp fil-Gozo Stadium.**

It-trofew kien ippreżentat lit-tim Taljan minn Zvonimir Boban, l-eks stilla ta' Milan u l-Kroazja li llum jokkupa l-kariga ta' Chief of Football fi ħdan il-UEFA.

## RIŻULTATI

| | | |
|---|---|---|
| **GRUPP A** | | |
| 03/07/2023 | Polonja vs Portugall | 0-2 |
| | Malta vs Italja | 0-4 |
| 06/07/2023 | Portugall vs Italja | 5-1 |
| | Malta vs Polonja | 0-2 |
| 09/07/2023 | Portugall vs Malta | 2-1 |
| | Italja vs Polonja | 1-1 |
| **GRUPP B** | | |
| 04/07/2023 | Norveġja vs Greċja | 5-4 |
| | Iżlanda vs Spanja | 1-2 |
| 07/07/2023 | Greċja vs Spanja | 0-5 |
| | Iżlanda vs Norveġja | 1-1 |
| 10/07/2023 | Greċja vs Iżlanda | 0-0 |
| | Spanja vs Norveġja | 0-0 |
| **SEMI-FINALI** | | |
| 13/07/2023 | Portugall vs Norveġja | 5-0 |
| | Spanja vs Italja | 2-3 |
| **FINALI** | | |
| 16/07/2023 | Portugall vs Italja | 0-1 |

# Attivitajiet u inizjattivi jilħqu mijiet ta' persuni ta' kull età

**Lil hinn mill-aspett kompetittiv, il-Malta FA organizzat diversi attivitajiet ta' natura soċjali matul il-Kampjonat Ewropew U-19. Dawn l-inizjattivi laħqu persuni ta' kull età u minn oqsma differenti, kemm dawk li jiffurmaw parti mill-komunità tal-futbol u oħrajn.**



L-attivitajiet kienu jinkludu:

- Festivals li jippromwovu l-inklużjoni u d-diversità bil-parteċipazzjoni ta' refuġjati, immigranti u persuni barranin minn diversi pajjiżi li jgħixu f'Malta. L-avveniment finali laqqa' 'l fuq minn 250 parteċipant;
- Attivitajiet favur is-sostennibbiltà ambjentali. Plejers tat-tim nazzjonali tan-nisa flimkien mal-coach Manuela Tesse u membri tat-tim tal-FSR waslu b'xarabank elettriku biex inaddfu l-inħawi tal-madwar it-Tony Bezzina Stadium qabel il-partita Iżlanda-Norveġja;
- Il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol organizzat attivitajiet għall-plejers tal-Hubs Reġjonali flimkien mal-ġenituri tagħhom. Zvonimir Boban, l-eks stilla ta' AC Milan u l-Kroazja li huwa Chief of Football tal-UEFA, żar l-avveniment li nżamm qabel il-finali bejn l-Italja u l-Portugall;



**Zvonimir Boban, Chief of Football tal-UEFA, u Bjorn Vassallo, President tal-Malta FA, flimkien mal-parteċipanti fl-attività tal-Hubs Reġjonali.**




**Kyra Borg Delicata flimkien mal-fotografu tal-Malta FA Domenic Aquilina.**







- L-anzjani mill-proġett #mytime żaru il-Mużew tal-Futbol Malti qabel ingħaqdu maż-żgħażagħ ta' St Patrick's Home biex flimkien assistew għas-semi-finali Italja-Spanja;

- Attivitajiet immirati għal tfal u żgħażagħ fil-futsal u l-beach soccer;

- Ġenituri u plejers attendew għal sessjoni edukattiva 'Outraged' organizzata mid-Dipartiment tal-FSR, u wara raw il-partita Portugall-Malta fil-Gozo Stadium;

- Plejers u rappreżentanti tat-tim Griek żaru r-Richmond Foundation, dawk tan-Norveġja żaru Dar Bjorn, u kontinġent mit-tim Portugiż iltaqgħu mar-residenti u l-voluntiera ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera. Delegazzjoni tat-tim Malti għamlet żjara fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi. ■




# Installati numru ta' pitches ġodda għall-klabbs membri

Jispikkaw it-tħejjijiet fil-faċilitajiet użati għall-Kampjonat Ewropew U-19

**Wieħed mill-pilastri ewlenin fl-istrateġija tal-Assoċjazzjoni hu li ninvestu aktar fl-infrastruttura tal-futbol f'pajjiżna. Il-viżjoni tal-Assoċjazzjoni permezz tad-Dipartiment għall-Proġetti Infrastrutturali hi waħda ċara, dik li jkollna faċilitajiet ta' kwalità ogħla għall-ġid tal-logħba tal-futbol. Kien għalhekk li fl-aħħar xhur komplejna ninvestu fl-infrastruttura u b'sodisfazzjon rajna xejn inqas minn ħames proġetti jiġu mwettqa flimkien ma' oħrajn li għadhom għaddejjin bix-xogħol.**

Matul l-aħħar sena, dan id-dipartiment kien attiv ferm fl-implimentazzjoni tal-ftehim li ġie ffirmat mal-Gvern Lokali u li permezz tiegħu ser jinbidlu l-uċuħ tal-pitches tal-klabbs membri fuq perjodu ta' tmien snin, b'investiment ta' xejn inqas minn sitt miljun ewro. Flimkien ma' Mellieħa SC u Mqabba FC, dawn l-aħħar xhur ingħaqdu wkoll Melita FC, Żabbar St Patrick u Sirens FC, filwaqt li x-xogħlijiet fiċ-Charles Abela Stadium u l-grawnd ta' Fgura United FC jinsabu fi stadju avvanzat. Dawn il-klabbs illum qed igawdu minn wiċċ sintetiku ġdid tal-ogħla kwalità u għall-ewwel darba wkoll dawk il-pitches li jintużaw għal-logħob kompetittiv huma ċċertifikati mill-FIFA bħala FIFA Quality Pitches.

> **Matul l-aħħar sena, dan id-dipartiment kien attiv ferm fl-implimentazzjoni tal-ftehim li ġie ffirmat mal-Gvern Lokali u li permezz tiegħu ser jinbidlu l-uċuħ tal-pitches tal-klabbs membri fuq perjodu ta' tmien snin, b'investiment ta' xejn inqas minn sitt miljun ewro**



Il-pitch il-ġdid fil-grawnd ta' Melita FC.

F'Mejju li għadda beda wkoll il-proċess għas-sejħa għall-offerti għal wiċċ sintetiku ġdid fil-grawnd ta' Sannat Lions FC u dak ta' Birkirkara FC kif ukoll qegħdin f'diskussjoni ma' diversi klabbs oħra biex jibda l-proċess għas-sejħa għall-offerti bil-għan li jinbidlu aktar pitches fl-istaġun li ġej.

F'dawn l-aħħar 12-il-xahar komplejna wkoll bil-ħidma fuq il-proġett ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol liema investiment ser ilaħħaq l-10 miljun ewro. Dan il-proġett ambizzjuż hu wkoll parti mill-pjan strateġiku tal-Assoċjazzjoni u parti sostanzjali tiegħu hu iffinanzjat bis-saħħa tal-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali.



Wara li f'Jannar tas-sena l-oħra l-Awtorità tal-Ippjanar approvat l-iżvilupp ta' dan il-proġett, ftit xhur wara ngħata bidu għax-xogħol ta' skavar u kostruzzjoni, liema xogħol jinsab fi stadju avvanzat u mistenni li jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena. Kif wieħed jinnota, dawn ix-xogħlijiet ser idumu



**Ix-xogħlijiet fuq il-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali għaddejjin b'ritmu tajjeb.**



**10 miljun ewro** ser ilaħħaq l-investiment fuq il-**proġett ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol** li f'dawn l-aħħar **12-il xahar** tkompliet ukoll il-**ħidma fuqu**

għaddejjin aktar milli pjanat minħabba fdalijiet arkeoloġiċi li nstabu fuq is-sit u li saħansitra wasslu biex jinbidlu xi ftit d-disinji tal-proġett.

Fl-aħħar xhur ingħalaq ukoll il-proċess għas-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' provvista u installazzjoni ta' servizzi elettriċi u mekkaniċi, installazzjoni ta' lifts, xogħol fuq il-faċċata kif ukoll xogħol ta' finishings li wassal biex fl-aħħar ġimgħat ingħata bidu għax-xogħlijiet imsemmija.

Wara snin ta' stennija, l-għan prinċipali jibqa' dak li jkollna Ċentru Nazzjonali tal-Futbol b'faċilitajiet tal-ogħla livell professjonali għat-timijiet nazzjonali tal-futbol flimkien ma' stadium ta' Kategorija 1 fi żmien sena u mal-baġit allokat.

Din is-sena kienet ukoll waħda partikolari u mimlija preparamenti biex jiġi ospitat b'suċċess il-Kampjonat tal-UEFA ta' taħt id-19-il sena. L-investiment fl-infrastruttura meħtiega kien kbir u apparti n-numru ta' pitches b'wiċċ sintetiku ġdid fejn saru s-sessjonijiet ta' taħriġ, sar ukoll investiment qawwi fit-Tony Bezzina Stadium, kif ukoll fil-Gozo Stadium. Fit-Tony Bezzina Stadium sar investiment dirett fid-dawl artifiċjali kif ukoll fil-faċilitajiet relatati mal-partitarji u l-plejers, bl-għan ewlieni jkun li jinkiseb ċertifikat mill-UEFA sabiex ikollna t-tieni stadium ta' Kategorija 2 f'pajjiżna. Investiment ieħor sar ukoll fil-Gozo Stadium fejn sar titjib fis-sistema tad-dawl artifiċjali kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni fil-faċilitajiet relatati mal-plejers.



**Fit-Tony Bezzina Stadium sar investiment dirett fid-dawl artifiċjali kif ukoll fil-faċilitajiet relatati mal-partitarji u l-plejers.**

## MANUTENZJONI TAL-PITCHES

Il-ġestjoni ta' proġetti infrastrutturali hu l-qalba ta' dan id-dipartiment iżda mhux biss. Minbarra hekk għal darb'oħra dan id-dipartiment għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu l-manutenzjoni tal-pitches naturali. Hu fatt magħruf li meta tikkunsidra l-ammont ta' logħob u taħriġ li jsir fuq dawn il-pitches, ir-riżultat taż-żamma tal-istess pitches hu wieħed sodisfaċenti ħafna. Wara xhur ta' manutenzjoni kontinwa, fil-bidu ta' Mejju tlestiet ukoll ir-rinnovazzjoni fuq il-wiċċ naturali tal-Istadium Nazzjonali u dawk tat-Training Grounds bi preparazzjoni għal-logħba minn Grupp Ċ ta' kwalifikazzjoni tal-EURO 2024 kontra l-Ingilterra u t-tournament tal-UEFA ta' taħt id-19-il sena.

Matul l-aħħar sena wkoll, l-istess dipartiment kien involut f'diversi diskussjonijiet u kien ukoll direttament responsabbli mill-proċess tas-sejħa għall-offerti tal-proġetti msemmija. Permezz ta' dan id-dipartiment, l-Assoċjazzjoni qed tiżgura involviment akbar għal standards għoljin ta' kontabilità, governanza tajba, infrastruttura u investiment ta' kwalità għolja. ■



**L-installazzjoni ta' pitch ġdid fil-faċilitajiet ta' Mosta FC jinsab fi stadju avvanzat.**



# Il-Kampjonat Ewropew U-19, il-proġetti tal-Assoċjazzjoni u appoġġ lill-media fost il-prijoritajiet ewlenin

**Id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Malta FA huwa dak id-dipartiment li xogħlu hu li jwassal il-messaġġi tal-Assoċjazzjoni u jxandar dak kollu li jkun għaddej fl-istess organizzazzjoni. Dan sar b'diversi mezzi li kienu eżistenti li madanakollu ssaħħew aktar matul din l-aħħar sena. Minbarra dan, saret ħidma konġunta ma' diversi media houses, b'esponenti u amministraturi tal-Malta FA jkunu mistiedna regolarment fuq programmi tat-televiżjoni u radju biex ikomplu jikkonsolidaw il-messaġġi u s-suċċessi tal-Assoċjazzjoni.**

## PJATTAFORMI SOĊJALI, IL-WEBSITE U L-MATCHCENTRE

Il-pjattaformi kollha tal-Malta FA, mhux biss dawk soċjali imma wkoll il-website u speċjalment il-Match Centre, raw żieda sostanzjali ta' membri f'kull wieħed minnhom. Dan juri biċ-ċar kemm il-pjattaformi tal-Assoċjazzjoni huma sorsi li d-dilettanti tal-futbol isegwu. L-istess pjattaformi kienu mtejba bl-ingaġġ ta' vidjografu/fotografu li beda jaħdem mal-Assoċjazzjoni fuq bażi full-time kif ukoll l-ingaġġ part-time ta' aġenzija li ta' kull ġimgħa provdiet is-servizzi ta' grafika għall-kampjonati kollha organizzati mill-Malta FA. Id-dipartiment kien ukoll qiegħed ta' kull ġimgħa jagħti u jippubblika statistika u rekords li l-plejers jew il-klabbs ikunu laħqu.

## SERVIZZ TA' LOGĦBIET TAT-TIMIJIET NAZZJONALI MXANDRA DIRETTI FUQ IL-PJATTAFORMI TAL-MALTA FA

Minn din is-sena l-logħbiet kollha uffiċjali li jilagħbu t-timijiet nazzjonali tagħna, minbarra dawk li jkunu mxandra mill-Public Broadcasting Services, bdew ikunu mxandra diretti fuq il-pjattaformi soċjali. Dawn ma kienux segwiti biss f'pajjiżna imma wkoll barra l-pajjiż. B'din il-faċilità stajna wkoll ntellgħu l-aħjar siltiet tal-logħbiet li nkunu għadna kemm xandarna. Dawn l-istess siltiet kienu qed jintbagħtu lill-media in ġenerali li kienu mbagħad jużawhom fuq il-mezzi tagħhom.




**Il-Malta FA nediet sit elettroniku – matchcentre.mfa.com.mt – dedikat għall-kompetizzjonijiet domestiċi u t-timijiet nazzjonali.**

| | | |
|---|---|---|
| **Facebook** 49,503+ Likes | **Instagram** 17,900+ followers | **Twitter** 2,748+ followers |

## KONFERENZI TAL-AĦBARIJIET

Id-dipartiment organizza l-konferenzi tal-aħbarijiet kollha li saru mill-Assoċjazzjoni filwaqt li wieġeb bl-aħjar mod il-mistoqsijiet li seta' kellhom il-ġurnalisti fuq temi varji. Minbarra l-organizzazzjoni tal-konferenzi nnifishom u l-inviti lill-media, kienu mħejjija backdrops u grafika li anke ntużat waqt il-poloz li saru minn żmien għal żmien, is-servizz ta' konferenzi mogħtija dirett fuq il-pjattaformi tal-Assoċjazzjoni, il-preżentazzjoni u mitt ħaġa oħra.

Id-dipartiment kien preżenti wkoll u ħareġ stqarrijiet biex iżomm lil kulħadd aġġornat dwar temi u sitwazzjonijiet, kultant anke f'ċirkostanzi diffiċli. Dan sar għaliex l-amministrazzjoni emmnet li l-istrateġija li għandha tieħu kienet li tkun trasparenti kemm jista' jkun. Saret anke konsultazzjoni ma' esperti barranin li wkoll ikkummentaw li l-Assoċjazzjoni ħadet l-aħjar triq u kienet trasparenti fil-proċessi li attwat.

> **"Il-pjattaformi kollha tal-Malta FA, mhux biss dawk soċjali imma wkoll il-website u speċjalment il-Match Centre, raw żieda sostanzjali ta' membri f'kull wieħed minnhom. Dan juri biċ-ċar kemm il-pjattaformi tal-Assoċjazzjoni huma sorsi li d-dilettanti tal-futbol isegwu"**

L-Assoċjazzjoni kienet ukoll qed tgħin lill-media lokali billi tipprovdi siltiet mill-istess konferenzi tal-aħbarijiet flimkien ma' ritratti u rapporti biex huma jkollhom id-dettalji u r-riżorsi meħtieġa sabiex niffaċilitawlhom ix-xogħol u nkunu ċerti li l-messaġġ jilħaq l-akbar udjenza possibbli.




**Waħda mill-konferenzi tal-aħbarijiet lejlet partita tat-tim nazzjonali f'pajjiżna.**



**Il-Malta FA Awards saru fil-lukanda Domen fil-5 ta' Mejju, 2023.**

## IL-MALTA FA AWARDS

Din is-sena l-Assoċjazzjoni reġgħet organizzat is-serata ta' unuri li tkun ferm mistennija mill-plejers u l-klabbs kif ukoll l-appasjonati tal-futbol lokali. Id-dipartiment mhux biss kien involut fil-preżentazzjoni imma wkoll fit-tħejjija ta' servizzi diversi li ntwerew matul is-serata innfisha, il-grafika, il-fotografija u l-kordinament ġenerali tal-istess serata.

L-istess sar fil-BNF Awards night, li saret mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol għat-tieni sena konsekuttiva u li rrikonoxxiet is-suċċessi li kellhom klabbs u plejers fil-kampjonati ta' taħt is-17, 15 u 14-il sena maskili u dawk ta' taħt is-17-il sena tan-nisa flimkien mal-kompetizzjonijiet knock-out.

## L-AKKREDITAZZJONI TAL-MEDIA

Bħal kull sena, id-dipartiment jieħu ħsieb l-akkreditazzjoni kollha tal-media lokalli, kif ukoll jinħarġu akkreditazzjonijiet speċifiċi għal-logħbiet tat-timijiet nazzjonali. Fost dawn tal-aħħar, l-Assoċjazzjoni rat ammont kbir ta' ġurnalisti u fotografi li xtaqu li jkunu akkreditati għal-logħbiet ta' kwalifikazzjoni minn Grupp Ċ tal-Kampjonat EURO 2024 kontra l-Italja u l-Ingilterra. Tajjeb li ngħidu li bejn talbiet lokali u dawk internazzjonali f'kull waħda minn dawn il-logħbiet inħarġu ftit anqas minn 100 akkreditazzjoni għall-ġurnalisti u ftit aktar minn 50 għall-fotografi.

Id-dipartiment ħa ħsieb ukoll jaqdi t-talbiet tal-media barranija fil-logħbiet kontra l-Italja u l-Ingilterra. Minbarra akkreditazzjonijiet, ir-rikjesti kienu jinvolvu intervisti ma' plejers u diriġenti f'postijiet varji, u l-kordinazzjoni ta' pitchside studios fiż-żewġ logħbiet fost l-oħrajn.

## PUBBLIKAZZJONIJIET

Il-pandemija ġagħlet lill-Assoċjazzjoni li tieqaf tippubblika rivisti jew kotba, madanakollu matul l-istaġun rajna r-ritorn tal-pubblikazzjonijiet printjati. Fost l-oħrajn id-dipartiment ħa ħsieb jippubblika matchday programme għal-logħbiet kollha li Malta tilgħab f'darna fosthom għall-partiti kontra t-Taljani u l-Ingliżi b'intervisti mal-protagonisti. Minbarra hekk dan l-istaġun inħarġu żewġ edizzjonijiet ta'




Raise the Game li huwa immirat għall-coaches kollha akkreditati mal-Malta FA, kif ukoll din il-pubblikazzjoni.

## IL-KAMPJONAT EWROPEW TA' TAĦT ID-19-IL SENA

Matul din l-aħħar sena d-dipartiment kien involut ħafna fil-preparamenti u l-eżekuzzjoni tal-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena li Malta ospitat bejn it-3 u s-16 ta' Lulju. Il-ħidma, b'kollaborazzjoni ma' diversi esponenti u professjonisti mqabbda mill-UEFA, bdiet xhur qabel it-tournament innifsu, bi pjan speċifiku ta' miri li kellhom jintlaħqu u jiġu attwati. Il-ħidma intensifikat fl-aħħar ġimgħat qabel it-tournament u waqt it-tournament innifsu. Ix-xogħol tad-dipartiment kien li jxandar dak kollu li jkun qed jiġri fil-preparazzjoni tal-istess kompetizzjoni filwaqt li jagħti spazju lid-dilettanti tal-futbol biex isiru jafu min hu t-tim nazzjonali Malti ta' taħt id-19-il sena flimkien mal-istaff li ħadmu miegħu f'din l-avventura fosthom il-coach Toze Mendez.




**Joseph Mbong (xellug) u Michael Mifsud waqt il-poloz tal-Kampjonat Ewropew U-19 li saru fit-Teatru Manoel.**

Minbarra hekk, id-dipartiment ħa ħsieb l-akkreditazzjoni u s-servizzi tal-media kollha li ngħataw waqt il-logħbiet li kienu organizzati kemm f'Malta u anke f'Għawdex. Żammet ukoll lil kulħadd aġġornat b'grafika u ritratti minn logħbiet diversi. Saret ukoll ħidma kbira mill-graphic designer tal-Assoċjazzjoni li kkordina biex erba' stadia jkollhom branding relatat mat-tournament kif ukoll ipprovda l-grafika għal reklami li saru f'pubblikazzjonijiet diversi, fuq billboards, u f'postijiet differenti f'pajjiżna.

> **"Is-sena li għaddiet kienet tassew test tar-reżiljenza, iżda addattajna u konna determinati li nirnexxu. Minkejja l-bosta sfidi, irnexxielna nsibu opportunitajiet fi ħdan il-kriżi"**

Huwa essenzjali li nirriflettu fuq is-sena li għaddiet u nirrikonoxxu l-vjaġġ inkredibbli li għaddejna minnu. L-isfidi li ffaċċjajna kienu bla preċedent, u madankollu, bqajna wieqfa u affaċċjajna l-maltemp. Is-sena li għaddiet kienet tassew test tar-reżiljenza, iżda addattajna u konna determinati li nirnexxu. Minkejja l-bosta sfidi, irnexxielna nsibu opportunitajiet fi ħdan il-kriżi. Użajna s-saħħa tat-teknoloġija, użajna pjattaformi diġitali biex ningħaqdu, nikkollaboraw, u naqdu lill-klijenti tagħna b'modi li qatt ma ħsibna possibbli. Hekk kif inħarsu 'l quddiem, huwa kruċjali li niftakru fil-lezzjonijiet li tgħallimna matul din is-sena u nkunu lesti għal dak li ġej. ■




# Ħidma kontinwa tissarraf f'aktar kollaborazzjonijiet u proġetti kummerċjali

Sponsor u trofew ġodda għall-kampjonat tan-nisa, jikber l-interess fil-BOV ePremier League

**L-għan ewlieni tad-Dipartiment Kummerċjali jibqa' dak li jkompli jkabbar il-valur ta' kull brand, kompetizzjoni u attività tal-Assoċjazzjoni filwaqt li jixpruna inizjattivi u proġetti ġodda biex iżid is-sorsi ta' finanzjament. Dan ix-xogħol eventwalment jissarraf f'iktar investiment fl-iżvilupp tal-logħba f'Malta. Matul l-istaġun, il-Malta FA attirat numru ta' msieħba kummerċjali ġodda kemm mis-settur privat u anke dak pubbliku, ġew estiżi sponsorships relatati mal-kompetizzjonijiet domestiċi u anke t-timijiet nazzjonali filwaqt li kompla jissaħħaħ l-impenn fil-qasam tal-esports.**

Il-ħidma fil-qasam kummerċjali tat riżultati pożittivi ferm fil-futbol tan-nisa fejn matul l-istaġun 2022-23 ġie mżanżan trofew ġdid għar-rebbieħa tal-kampjonat tan-nisa, liema trofew kien magħmul mill-kumpanija Ingliża Thomas Lyte li ftit tas-snin ilu ddiżinjat it-trofew tal-Kampjonat Premier tal-irġiel u l-FA Trophy.

Dan it-trofew kompla jgħolli l-profil tal-kampjonat tan-nisa li minn dan l-istaġun kellu wkoll l-ewwel sponsor dedikat, Assikura Insurance Brokers PCC Ltd li wkoll qed jagħtu s-sehem tagħhom biex il-futbol tan-nisa jkompli jingħata iktar rikonoxximent.

## KAMPJONAT TAN-NISA TA' TAĦT IS-17-IL SENA

Sa mill-bidu tagħha, il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol ikkollaborat kontinwament mal-BNF Bank bħala sponsors ewlenin tal-kompetizzjonijiet kollha taż-żgħażagħ maskili inklużi l-Kampjonat BNF U-17, dak tal-U-15 u l-U-14 Development League.

> **Il-ħidma fil-qasam kummerċjali tat riżultati pożittivi ferm fil-futbol tan-nisa fejn matul l-istaġun 2022-23 ġie mżanżan trofew ġdid għar-rebbieħa tal-kampjonat tan-nisa, liema trofew kien magħmul mill-kumpanija Ingliża Thomas Lyte li ftit tas-snin ilu ddiżinjat it-trofew tal-Kampjonat Premier tal-irġiel u l-FA Trophy**




Mill-istaġun 2022-23, mal-introduzzjoni tal-kampjonat ta' taħt is-17-il sena femminili, BNF Bank komplew jagħtu l-appoġġ tagħhom permezz ta' ftehim ta' sponsor estiż.

Filwaqt li baqgħu konformi mal-valuri tal-banek, il-BNF komplew jinfurzaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jappoġġjaw il-bilanċ bejn is-sessi, biex jgħinu jgħollu l-isports lokali u jagħtuh pjattaforma mhux biss fix-xena lokali iżda wkoll fuq livell internazzjonali.




**Swieqi United rebħu l-kampjonat U-17 tan-nisa, sponsorjat minn BNF Bank.**

## BOV ePREMIER LEAGUE

Ir-raba' staġun tal-Malta BOV ePremier League, li jkopri minn Jannar sa Ġunju, ra progress notevoli b'kompetizzjonijiet eċċitanti li ġibdu l-attenzjoni kemm tad-dilettanti tal-esports kif ukoll tal-partitarji tal-futbol.

Il-bidu tal-istaġun kien l-ewwel kompetizzjoni diretta fit-tieni edizzjoni ta' Playcon, li saret fiċ-Ċentru tal-Fieri u Konvenzjonijiet (MFCC). Dan l-avveniment attira l-interess ta' aktar minn 100 parteċipant, kollha jikkompetu u juru l-ħiliet tagħhom fl-avveniment offline. Il-BOV ePremier League kompla bil-format solitu tiegħu bil-kwalifikazzjonijiet online u offline fejn ħadu sehem aktar minn 200 parteċipant ieħor.




**Shaun 'Brandsha' Galea, li jirrappreżenta lil Ħamrun Spartans FC, rebaħ il-BOV ePremier League fl-istaġun 2022-23.**

Il-kompetizzjoni intensifikat ruħha hekk kif rappreżentanti mill-14-il tim tal-Kampjonat BOV Premier ħadu sehem fi programm ta' 10 ġimgħat imxandar dirett fuq TVM Sport+ kull nhar ta' Tlieta, mill-4 ta' April, 2023. Id-dilettanti tal-futbol segwew bil-ħerqa r-rappreżentanti tat-timijiet favoriti tagħhom jaffrontaw lil xulxin fil-pitch diġitali.

Wara kompetizzjoni missielta, Shaun 'Brandsha' Galea, li jirrappreżenta lil Ħamrun Spartans FC, spiċċa bħala r-rebbieħ tal-istaġun. F'finali mill-aktar bilanċjata kontra Gianluca 'Turbulense' Sant ta' Birkirkara, Galea ħareġ rebbieħ b'aggregate ta' 4-2 biex aċċerta postu fl-istorja tal-ePremier League.

Kien hemm ukoll wirjiet pożittivi minn Salvatore 'ShortyyT1' Assennato ta' Mosta FC, li kiseb it-tielet pożizzjoni, u Matthias 'Tubbi' Farrugia ta' Marsaxlokk, li spiċċa fir-raba' post.

Is-suċċess tar-raba' staġun tal-Malta BOV ePremier League ma kienx ikun possibbli mingħajr l-appoġġ tal-isponsors ewlenin: BOV, Be Exclusive, TVMSPORT+, Gaming Malta, Pepsi Max, u Kit Kat. Il-kontribut tagħhom għen biex jgħolli l-livell tat-tournament u pprovda esperjenza eċċezzjonali kemm għall-plejers kif ukoll għat-telespettaturi.

Hekk kif intemm l-istaġun, il-Malta BOV ePremier League reġa' wera t-tkabbir u l-popolarità enormi tal-esports f'Malta, kif ukoll it-talent u l-passjoni tal-plejers tal-futbol virtwali.

## WÜRTH - SPONSORS TAL-KIT TAL-UFFIĊJALI TAL-LOGĦBA

Würth Malta se jkunu l-isponsors ta' aktar minn 150 uffiċjal tal-logħba tal-Malta FA, b'kuntratt ta' sentejn li se jibda mill-istaġun li ġej 2023-2024.

Würth Group mhumiex sponsors ġodda fid-dinja sportiva minħabba li ilhom involuti fil-Bundesliga mill-1990 u ilhom jisponsorjaw lir-referees u l-assistenti referees tal-Primera u Segunda Division, jiġifieri, l-ewwel u t-tieni diviżjoni tal-futbol Spanjol, mill-2003.




**Il-Malta FA ġeddet il-ftehim ta' sponsorizzazzjoni ma' Motors Inc li jappoġġjaw lit-tim nazzjonali permezz tal-Jeep.**

Dan il-ftehim ta' sponsor tal-kits se jkopri lill-uffiċjali tal-logħba kollha tal-Malta FA li huma ingaġġati mill-Assoċjazzjoni biex jikkontrollaw logħbiet tal-futbol għall-kompetizzjonijiet lokali kollha inklużi l-Kampjonat BOV Premier, BOV Super Cup, BOV Challenge League, IZIBET Amateur League, IZIBET FA Trophy, kampjonati tan-nisa sponsorjati minn Assikura, il-kampjonati BNF U-17, U-15 u U-14, il-kompetizzjonijiet tal-Gozo FA, u l-partiti tal-futsal lokali.

## MOU BEJN HERITAGE MALTA U L-MALTA FA

Ir-rwol tal-futbol lokali bħala parti mill-wirt kulturali ta' Malta ġie enfasizzat permezz tal-iffirmar ta' Memorandum of Understanding bejn Heritage Malta u l-Malta Football Association.

L-oqsma ewlenin ta' kollaborazzjoni li l-MOU jipprovdi għalihom huma marbutin mal-operat u l-immaniġġar tal-Mużew tal-Futbol ta' Malta kif ukoll mal-promozzjoni tas-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta b'mod ġenerali iżda b'aċċenn partikolari fuq ir-reġjun tar-Rabat.

Heritage Malta qed tipprovdi assistenza u konsulenza lill-Malta FA dwar l-operat ġenerali tal-Mużew tal-Futbol ta' Malta u se tislef ukoll artefatti li għandhom relevanza għall-Assoċjazzjoni biex jitqiegħdu għall-wiri.

Barra minn hekk, l-MOU jipprovdi għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet bi sħab bejn Heritage Malta u l-Malta FA, kif ukoll heritage trails li jinkludu l-Mużew tal-Futbol ta' Malta fl-itinerarju tagħhom. ■



**L-iffirmar tal-MOU bejn il-Malta Football Association u Heritage Malta.**




# Il-futbol ikompli jħalli impatt pożittiv fuq komunitajiet u persuni b'abbiltajiet u realtajiet differenti

**Sa mill-bidu tagħha, il-Malta FA għarfet b'mod speċjali l-importanza tar-responsabbiltà soċjali (Football Social Responsibility - FSR) bħala parti essenzjali mill-viżjoni tagħha li tippermetti li l-logħba tal-futbol tkun katalist għall-bidla fil-ground kif ukoll barra biex tilħaq lill-komunità lokali u lil hinn.**

L-impenn tal-FSR huwa wieħed ta' inklużjoni totali u involviment ta' kemm jista' jkun aspetti tal-komunità, biex jimpenjaw ruħhom mal-futbol u attivitajiet relatati mal-logħba. B'komunità nifhmu kollox... f'kuntest ta' responsabbiltà soċjali tal-komunità u l-ambjent li ngħixu fih.

Il-missjoni tal-FSR hija bbażata fuq it-twemmin li lkoll għandna d-dritt li nilagħbu u li nagħmlu dan f'ambjent sigur u b'saħħtu. L-impenn tagħna jinvolvi lil kulħadd, mhux bilfors biex insiru plejers elite, iżda biex insaħħu l-benessri u l-kwalità tal-ħajja tan-nies li niltaqgħu magħhom fil-proġetti tagħna.



**Il-coach tat-tim Malti U-19 jippreżenta flokk lil Kyle Mifsud, Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni.**

Fis-snin li għaddew, speċjalment wara li batta l-impatt negattiv tal-COVID-19, ħdimna primarjament fuq il-proġetti li ġejjin:

1. Live Football Play Football: timijiet ta' refuġjati li qed jipparteċipaw fil-kampjonati lokali tad-dilettanti u l-UEFA UNHCR Unity Tournament 2022 u 2023.

2. Proġett tar-refuġjati PaSS: Ħolqien ta' Football Inclusive Hubs fi 13-il komunità differenti minn Xagħra FC sa Xgħajra Tornados FC. Dan kien jinkludi mhux biss komunitajiet ta' refuġjati iżda familji u komunitajiet tal-futbol.

3. Football for a Better Chance: ħolqien ta' app biex tgħin lill-coaches fil-livell ta' akkademiku (14 sa 16-il sena) b'kollaborazzjoni mal-FIGC.

4. Proġett 'Skills4Sports': ħloqna disa' kurrikuli differenti biex ngħallmu liż-żgħażagħ/NEETs (speċjalment lil dawk li la huma impjegati u lanqas qed isegwu xi kors edukattiv) ħiliet fl-isports bħala mezz ta' ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol. Dan il-proġett għadu għaddej.

> **Il-politika tal-FSR hija bbażata fuq it-twemmin li lkoll għandna d-dritt li nilagħbu u li nagħmlu dan f'ambjent sigur u b'saħħtu, u li l-involviment tagħna jinvolvi lil kulħadd, mhux bilfors biex insiru plejers elite, iżda biex insaħħu l-benessri u l-kwalità tal-ħajja tan-nies li niltaqgħu magħhom fil-proġetti tagħna tal-FSR**

5. Progres: flimkien mal-imsieħba tagħna ħloqna sett ta' għodda għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-assoċjazzjonijiet sportivi. Dan kien jinvolvi wkoll assoċjazzjonijiet oħra (rugby, waterpolo, basketball u atletika). Il-wirt ta' dan il-proġett qed joħloq kuxjenza fil-klabbs u fl-Assoċjazzjoni tagħna dwar l-importanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Se nkunu qed norganizzaw sessjonijiet fil-livell ta' klabbs.




**Saru diversi sessjonijiet marbuta mal-proġett OUTRAGED – kampanja edukattiva tal-UEFA kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni.**



**It-tim tal-FSR tal-Malta FA żar il-Palestina f'Mejju u ltaqa' ma' plejers żgħażagħ u anke tfal f'kamp tar-refuġjati f'Bethlehem. Din iż-żjara kienet parti mill-proġett Skills4Sports.**

6. Proġett 'Goalscore': flimkien ma' għaqdiet oħra qed naħdmu fuq proġett li jindirizza l-vjolenza domestika u dik ibbażata fuq il-ġeneru. Dan se jinvolvi wkoll coaches u plejers li primarjament jaħdmu ma' timijiet tan-nisa. Aktar tard din is-sena se nibagħtu żewġ coaches nisa biex isegwu l-kors ta' 'Train the Trainer' organizzat mill-FA Rumena.

7. Proġett IFLIPP: dan huwa proġett li jittratta dwar il-minoranzi etniċi u huwa proġett relattivament żgħir. Dan qed nagħmluh b'kollaborazzjoni ma' FARE Network.



**Studenti waqt waħda mill-attivitajiet tal-FSR li saret fil-Kulleġġ San Ġorġ Preca.**




**Peter Busuttil, il-kordinatur tad-Dipartiment tar-Responsabbiltà Soċjali tal-Malta FA, jippreżenta flokk tat-tim Malti lil Roberta Metsola, President tal-Parlament Ewropew. Tim magħmul minn refuġjati, plejers nisa u ex-plejers ħadu sehem fil-UNITY EURO Cup li saret fi Frankfurt.**

8. Proġett SAMF: Proġett fejn, flimkien ma' assoċjazzjonijiet oħra fosthom il-FIBA, l-FA Portugiża u oħrajn, noħolqu għarfien dwar it-taħriġ, inkluż ktejjeb tal-comics, biex ngħinu lill-atleti żgħażagħ ikunu aktar konxji u infurmati dwar il-konsegwenzi tal-manipulazzjoni tal-logħob fl-isport (match-fixing) u biex jipprovdu wkoll mekkaniżmi ta' appoġġ biex jgħinu lill-plejers li jsibu ruħhom f'din is-sitwazzjoni.

9. Proġett FAIRER: Qed naħdmu mal-imsieħba tagħna biex noħolqu sessjonijiet u kampanji ta' għarfien għall-partitarji, coaches u assoċjazzjonijiet biex jinħoloq fair play aħjar fil-ground u fl-istands. Qed nikkoperaw ma' għaqdiet u gruppi li jirrappreżentaw lill-partitarji, ġurnalisti u għaqdiet għal dan il-proġett li hu l-aktar immirat biex jipprevjeni imġieba radikali fl-istadia.

10. Proġett SCALE: dan huwa proġett edukattiv li jsir wara l-ħin tal-iskola li jinsab fl-ewwel ftit xhur tiegħu. L-għan tiegħu huwa li tinħoloq armonija aħjar bejn l-edukazzjoni u l-isport: biex jgħin lill-istudenti żgħażagħ li għandhom diffikultajiet/sfidi fit-tagħlim permezz tal-futbol.


Saret attività magħrufa bħala Living Lab mal-imsieħba fil-proġett internazzjonali FAIRER.


Family Football... proġett ieħor li jinkoraġġixxi s-sehem attiv u pożittiv tal-ġenituri li għandhom tfal jilagħbu l-futbol.

11. Proġett EPLAY: dan huwa proġett li bdejna lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet u se jiffoka fuq il-promozzjoni tal-aqwa prattiċi fost il-ġenituri, il-coaches u l-plejers fin-nurseries u l-akkademji.



Ommijiet u nisa b'messaġġ b'saħħtu kontra kull tip ta' vjolenza.



**Khalida Popal, mara li kellha titlaq mill-Afganistan minħabba l-impenn tagħha favur id-drittijiet tan-nisa li xtaqu jilagħbu l-futbol, kienet il-mistiedna speċjali waqt konvenzjoni tal-proġett PaSS.**

## PROĠETTI FFINANZJATI MILL-UEFA

1. #mytime: sessjonijiet mal-anzjani inkluż walking football.
2. Family Football: l-involviment tal-ġenituri li jsegwu lit-tfal tagħhom mal-klabbs tal-futbol.
3. Crossbars: sessjonijiet tal-futbol fil-faċilità korrettiva għall-minuri YOURS.
4. Ballun FC Refugee Project: Sessjonijiet tal-futbol fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Ħal Safi.
5. Pass the Ball Refugee Project: ħidma ma' nisa immigranti u refuġjati biex jinħolqu timijiet u sessjonijiet: futbol, futsal u beach soccer.
6. Being There Project: iffinanzjat mill-UEFA Foundation for Children u bis-sehem tar-Richmond Foundation. Sessjonijiet tal-futbol għaż-żgħażagħ u tfal fl-ispettru tal-awtiżmu u b'diżabbiltà mentali.
7. OUTRAGED Project: sessjonijiet dwar id-diversità u l-inklużjoni bbażati fuq id-dokumentarju tal-UEFA fl-iskejjel, komunitajiet taż-żgħażagħ u issa mat-timijiet nazzjonali. Il-Malta FA kienet waħda minn tliet assoċjazzjonijiet magħżula mill-UEFA biex jippilotaw dan il-proġett.



**Sessjoni ta' taħriġ f'wieħed miċ-ċentri ta' detenzjoni.**




**Il-Viċi Presidenti Dr Matthew Paris u Adrian Casha jippreżentaw id-donazzjoni annwali lill-Istrina.**

Bħalissa qed naħdmu wkoll fuq dawn l-inizjattivi:

1. Strateġija ta' Sostenibbiltà 2023-2030 li trid tiġi ppreżentata lill-UEFA.
2. Naħdmu biex jinbena Network ta' Aċċess għad-Diżabbiltà.
3. Avvenimenti ta' kull ġimgħa inklużi festivals tal-futbol ta' kull xahar f'komunitajiet differenti. ■



# L-IFF tkompli tifrex il-ħidma fil-livell ta' grassroots u l-iżvilupp tat-talent

Fun Fit 5 – riċerka dwar attività fiżika regolari fost studenti tar-raba' sena fl-iskejjel primarji b'kollaborazzjoni mal-MCAST

**Sena oħra ta' ħidma u żvilupp għall-Fondazzjoni mmexxija minn Bord ta' persuni indipendenti. L-ex-plejers Gareth Sciberras u Michael Galea huma ċ-Chairperson u d-Deputy Chairperson rispettivament. Dr Neville Gatt huwa s-Segretarju tal-Bord. L-ewwel mandat ta' sentejn tal-Bord mill-kostituzzjoni tal-Fondazzjoni ntemm f'Mejju 2023, u l-Bord Eżekuttiv ġedded il-kompożizzjoni tal-Bord biż-żieda ta' Kurt Formosa bħala membru ġdid hekk kif f'Novembru 2022 kien irriżenja Pippo Psaila filwaqt li Sharon Costantino ma xtaqitx tkompli tifforma parti mill-Bord għal mandat ieħor minħabba impenji personali. Il-membri l-oħra huma l-ex-plejer Ray Vella, Paul Galea, u Joe Cassar kif delegat minn Fr Hilary Tagliaferro f'isem il-Youth FA.**

**170 tifel** kif ukoll **żewġ tfajliet** f'madwar **300 sessjoni** ta' **taħriġ** tal-Hubs Reġjonali

## HUBS REĠJONALI

L-istaġun 2022-23 kien wieħed fejn il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol kompliet tikkonsolida l-proġett tal-hubs reġjonali fejn intgħażlu tfal li jippromettu fl-etajiet ta' taħt it-12, 13 u l-14-il sena. Matul l-istaġun, ipparteċipaw 'il fuq minn 170 tifel kif ukoll żewġ tfajliet f'madwar 300 sessjoni ta' taħriġ. F'Marzu, John Buttigieg, l-ex-plejer u coach tat-tim nazzjonali, inħatar bħala Kordinatur tal-Hubs Reġjonali filwaqt li lejn l-aħħar tal-istaġun, Silvio Vella reġa' ngħaqad mal-istaff ta' dan il-proġett bħala Grassroots Manager.

Apparti dawn is-sessjonijiet, saru 85 sessjoni tal-ġinnastika għall-etajiet ta' taħt it-12 u 13-il sena, filwaqt li għat-tfal ta' taħt l-14-il sena saru 20 sessjoni tal-futsal. Sabiex niżguraw l-aħjar żvilupp b'mod ħolistiku tat-tfal, professjonisti oħrajn iffurmaw parti minn dan il-proġett, fosthom Performance, Sport and Exercise Psychologist, u Football Nutrition Specialist fejn, apparti sessjonijiet mat-tfal, saru wkoll laqgħat mal-ġenituri.

Bl-għan li jkomplu jsegwu lit-tfal fl-etajiet imsemmija, il-coaches tal-hubs reġjonali attendew għal aktar minn 600 partita bejniethom. Fl-aħħar ta' Marzu, intgħażlu 29 plejer biex jiffurmaw l-iskwadra nazzjonali ta' taħt l-14-il sena li lagħbu żewġ partiti ta' ħbiberija internazzjonali kontra l-Maċedonja ta' Fuq f'Mejju.




> **"Fil-festivals U-13 ħadu sehem iktar minn 800 tifel minn 39 nursery differenti kif ukoll it-tim tal-Malta FA Girls Academy ta' taħt l-14-il sena"**



**Madwar 340 tifel u tifla ħadu sehem f'festival U-7 li sar f'Marzu fit-Training Grounds tal-Malta FA.**

## FESTIVALS

Matul l-istaġun, kienu organizzati festivals għat-tfal ta' taħt it-13-il sena. B'konformità mar-regoli Developing Grassroots Football Festivals, minn Ottubru sa Diċembru intlagħbu aktar minn 200 logħba fuq bażi 9-a-side filwaqt li minn Jannar sa April intlagħbu kważi 100 logħba fuq bażi 11-a-side.

F'dawn il-festivals (U-13) ħadu sehem iktar minn 800 tifel minn 39 nursery differenti kif ukoll it-tim tal-Malta FA Girls Academy ta' taħt l-14-il sena. Waqt dawn il-festivals, saret laqgħa mal-ġenituri minn Dr Ivan Riolo, lettur mill-Università ta` Malta, dwar is-suġġett importanti tal-appoġġ tal-ġenituri għat-tfal fl-isport. Barra minn hekk, tqassmu fuljetti edukattivi minn plejers parteċipanti lill-ġenituri tagħhom li kienu qed isegwu l-festivals. Ġie organizzat ukoll festival fit-Training Grounds f'Marzu għat-tfal ta' taħt is-seba' snin. F'dan il-festival, li sar bil-kollaborazzjoni tal-Youth FA, ipparteċipaw 340 tifel u tifla li ġew minn 30 nursery differenti.

**600** – il-**coaches** tal-Hubs Reġjonali **attendew** għal aktar minn **600 partita** bejniethom

> **Matul l-istaġun 2022-23, kompla wkoll il-proġett Fun Fit Football b'iktar minn 1,170 sessjoni fi 63 skola primarja tal-gvern sa Mejju ta' din is-sena. Numru rekord ta' bniet ħadu sehem f'dan il-programm b'total ta' 12,500 filwaqt li t-total ta' studenti subien laħħaq il-11,613**

## FUN FIT FOOTBALL – PROMOZZJONI FL-ISKEJJEL

Matul l-istaġun 2022-23, kompla wkoll il-proġett Fun Fit Football b'iktar minn 1,170 sessjoni fi 63 skola primarja tal-gvern sa Mejju ta' din is-sena. Numru rekord ta' bniet ħadu sehem f'dan il-programm b'total ta' 12,500 filwaqt li t-total ta' studenti subien laħħaq il-11,613.

Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika, provdut mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, kien responsabbli minn kulleġġ fejn mexxa 340 sessjoni, fatt li jista' jitqies bħala gwida kif dawn it-tip ta' kollaborazzjonijiet jistgħu jaħdmu fil-preżent u l-futur.

Fattur ieħor pożittiv matul l-istaġun 2022-23 kien l-introduzzjoni tal-Fun Fit Football fi skejjel tal-knisja u dawk privati – 12-il skola tal-knisja u tliet skejjel privati ħadu sehem f'dan il-programm.

## SESSJONIJIET TAL-FUTBOL TAL-MCAST

L-IFF laħqet ftehim mal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika tal-MCAST li jinsabu fit-tielet sena biex jagħmlu sessjonijiet fuq tmien ġimgħat lill-istudenti tal-iskejjel primarji. Il-grawnd tal-futbol ta' San Ġużepp ġie offrut bħala l-ground tat-taħriġ u r-riżultat kien suċċess kbir tant li ntlaħaq ftehim biex isir avveniment annwali.

## FUN FIT 5

In-nuqqas ta' ħiliet fundamentali rigward fitness u attività fiżika fost it-tfal fl-iskejjel primarji wassal għall-ħolqien tal-proġett pilota Fun Fit 5, kordinat mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol fi ħdan il-Malta FA flimkien mal-MCAST.

Il-kliem 'fun' u 'fit' jirriflettu l-prinċipji fundamentali fiċ-centru ta' dan i-proġett filwaqt li n-numru 5 jirrappreżenta l-objettiv li t-tfal jipparteċipaw f'ħames sessjonijiet ta' attività fiżika matul il-ġimgħa.

Il-programm kien jikkonsisti f'sessjonijiet ta' 45 minuta kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, fost studenti tar-raba' sena fi tliet skejjel primarji tal-Gvern. Ir-riċerkaturi u letturi fi ħdan l-MCAST li wettqu dan l-istudju kellhom l-għan prinċipali li jinvestigaw x'effett, jekk jirriżulta, dan il-programm ta' attività fiżika mifrux fuq ħamest ijiem kellu fuq it-tfal mil-lat akkademiku, fiżiku u anke psikoloġiku. Huma xtarru anke l-opportunitajiet, sfidi u d-diffikultajiet li tali progamm seta' joħloq.



**Tfal fl-iskejjel primarji qed ikunu mħeġġa jiddedikaw iktar ħin għall-attività fiżika.**




**Il-proġett Fun Fit 5 kien imniedi f'Ottubru.**

It-tim ta' riċerka li ħadem id f'id mal-IFF kien jikkonsisti minn erba' riċerkaturi mill-Istitut tas-Servizzi Komunitarji fi ħdan l-MCAST – Melanie Darmanin, Renzo Kerr-Cumbo, Matthew Muscat Inglott u Heathcliff Schembri.

L-għan ewlieni ta' din ir-riċerka xjentifika huwa li turi lill-imsieħba edukattivi l-benefiċċji ta' attività fiżika regolari fost it-tfal u għala l-Gvern għandu jinvesti f'dan il-kunċett. Tliet ministeri – dak tal-isport u l-edukazzjoni, tas-saħħa u anke l-ambjent, huma msieħba f'dan il-proġett pilota u qed jagħtu l-appoġġ tagħhom.

Sal-aħħar ta' April, l-istudenti li qed jieħdu sehem fil-proġett FF5 għamlu 146 sessjoni.

Wara li l-għanijiet tal-FF5 kienu spjegati lil rappreżentanti tal-FIFA matul laqgħa online, il-proġett ibbenefika minn assistenza finanzjarja ta' $50,000 u anke aċċess għall-app FIFA Football In Schools. Fil-fatt, l-MCAST u l-IFF kienu fost 21 entità edukattiva madwar id-dinja li ngħataw aċċess bla ħlas għal din l-app li tassisti għalliema biex jippreparaw sessjoni ta' taħriġ tal-futbol skont l-etajiet, l-ispazju u t-tagħmir disponibbli.

Saret sessjoni online mal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika u anke preżentazzjoni lil madwar 70 student tal-MCAST fis-Cenetenary Hall dwar l-użu ta' din l-app.

## ĠNUS MAGĦQUDA - 17-IL GĦAN GĦAS-SOSTENIBBILTÀ

Il-Malta FA, permezz tal-IFF, applikat u ġiet aċċettata bħala membru uffiċjali tal-Football For The Goals (FFTG) fi ħdan il-Ġnus Magħquda.

L-ittra formali ta' aċċettazzjoni ntbagħtet minn Maher Nasser, Direttur tad-Diviżjoni ta' Outreach fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni Globali tal-Ġnus Magħquda, flimkien ma' Ċertifikat ta' Sħubija. Il-Malta FA għandha wkoll aċċess għall-inizjattiva Membership Trello Board li hija għodda viżiva li tipprovdi riżorsi, informazzjoni, u elementi utli oħra.


FOOTBALL FOR THE GOALS
CERTIFICATE OF MEMBERSHIP
The United Nations welcomes
Malta FA
as an Official Member
of Football for the Goals and values its commitment to
advancing the Sustainable Development Goals
Maher Nasser
Director, Outreach Division
United Nations Department of Global Communications
New York, 15 March 2023

## FESTIVAL TAL-ISKEJJEL - PROMOZZJONI GĦALL-KAMPJONAT EWROPEW U-19 U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Fl-10 ta' Mejju, is-Centenary Stadium laqa' attività komposta minn aktar minn 400 tifel u tifla minn diversi skejjel primarji (fis-sistema tal-Kulleġġ Malti) li ħadu sehem fil-Year 5 Football Festival.

Dan kien wieħed mill-avvenimenti ewlenin fil-preparazzjoni għall-fażi finali tal-Kampjonat tal-UEFA U-19 li sar f'Malta matul ix-xahar ta' Lulju. Fil-mini-tournament ħadu sehem tmien timijiet tal-iskejjel li rrappreżentaw it-tmien nazzjonijiet li kienu se jikkompetu fil-Kampjonat Ewropew U-19.

Kull skwadra tal-iskola – magħmula minn bniet u subien – libset flokk tal-futbol ipprovdut minn kull pajjiż parteċipant fit-tournament finali tal-UEFA.




**It-tfal parteċipanti setgħu jużaw dispenser tal-ilma tax-xorb biex titqajjem kuxjenza dwar it-tnaqqis tal-użu tal-plastik.**





**Iktar minn 400 tifel u tifla ħadu sehem fil-Year 5 Festival li kien jagħmel parti wkoll mill-kampanja ta' promozzjoni għall-Kampjonat Ewropew U-19.**

L-iskejjel li ħadu sehem kienu:

- Maria Regina College Qawra Primary School (Polonja)
- San Ġorġ Preca College Marsa Primary School (Norveġja)
- St Thomas More College Żejtun Primary School (Malta)
- St Nicholas College Rabat Primary School (Italja)
- Maria Regina College Naxxar Primary School (Portugall)
- St Theresa College Ħal-Lija/Ħal-Balzan/L-Iklin Primary School (Spanja)
- St Clare College San Ġwann Primary School (Iżlanda)
- St Ignatius College Qormi San Ġorġ Primary School (Greċja)

Flimkien mat-tim tal-iskola, studenti minn diversi skejjel kienu fl-istands biex jagħtuhom l-appoġġ tagħhom. Dawn l-istudenti ġew imdawra mal-grawnd kif ukoll żaru l-Mużew tal-Futbol Malti ġewwa l-Istadium Nazzjonali. Ħames plejers mill-iskwadri nazzjonali U-19 (irġiel u nisa) flimkien ma' Michael Mifsud u Joseph Mbong, iż-żewġ ambaxxaturi tat-tournament, kienu aċċessibbli għat-tfal biex jiltaqgħu u jitkellmu magħhom waqt dan il-festival.

L-attività ġiet organizzata mill-Malta FA u l-IFF b'kollaborazzjoni mal-MEYR Centre for PE & Sport fil-Ħamrun. F'konformità mal-isforzi biex jitnaqqas l-użu tal-plastik li jintuża darba biss, il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża appoġġja dan l-avveniment bl-użu ta' water dispenser u flixkun tal-ilma li jista' jerġa' jintuża għal dawk kollha li attendew. Il-water dispenser kien ipprovdut mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u l-fliexken tal-ilma li jistgħu jerġgħu jintużaw kienu parti mill-kampanja 'Saving Our Blue'. ■



**It-timijiet tal-iskejjel libsu flokkijiet tan-nazzjonijiet li ħadu sehem fil-Kampjonat Ewropew ta' taħt id-19-il sena.**



**Tfal mill-iskola primarja tal-Marsa flimkien ma' Joseph Mbong, plejer tat-tim nazzjonali Malti u ambaxxatur tal-Kampjonat Ewropew U-19.**

# Birkirkara u t-tfajliet ta' Swieqi United jirbħu l-kampjonati BNF U-17

**Il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol organizzat b'suċċess il-kompetizzjonijiet taż-żgħażagħ fi tliet kategoriji differenti – taħt is-17-il sena (irġiel u nisa), 15-il sena u 14-il sena. Fil-kompetizzjonijiet tal-U-14 Development League ma jingħatawx trofew iżda t-timijiet irċievew ċertifikat waqt il-preżentazzjoni annwali relatata mal-kompetizzjonijiet taż-żgħażagħ sponsorjati minn BNF Bank li saret fl-1 ta' Ġunju fis-Centenary Hall.**

Il-kalendarju ta' partiti hu wieħed ippakkjat u l-loġistika ppreżentat sfida kontinwa iżda grazzi għall-ħidma tat-tim tal-IFF flimkien mal-Football Operations bil-koperazzjoni tal-klabbs, l-istaġun mexa kif ippjanat.

## KAMPJONATI BNF U-17

It-tim ta' Birkirkara rebaħ Sezzjoni A tal-Kampjonat BNF U-17 b'mod drammatiku – draw ta' 2-2 kontra Valletta, li spiċċaw fit-tieni post, fl-aħħar ġurnata




**Swieqi United rebħu l-Kampjonat BNF tan-Nisa U-17.**




**Birkirkara rebħu l-Kampjonat BNF U-17 għall-istaġun 2022-23.**



**St Andrews – rebbieħa tal-Kampjonat BNF U-15.**

issiġilla t-titlu għall-Istripes b'total ta' 43 punt, tnejn biss aktar mill-eqreb rivali tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| **Sezzjoni A** | **Rebbieħa** | **Birkirkara** |
| | Relegati | Hibernians |
| | | Naxxar Lions |
| **Sezzjoni B** | **Rebbieħa** | **Floriana** |
| | Promossi | Floriana |
| | | Sliema Wanderers |
| | Relegati | Żabbar St Patrick |
| | | Għaxaq |
| **Sezzjoni Ċ** | **Rebbieħa** | **Pembroke Athleta** |
| | Promossi | Pembroke Athleta |
| | | Żebbuġ Rangers |
| | Relegati | Luqa St Andrew's |
| | | Siġġiewi |
| **Sezzjoni D** | **Rebbieħa** | **Gozo** |
| | Promossi | Gozo |
| | | Żurrieq |

Fil-kategorija tan-nisa, Swieqi United kisbu suċċess mistħoqq f'dan il-kampjonat b'total ta' 32 punt minn 12-il partita. Huma ma sofrewx telfa biex temmew l-impenji tagħhom b'vantaġġ ta' 10 punti fuq Birkirkara li spiċċaw fit-tieni post.

## KAMPJONAT BNF U-15

Sezzjoni A tal-Kampjonat BNF U-15 intrebħet minn St Andrews b'total ta' 47 punt minn 18-il-partita bi Pietà Hotspurs jispiċċaw it-tieni b'41 punt.

| | | |
|---|---|---|
| **Sezzjoni A** | **Rebbieħa** | **St Andrews** |
| | Relegati | Hibernians |
| | | Żurrieq |
| **Sezzjoni B** | **Rebbieħa** | **Mosta** |
| | Promossi | Mosta |
| | | Ħamrun Spartans |
| | Relegati | Sliema Wanderers |
| | | Żebbuġ Rangers |
| **Sezzjoni Ċ** | **Rebbieħa** | **Attard** |
| | Promossi | Attard |
| | | Naxxar Lions |
| | Relegati | Siġġiewi |
| | | Mġarr United |
| **Sezzjoni D** | **Rebbieħa** | **Luqa St Andrew's** |
| | Promossi | Luqa SA |
| | | WEST FC |

## KOMPETIZZJONIJIET KNOCK-OUT

St Andrews rebħu l-BNF U-17 Knock-Out meta, f'finali mill-iktar eċċitanti, għelbu lil Valletta bil-penalties wara draw ta' 2-2. Il-finali ntlagħbet quddiem folla mdaqqsa fis-Centenary Stadium.

Fil-kompetizzjoni Knock-Out għat-timijiet ta' taħt il-15-il sena, it-trofew mar għand Pietà Hotspurs wara rebħa ta' 2-0 kontra Floriana fil-finali.



**St Andrews rebħu l-kompetizzjoni tan-Knock-Out għat-timijiet ta' taħt is-17-il sena wara li għelbu lil Valletta bil-penalties fil-finali.**


**Pietà Hotspurs rebħu n-Knock-Out għat-timijiet ta' taħt il-15-il sena.**



**Hibernians rebħu l-kompetizzjoni BNF Knock-Out għat-timijiet ta' taħt is-17-il sena.**

# Tisħiħ tal-appoġġ u aktar opportunitajiet għall-impjegati

**L-għan ewlieni tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani għall-istaġun 2022-23 kien li jsaħħaħ aktar l-appoġġ organizzattiv mogħti lid-dipartimenti u l-impjegati kollha, u jipprovdi aktar opportunitajiet tal-iżvilupp tal-istaff.**

L-istaġun 2022-23 ġab miegħu numru ta' proġetti kemm organizzattivi kif ukoll infrastrutturali li żiedu t-talbiet għal-livelli tal-istaff. L-irwol tad-dipartiment kien li jaċċerta li l-livelli attwali tan-numru tal-ħaddiema jiġu massimizzati minħabba restrizzjonijiet finanzjarji.

Fid-dawl ta' eżerċizzju biex jitnaqqsu l-ispejjeż, sar proċess ta' ristrutturar li ma kien jinkludi l-ebda tiġdid/terminazzjonijiet ta' kuntratti. Sar wkoll numru limitat ta' reklutaġġ biex jiġu sostitwiti impjegati fi rwoli ewlenin. Ingħatat ukoll attenzjoni speċifika liċ-Ċentru Tekniku minħabba l-bidla tad-Direttur Tekniku.

L-iżvilupp tal-istaff kompla jkun wieħed mill-pilastri ewlenin tad-dipartiment bl-introduzzjoni ta' żewġ programmi ta' taħriġ imfassla għat-tim tal-management medju u dak għoli rispettivament. Ibbażat fuq il-kors ta' taħriġ tal-istaff kollu relatat



Id-dipartimenti tal-Malta FA jaħdmu id f'id biex jitwettqu l-proġetti u attivitajiet ippjanati.




**L-istaff tal-Malta FA kellu rwol kruċjali fl-organizzazzjoni tal-Kampjonat Ewropew U-19 matul dan ix-xahar.**

mal-Viżjoni, Missjoni u Valuri tal-Assoċjazzjoni li sar fis-sena preċedenti, ġie organizzat kors ta' aġġornament għall-istaff kollu. Opportunitajiet oħra rigward l-iżvilupp tal-istaff ġew offruti lil numru ta' impjegati li kienu jinkludu sponsorizzazzjoni ta' programmi tekniċi speċjalizzati, seminars tal-UEFA Online, Programmi ta' Taħriġ H&S u sessjonijiet ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

Ir-regolamenti interni tal-organizzazzjoni, introdotti fis-sena preċedenti, kien id-dokument ewlieni li kompla jirregola u jistruttura numru ta' protokolli u proċeduri tal-impjegati li kien ukoll id-dokument ewlieni f'sitwazzjonijiet ta' ilmenti u proċeduri dixxiplinarji. Wara l-introduzzjoni ta' dawn ir-regolamenti, beda l-proċess ta' introduzzjoni mill-ġdid tas-sistema ta' ħin u attendenza elettronika.

Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kien involut f'Salary Bench Marking Exercise li sar minn ditta indipendenti tal-awditjar biex tqabbel l-analiżi tal-faxex tas-salarji tal-Malta FA Management meta mqabbla mas-salarji attwali tas-suq tax-xogħol. Dan l-eżerċizzju kien jinkludi analiżi tad-deskrizzjoni tal-impjiegi, salarji gross u benefiċċji sekondarji. Ir-rapport rispettiv ġie ppreżentat lill-Bord Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni.

> **"L-objettiv tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani huwa li jkompli jintroduċi għodod u ideoloġiji tal-HR li jgħinu fit-tkabbir tal-karriera u l-awtoritá tal-impjegati tiegħu bbażati fuq l-ippjanar tal-prestazzjonijiet rispettivi"**

## ATTIVITAJIET SOĊJALI

F'Awwissu saret attività tal-istaff tas-sajf segwita minn attività tal-Milied. Ġew organizzati avvenimenti soċjali oħra fi ħdan id-dipartimenti speċifiċi u t-timijiet maniġerjali.

Id-dipartiment huwa involut fuq bażi regolari f'numru ta' awditjar finanzjarji li jiżguraw li qed tiġi segwita governanza amministrattiva tajba speċjalment f'oqsma ta' kuntratti tal-impjieg, pagi, u regolamenti legali oħra tal-impjiegi.

L-objettiv tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani huwa li jkompli jintroduċi għodod u ideoloġiji tal-HR li jgħinu fit-tkabbir tal-karriera u l-awtoritá tal-impjegati tiegħu bbażati fuq l-ippjanar tal-prestazzjonijiet rispettivi.

# Enfasi fuq l-iżvilupp taż-żgħażagħ u t-tħejjijiet tat-tim nazzjonali tal-futsal

**Matul l-istaġun li għadda, it-tim nazzjonali tal-futsal kellu erba' kampijiet ta' taħriġ u tliet logħbiet internazzjonali ta' ħbiberija bħala preparazzjoni għar-rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew li se jsir f'April 2024.**

| Kampijiet ta' taħriġ li saru f'dawn il-perjodi: | |
|---|---|
| 17- 21 ta' Settembru, 2022 | ħames ġranet |
| 6-9 ta' Novembru, 2022 | erba' ġranet |
| 10-17 ta' April, 2023 | tmien ġranet |
| 15-20 ta' Mejju, 2023 | sitt ġranet |

## LOGĦBIET INTERNAZZJONALI TA' ĦBIBERIJA

| **23 ta' Settembru, 2022** | |
|---|---|
| Estonja vs Malta | 1-1 |
| **16 ta' April, 2023** | |
| Malta vs Awstrija | 2-8 |
| **17 ta' April, 2023** | |
| Malta vs Awstrija | 5-2 |





**It-tim nazzjonali tal-futsal lagħab partita ta' ħbiberija kontra l-Estonja f'Settembru. Il-logħba ntemmet fi draw ta' 1-1.**

## PARTITI OĦRA TA' ĦBIBERIJA (F'MALTA)

| |
|---|
| **8 ta' Novembru, 2022** |
| Malta 'A' vs Malta U-19 |
| **9 ta' Novembru, 2022** |
| Malta 'A' vs Malta U-19 |
| **19 ta' Mejju, 2023** |
| Malta 'A' vs Malta U-19 |
| **20 ta' Mejju, 2023** |
| Malta 'A' vs FMA Foreigners |

## KAMPJONAT TA' TAĦT IS-16-IL SENA

Il-kampjonat ta' taħt is-16-il sena beda fl-10 ta' Ottubru, 2022 b'total ta' 12-il tim jipparteċipaw għat-tielet sena konsekuttiva. It-timijiet kienu Balzan, Birkirkara, Ħamrun Spartans, Lija Athletic, Luqa St Andrew's, Marsaskala, Mellieħa, Mosta, Naxxar Lions, Pembroke Athleta, San Ġwann u Sliema Wanderers.

Il-logħob kollu ntlagħab fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, f'Pembroke. Għal staġun ieħor, din il-kompetizzjoni kienet interessanti u pożittiva ħafna, bil-plejers juru entużjażmu kbir filwaqt li komplew juru progress notevoli. Sfortunatament, l-unika punt negattiv kien li l-klabb ta' Mosta FC kellu jieqaf mill-kompetizzjonijiet minħabba l-impenji oħra tal-plejers u għaldaqstant irtira mill-kompetizzjonijiet.

Il-Kampjonat tal-Futsal Under-16 kien ippjanat li jintlagħab fil-format li ġej:

| |
|---|
| **L-Ewwel Fażi** |
| It-timijiet kienu maqsuma f'żewġ gruppi ta' sitt timijiet. |
| L-ewwel tliet timijiet minn kull grupp ikkwalifikaw għaċ-Championship Pool, filwaqt li l-aħħar tliet timijiet kellhom jilagħbu fiċ-Challenge Pool. |

| |
|---|
| **It-Tieni Fażi** |
| It-timijiet kienu maqsuma f'żewġ gruppi (Championship Pool u Challenge Pool) skont il-pożizzjoni tagħhom wara l-ewwel fażi. |




**Sliema Wanderers rebħu l-Kampjonat Nazzjonali tal-Futsal U-16.**

**Championship Pool**

Birkirkara, Ħamrun Spartans, Mellieħa, Naxxar Lions, San Ġwann, Sliema Wanderers.

**Challenge Pool**

Balzan, Lija Athletic, Luqa St Andrew's, Marsaskala, Pembroke Athleta, Mosta (irtiraw).

Il-logħob taċ-Championship Pool intlagħab fuq sistema ta' round robin biex kull tim lagħab ħames partiti filwaqt li l-format taċ-Challenge Pool kien l-istess biex kull tim lagħab erba' partiti... b'total ta' 25 logħba.

## KLASSIFIKA WARA T-TIENI FAŻI

| POŻ. | TIM | MP | GD | PTS |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Sliema Wanderers | 10 | 38 | 25 |
| 2 | Birkirkara | 10 | 27 | 21 |
| 3 | Naxxar Lions | 10 | 13 | 20 |
| 4 | San Ġwann | 10 | 11 | 19 |
| 5 | Ħamrun Spartans | 10 | 11 | 17 |
| 6 | Mellieħa | 10 | -8 | 12 |

**66** Total ta' logħbiet li ntlagħbu matul il-kampjonat U-16

Total ta' plejers li pparteċipaw **180**

| POŻ. | TIM | MP | GD | PTS |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Balzan | 9 | 8 | 16 |
| 2 | Pembroke Athleta | 9 | -32 | 8 |
| 3 | Lija Iklin | 9 | -12 | 7 |
| 4 | Marsaskala | 9 | -16 | 6 |
| 5 | Luqa St. Andrew's | 9 | -28 | 6 |

**Fażi Finali**

Saret logħba deċiżiva biex jiġi dikjarat ir-raba' post taċ-Challenge Pool, fejn Marsaskala għelbu lil Luqa St Andrew's bl-iskor ta' 6-3.

Intlagħbu tmien logħbiet oħra fil-mixja sal-finali biex jiġi dikjarat ir-rebbieħ ta' kull sezzjoni.

**Challenge League**

Ir-rebbieħa ta' din il-kategorija kienu Marsaskala wara li għelbu lil Pembroke Athleta 4-3 fil-finali.

**Championship Pool**

Ir-rebbieħa kienu Sliema Wanderers li fil-finali għelbu lil Birkirkara li offrew sfida denja u tilfu permezz ta' l-aħħar penalty li ġie fallut.

| Unuri Individwali | |
|---|---|
| **Fair Play Award** | (Mellieħa SC) |
| **L-Aqwa Skorer** | Janeiro James (Sliema Wanderers) |
| **L-Aħjar Goalkeeper** | Gabriel Camilleri (Sliema Wanderers) |
| **L-Aħjar Plejer** | Janeiro James (Sliema Wanderers) |

## AKKADEMJA TAL-FUTSAL

L-etajiet għall-istaġun 2022-2023 kienu dawn li ġejjin:

2008 / 2009 / 2010

L-għażla saret matul ix-xahar ta' Settembru sa Diċembru 2022 għall-kategorija 2008-2010.

Is-selezzjoni 2009 bdiet it-taħriġ f'Settembru minħabba li kienu diġà ffurmati mill-istaġun li għadda. Is-sessjonijiet ta' taħriġ bdew mill-10 ta' Jannar sal-1 ta' Ġunju, 2023.



It-tim nazzjonali tal-futsal U-19 għamel id-debut f'rawnd ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew.

## GĦAŻLIET GĦALL-IŻVILUPP TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-FUTSAL 2005 | 2006 |2007

Matul dan l-istaġun, tliet skwadri ħadu sehem f'diversi kampijiet ta' taħriġ biex il-plejers tagħna jiżviluppaw aktar waqt li jiksbu aktar esperjenza fil-logħba tal-futsal.

L-għan prinċipali huwa li dawn l-iskwadri jiġu ppreparati biex jipparteċipaw fir-rawnd preliminari tal-Kampjonat Ewropew tal-Futsal ta' taħt id-19-il sena, fl-istaġun li ġej, għalkemm se jkunu sena taħt l-età tal-kompetizzjoni.



It-tim nazzjonali tal-futsal U-19 fl-azzjoni kontra l-Ingilterra.

| | |
|---|---|
| Skwadra 2005 | 10 Kampijiet ta' Taħriġ |
| Skwadra 2006 | 10 Kampijiet ta' Taħriġ |
| Skwadra 2007 | 10 Kampijiet ta' Taħriġ |

Dan l-istaġun ilħaqna tragward ieħor bit-tim nazzjonali tal-futsal ta' taħt id-19-il sena jipparteċipa fl-ewwel Kampjonati Ewropew tal-Futsal U-19 fejn lgħabna fi Grupp A kontra l-Ingilterra, il-Litwanja (it-tim ospitu) u l-Estonja.

Ikklassifikajna fit-tieni post ta' dan il-grupp meta ksibna erba' punti - telfa ta' 6-0 kontra l-Ingilterra, draw ta' 2-2 kontra l-Litwanja u rebħa ta' 4-3 kontra l-Estonja.

Dan kien bidu ferm inkoraġġanti għaż-żgħażagħ tagħna.

**B'kollox inżammu 20 sessjoni ta' taħriġ għall-plejers imwielda bejn l-2008 u l-2010**

**u 34 sessjoni għal dawk imwielda fl-2009**

## IT-TIM NAZZJONALI TAL-BEACH SOCCER

It-tim nazzjonali tal-beach soccer intgħażel biex jipparteċipa fil-BSWW European Beach Soccer League (EBSL) - Diviżjoni B - li ntlagħab fil-Moldova, f'Lulju 2022.

Il-coach nazzjonali, it-Taljan Marco Casarsa li għandu esperjenza kbira f'dan l-isport, sejjaħ 20 plejer biex jippreparaw bl-aħjar mod possibbli fi żmien qasir. Intant, matul dan l-istaġun, ġew ippjanati sitt kampijiet ta' taħriġ bejn Ottubru 2022 u Ġunju 2023 bħala preparazzjoni għall-impenji internazzjonali li t-tim kellu fl-aħħar ġimgħat.

Il-kampijiet ta' taħriġ saru f'dawn id-dati:

| |
|---|
| 21-23 ta' Ottubru, 2022 |
| 25-27 ta' Novembru, 2022 |
| 5- 8 ta' Marzu, 2023 |
| 20- 23 ta' April, 2023 |
| 15-18 ta' Ġunju, 2023 |
| 26- 29 ta' Ġunju, 2023 |

Il-parteċipazzjoni fil-European Beach Soccer League (EBSL) kienet f'Moldova, bejn is-27 u l-31 ta' Lulju, 2022.

**Il-logħbiet uffiċjali kienu**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Logħba 1** | 27 ta' Lulju 2022 | Malta vs Moldova | 1-4 |
| **Logħba 2** | 28 ta' Lulju 2022 | Malta vs Rumanija | 4-4 (1-3 penalties) |
| **Logħba 3** | 29 ta' Lulju 2022 | Ingilterra vs Malta | 5-2 |
| **Logħba 4** | 30 ta' Lulju 2022 | Malta vs Georgia | 5-6 |
| **Logħba 5** | 31 ta' Lulju 2022 | Malta vs Litwanja | 4-9 |

## KOMPETIZZJONIJIET DOMESTIĊI

Il-Malta Beach Soccer Association organizzat il-kampjonat nazzjonali bejn l-24 ta' Mejju u l-11 ta' Ġunju, li kien kompost minn disa' timijiet. Lija Athletic ġew dikjarati champions wara li lagħbu fil-finali kontra Birżebbuġa Tigers.



**It-tim nazzjonali tal-beach soccer ħa sehem fil-BSWW European Beach Soccer League (EBSL) - Diviżjoni B. Il-kompetizzjoni ntlagħbet fil-Moldova.**

## YOUTH BEACH SOCCER

Matul ix-xahar ta' Lulju 2022 ġew organizzati tliet kampjonati għall-kategoriji differenti:

| | |
|---|---|
| Bniet taħt is-16-il sena | 8 timijiet |
| Subien taħt il-15-il sena | 3 timijiet |
| Subien taħt is-17-il sena | 3 timijiet |




Il-kampjonat nazzjonali tal-beach soccer 2022 intrebaħ minn Lija Athletic.

## KAMPJONAT TAL-BNIET U-17

| | |
|---|---|
| **Champions** | Birkirkara FC (Yellows) |
| **Runners Up** | Swieqi Utd FC |

| Unuri Individwali | | |
|---|---|---|
| **L-Aqwa Skorer** | Sara Saliba | Birkirkara FC (Yellows) |
| **L-Aħjar Goalkeeper** | Erika Muscat | Birkirkara FC (Reds) |
| **L-Aħjar Plejer** | Sara Saliba | Birkirkara FC (Yellows) |



Marsaskala, rebbieħa tal-kampjonat beach soccer U-15.




Qormi FC (Blacks), rebbieħa tal-kampjonat beach soccer U-17.

## KAMPJONAT TAS-SUBIEN U-15

| | |
|---|---|
| **Champions** | Marsaskala FC |
| **Runners Up** | Qormi FC |

| Unuri Individwali | | |
|---|---|---|
| **L-Aqwa Skorer** | Diego Zammit | Marsaskala FC |
| **L-Aħjar Goalkeeper** | Sinclair Vella | Marsaskala FC |
| **L-Aħjar Plejer** | Jaiden Azzopardi | Qormi FC |

## KAMPJONAT TAS-SUBIEN U-17

| | |
|---|---|
| **Champions** | Qormi FC (Blacks) |
| **Runners Up** | Qormi FC (Yellows) |

| Unuri Individwali | | |
|---|---|---|
| **L-Aqwa Skorer** | Ziak Briffa | Qormi FC (Blacks) |
| **L-Aħjar Goalkeeper** | Neill Shaw | Qormi FC (Yellows) |
| **L-Aħjar Plejer** | Kyeron Galdes | Qormi FC (Yellows) |

# Messaġġ tal-President



Ħbieb,

L-ewwel parti tal-istaġun kalċistiku 2022/23 ġabet magħha xhur ta' ħidma, filwaqt li t-tieni parti nistgħu ngħidu li ġabet magħha wkoll numru ta' avvenimenti importanti li twettqu u għaddew u li r-riżultati tagħhom għandhom jitqiesu bħala pożittivi.

L-avvenimenti kalċistiċi jisirqu x-xena fuq kollox u fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena kalendarja kellna ammont mhux ħażin ta' mumenti kkunsidrati importanti. Fil-fatt wara staġun ta' futbol regolari, fejn dak li kien ippjanat seħħ kollu, l-eżiti tawna rebbieħa u telliefa, biex l-element kompetittiv ma naqas qatt. Iżda lejn u wara t-tmiem tal-kompetizzjonijiet domestiċi, l-Assoċjazzjoni kellha wkoll l-impenji tat-timijiet nazzjonali, fosthom il-logħbiet mill-aktar prestiġġjużi f'darna kontra l-Italja u l-Ingilterra. Għalkemm ma kinux akkwistati punti wara d-90 minuta, mill-aspett ta' organizzazzjoni kollox mexa tajjeb u finalment spiċċaw kienu żewġ festi ta' futbol fejn il-partitarji lokali mlew kull rokna tal-Istadium Nazzjonali biex jagħtu s-sostenn tagħhom lill-plejers tat-tim nazzjonali Malti.

Iżda l-akbar avveniment għal din is-sena, bla dubju kien il-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena li nżamm f'pajjiżna mill-bidu sa nofs ix-xahar ta' Lulju u li finalment intrebaħ mill-Italja. Kien kampjonat organizzat tajjeb ħafna, fejn il-pubbliku kellu ċ-ċans li jassisti għal bosta timijiet bi plejers emerġenti u li fil-futur bosta minnhom se jkunu fost l-istilel tal-futbol Ewropew. Malta wkoll ipparteċipat u minkejja li ma ġewx punti bl-avversarji fil-grupp ikunu ferm b'saħħithom, l-approċċ u l-prestazzjonijiet tagħna jagħtu lok għal aktar progress u żvilupp biex il-legat ikun wieħed li jħalli l-valur tiegħu fis-snin li ġejjin. Huwa ta' sodisfazzjon enormi għal Assoċjazzjoni żgħira bħal tagħna meta l-UEFA tafdalek organizzazzjoni ta' avveniment internazzjonali bħal dan u jirnexxielek twasslu sal-aħħar b'suċċess. Grazzi kbira lil kull min kien parti minn dan it-tragward storiku.

Iżda issa ma fadalx wisq żmien qabel l-attivitajiet mill-kamp domestiku jerġgħu jissoktaw, kampjonati u kompetizzjonijiet minn kull livell tal-futbol Malti u Għawdxi. Il-klabbs fil-kompetizzjonijiet Ewropej bdew u għaddejjin bil-logħbiet ta' kwalifikazzjoni, sfidi li qed juru sena wara sena livell aktar għoli fil-preparazzjoni, b'numru ta' klabbs Maltin jirnexxilhom jeliminaw anke klabbs aktar kwotati minn tagħna.

Ftit ftit mexjin ukoll biex apparti l-aspett sportiv, l-amministrazzjoni tikkonkludi mandat sħiħ fit-tmexxija, liema perjodu kien wieħed eċċezzjonalment differenti minn dawk ta' qablu minħabba l-effett tal-pandemija li waqqfet u biddlet id-dinja li ngħixu fiha. Iżda kollox ma' kollox, bit-tajjeb u l-ħażin ta' dak kollu li l-futbol kellu jgħaddi minnu, ninsabu hawn magħqudin aktar minn qatt qabel, biex inkomplu nservu l-logħba u l-imsieħba tagħha u biex flimkien inkomplu nsaħħu l-prestazzjonijiet u r-riżultati f'kull livell tal-futbol tagħna.

Tislijiet,

**Bjorn Vassallo**
President Malta FA

# Annessi

## Laqgħat tal-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA – 2022-2023

| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 9 ta' Awwissu, 2022 | 28 ta' Settembru, 2022 | 18 ta' Ottubru, 2022 | 7 ta' Novembru, 2022 | 7 ta' Diċembru, 2022 | 15 ta' Diċembru, 2022 | 31 ta' Jannar, 2023 | 24 ta' Frar, 2023 | 30 ta' Marzu, 2023 | 23 ta' Mejju, 2023 | 5 ta' Ġunju, 2023 | 28 ta' Ġunju, 2023 | Preżenti | Skużati | Assenti | **TOTAL** |
| President | Bjorn Vassallo | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| S/Vice-President | Micallef Ludovico A&CE | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| Vice-President | Paris Matthew Dr | P | P | P | P | P | E | P | P | P | P | P | P | 11 | 1 | 0 | **12** |
| Vice-President | Adrian Casha | P | P | P | P | E | P | P | E | P | E | P | P | 9 | 3 | 0 | **12** |
| Treasurer | Mizzi Ivan | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| General Secretary | Chetcuti Angelo Dr | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| Member | Abdilla David | P | P | P | P | P | E | P | P | P | A | P | P | 10 | 1 | 1 | **12** |
| Member | Abela Jesmond | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | A | A | 9 | 0 | 3 | **12** |
| Member | Aquilina Lawrence | P | P | P | P | P | P | E | P | P | P | P | P | 11 | 1 | 0 | **12** |
| Member | Azzopardi Samuel, Dr | A | P | P | P | P | P | E | E | E | E | E | A | 5 | 5 | 2 | **12** |
| Member | Borg Godfrey | P | P | E | P | P | E | E | P | P | P | P | P | 9 | 3 | 0 | **12** |
| Member | Camilleri Robert John | P | P | P | E | P | E | E | P | P | P | P | P | 9 | 3 | 0 | **12** |
| Member | Cassar Victor | P | P | P | E | P | P | P | P | P | E | P | P | 10 | 2 | 0 | **12** |
| Member | Cutajar Patrick | P | P | P | P | P | A | P | P | P | E | P | P | 10 | 1 | 1 | **12** |
| Member | Farrugia Dana | - | - | P | P | A | A | P | P | P | P | P | P | 8 | 0 | 2 | **10** |
| Member | Fenech Peter | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| Member | Gauci Joe | P | P | E | P | - | - | - | - | - | - | - | - | 3 | 1 | 0 | **4** |
| Member | Grech Chris | A | P | E | P | P | P | P | E | P | P | P | P | 9 | 2 | 1 | **12** |
| Member | Mamo Carlo | A | P | E | P | P | E | E | P | P | P | P | P | 8 | 3 | 1 | **12** |
| Member | Martinelli Claudio | P | P | P | P | P | A | P | P | P | P | P | P | 11 | 0 | 1 | **12** |
| Member | Micallef Robert | P | P | P | P | E | P | P | P | P | P | E | P | 10 | 2 | 0 | **12** |
| Member | Muscat Francis | P | P | P | P | E | P | P | P | P | P | P | P | 11 | 1 | 0 | **12** |
| Member | Naudi Matthew | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| Member | Rocco Stephanie | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 12 | 0 | 0 | **12** |
| Member | Tanti Mark | - | - | - | - | - | - | P | P | E | P | P | E | 4 | 2 | 0 | **6** |
| Member | Valenzia Michael | P | P | P | P | P | A | P | P | P | P | P | A | 10 | 0 | 2 | **12** |
| Member | Vassallo Pio | P | P | A | A | P | P | P | P | E | P | P | P | 9 | 1 | 2 | **12** |

P – Preżenti / S – Skużat / A – Assenti

# Numri marbuta ma' wħud mill-bordijiet tal-Assoċjazzjoni

| Dispute Resolution Body (Complaints Board) | 2022/2023 | 2021/2022 |
|---|---|---|
| Seduti | 10 | 8 |
| Każijiet | 77 | 45 |

| Liċenzji UEFA | 2022/2023 | 2021/2022 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 12 (irgiel) – 3 (nisa) | 11 (irgiel) – 2 (nisa) |
| Approvati | 7 (irgiel) – 1 (nisa) | 8 (irgiel) – 1 (nisa) |
| Miċħuda | - | - |
| Irtirati | 5 (irgiel) – 2 (nisa) | 3 (irgiel) – 1 (nisa) |
| SGS Audit | Approvat | Approvat |

| Liċenzji Domestiċi mogħtija | 2022/2023 | 2021/2022 |
|---|---|---|
| Professjonali | 4 | 5 |
| Semi-Professjonali | 16 | 27 |
| Amateur | 23 | 13 |
| Miċħuda | Xejn | Xejn |
| Mogħtija b'sanzjoni | 20 | 34 |

| Liċenzjar tan-Nurseries | 2022/2023 | 2021/2022 |
|---|---|---|
| A | 22 | 18 |
| B | 6 | 11 |
| C | 12 | 9 |
| Mingħajr liċenzja | 2 | 3 |
| Ma applikawx | 11 | 12 |

| Liċenzjar tal-Coaches | 2022/2023 | 2021/2022 |
|---|---|---|
| UEFA Pro | 51 | 40 |
| UEFA A | 99 | 93 |
| UEFA Elite | 19 | 19 |
| UEFA B | 139 | 127 |
| MFA B | 5 | 5 |
| UEFA C | 208 | 189 |
| YCL | 5 | 5 |
| CYF | 98 | 82 |
| Grassroots' Leader | 143 | 17 |
| Fitness Coach (level 2) | 21 | 14 |
| Youth Football Fitness (level 1) | 8 | 8 |
| Goalkeeper's Coach Level 1 | 20 | 15 |
| Goalkeeper's Coach Level 2/UEFA B | 32 | 28 |
| Match Analyst | 11 | 8 |

# Lista ta' regolamenti ġodda jew li ġew emendati matul l-istaġun 2022-2023

**SECTION I**
**The Statute**

Article 61. (b), (c) – Appeals Board EB 15.07.22

Article 63. – Dispute Resolution Body EB 15.07.22

Article 64. (a), (b) – Protests Board EB 15.07.22

**SECTION II**
**Regulations of the Electoral Commission**

Article 1. – Electoral Commission EB 28.06.23



**SECTION V**
**Competition Rules**

Article 9. (a) – Limits on the registration of non-homegrown players EB 05.06.23

Article 9. (b) – Squad Lists EB 05.06.23

Article 9 (iii)(b) – Who may play in Competitive Matches EB 9.08.22

**Section VII**
**Rules governing competitions**

Article 3. – Composition of the National League EB 05.06.23

Article 7. – Rules of the National League EB 05.06.23

– Rules Governing the Women's Football Competitions EB 05.06.23

**SECTION VIII**
**Regulations of the MFA Awards** EB 30.03.23

**SECTION XIII**
**Rules Governing Member Clubs**

10. (iii) – Licence Status EB 18.10.22

11. (v), (vi) – Catalogue of Sanctions EB 18.10.22

12. (l) – The Licensing Procedural Steps (Core Process) EB 18.10.22

13. (iv) (b) –Determination of Licence Levels and the Application of Sanctions EB 18.10.22

UEFA Club Licensing and Financial Sustainability Regulations

## Protesti

| Nru | Data tal-logħba | Seduta tal-Bord | Kompetizzjoni | Protest Minn | Logħba | | | Raġuni | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 31/08/2022 | 06/09/2022 | Youth League B | Attard FC | Santa Lucia | vs | Attard | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Milqugħ |
| 2 | 08/09/2022 | 15/09/2022 | National Amateur Cup | Pembroke Athleta SC | Pembroke Athleta | vs | Żebbuġ Rovers | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Mhux milqugħ |
| 3 | 17/09/2022 | 03/10/2022 | IFF U-15 League B | Ħamrun Spartans FC | Ħamrun Spartans | vs | Mosta | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Mhux milqugħ |
| 4 | 02/10/2022 | 19/10/2022 | IFF U-17 League B | Fgura United FC | Balzan | vs | Fgura United | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Milqugħ |
| 5 | 12/12/2022 | 16/01/2023 | Youth League A | Valletta FC | Valletta | vs | Ħamrun Spartans | Żball tekniku | Mhux milqugħ |
| 6 | 21/12/2022 | 16/01/2023 | IFF U-15 League D | Għargħur FC | Għargħur | vs | Marsaxlokk | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Mhux milqugħ |
| 7 | 06/01/2023 | 16/01/2023 | IZIBET Amateur League Group B | Msida St Joseph FC | Msida St Joseph | vs | St. George's | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Milqugħ |
| 8 | 18/02/2023 | 01/03/2023 | IFF U-15 Knock-Out | Swieqi United FC | Swieqi United | vs | Balzan | Żball tekniku | Mhux milqugħ |
| 9 | 19/02/2023 | 01/03/2023 | BOV Premier League | Mosta FC | Valletta | vs | Mosta | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Mhux milqugħ |
| 10 | 25/02/2023 | 14/03/2023 | Women's Youth League | Swieqi United FC | Hibernians | vs | Swieqi United | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Milqugħ |
| 11 | 31/03/2023 | 26/04/2023 | IFF U-15 League C | Siġġiewi FC | Siġġiewi | vs | Mellieħa | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Mhux milqugħ |
| 12 | 16/04/2023 | 26/04/2023 | IFF U-17 League D | Għargħur FC | Għargħur | vs | Santa Venera Lightnings | Ineliġibbiltà ta' Plejer | Milqugħ |

## Testijiet tad-Doping

**LOGĦBIET MAGĦŻULA GĦALL-ISTAĠUN 2022-2023**

| No | Date | Competition | Time | Venue | Match |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 25/04/2023 | IZIBET FA Trophy 22/23 | 17:00 | National Stadium, Ta' Qali | Marsaxlokk vs Gżira United |
| 2 | 26/04/2023 | IZIBET FA Trophy 22/23 | 17:00 | National Stadium, Ta' Qali | Birkirkara vs Mosta |

# Klassifiċi tal-kompetizzjonijiet domestiċi

## BOV Premier League – 2022-2023

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Ħamrun Spartans | 26 | 22 | 3 | 1 | 45 | 10 | **69** |
| 2. | Birkirkara | 26 | 14 | 8 | 4 | 50 | 20 | **50** |
| 3. | Gżira United | 26 | 14 | 6 | 6 | 46 | 19 | **48** |
| 4. | Hibernians | 26 | 14 | 4 | 8 | 45 | 37 | **46** |
| 5. | Balzan | 26 | 14 | 4 | 8 | 37 | 32 | **46** |
| 6. | Mosta | 26 | 14 | 4 | 8 | 47 | 33 | **46** |
| 7. | Floriana | 26 | 10 | 7 | 9 | 30 | 26 | **37** |
| 8. | Valletta | 26 | 9 | 10 | 7 | 37 | 23 | **37** |
| 9. | Sirens | 26 | 8 | 9 | 9 | 25 | 32 | **33** |
| 10. | Gudja United | 26 | 8 | 5 | 13 | 28 | 39 | **29** |
| 11. | Marsaxlokk | 26 | 5 | 10 | 11 | 28 | 38 | **25** |
| 12. | Santa Lucia | 26 | 4 | 3 | 19 | 20 | 49 | **15** |
| 13. | Żebbuġ Rangers | 26 | 4 | 2 | 20 | 21 | 58 | **14** |
| 14. | Pietà Hotspurs | 26 | 3 | 3 | 20 | 22 | 65 | **12** |

## BOV Challenge League – Top 6 – 2022-2023

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Sliema Wanderers | 27 | 24 | 3 | 0 | 66 | 14 | **75** |
| 2. | Naxxar Lions | 27 | 19 | 3 | 5 | 58 | 28 | **60** |
| 3. | Żejtun Corinthians | 27 | 15 | 2 | 10 | 51 | 45 | **47** |
| 4. | Tarxien Rainbows | 27 | 13 | 7 | 7 | 55 | 32 | **46** |
| 5. | Melita | 27 | 9 | 7 | 11 | 42 | 36 | **34** |
| 6. | Żurrieq | 27 | 10 | 2 | 15 | 38 | 60 | **32** |

## BOV Challenge League – Play-Out – 2022-2023

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Swieqi United | 28 | 14 | 8 | 6 | 53 | 38 | **50** |
| 2. | Fgura United | 28 | 11 | 8 | 9 | 57 | 39 | **41** |
| 3. | St. Andrews | 28 | 11 | 7 | 10 | 37 | 40 | **40** |
| 4. | Lija Athletic | 28 | 11 | 6 | 11 | 51 | 54 | **39** |
| 5. | Attard | 28 | 10 | 7 | 11 | 39 | 45 | **37** |
| 6. | Marsa | 28 | 9 | 8 | 11 | 40 | 42 | **35** |
| 7. | San Ġwann | 28 | 9 | 7 | 12 | 33 | 45 | **34** |
| 8. | Qrendi | 28 | 8 | 7 | 13 | 38 | 52 | **31** |
| 9. | Marsaskala | 28 | 7 | 8 | 13 | 50 | 57 | **29** |
| 10. | Mqabba | 28 | 6 | 4 | 18 | 29 | 56 | **22** |
| 11. | Vittoriosa Stars | 28 | 6 | 4 | 18 | 27 | 57 | **22** |
| 12. | Mtarfa | 28 | 5 | 6 | 17 | 21 | 45 | **21** |

## BOV Challenge League – 2022-2023

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Sliema Wanderers | 17 | 15 | 2 | 0 | 40 | 10 | **47** |
| 2. | Naxxar Lions | 17 | 13 | 2 | 2 | 40 | 15 | **41** |
| 3. | Żejtun Corinthians | 17 | 11 | 0 | 6 | 35 | 22 | **33** |
| 4. | Tarxien Rainbows | 17 | 9 | 5 | 3 | 34 | 19 | **32** |
| 5. | Żurrieq | 17 | 9 | 2 | 6 | 33 | 28 | **29** |
| 6. | Melita | 17 | 7 | 5 | 5 | 29 | 22 | **26** |
| 7. | Fgura United | 17 | 7 | 4 | 6 | 41 | 25 | **25** |
| 8. | Marsa | 17 | 6 | 6 | 5 | 27 | 23 | **24** |
| 9. | Swieqi United | 17 | 6 | 6 | 5 | 33 | 31 | **24** |
| 10. | St. Andrews | 17 | 6 | 4 | 7 | 23 | 27 | **22** |
| 11. | Lija Athletic | 17 | 5 | 5 | 7 | 28 | 32 | **20** |
| 12. | Attard | 17 | 5 | 4 | 8 | 19 | 30 | **19** |
| 13. | San Ġwann | 17 | 5 | 3 | 9 | 20 | 34 | **18** |
| 14. | Marsaskala | 17 | 4 | 3 | 10 | 28 | 39 | **15** |
| 15. | Mqabba | 17 | 4 | 3 | 10 | 21 | 36 | **15** |
| 16. | Mtarfa | 17 | 4 | 2 | 11 | 11 | 28 | **14** |
| 17. | Qrendi | 17 | 3 | 5 | 9 | 19 | 36 | **14** |
| 18. | Vittoriosa Stars | 17 | 3 | 1 | 13 | 14 | 38 | **10** |

## IZIBET National Amateur League – Group A – 2022-2023

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Senglea Athletic | 20 | 17 | 2 | 1 | 53 | 8 | **53** |
| 2. | Mġarr United | 20 | 16 | 2 | 2 | 56 | 11 | **50** |
| 3. | Żabbar St. Patrick | 20 | 15 | 3 | 2 | 53 | 10 | **48** |
| 4. | Kalkara United | 20 | 11 | 3 | 6 | 39 | 25 | **36** |
| 5. | Xgħajra Tornados | 20 | 10 | 2 | 8 | 30 | 28 | **32** |
| 6. | Birżebbuġa St. Peter's | 20 | 9 | 1 | 10 | 35 | 29 | **28** |
| 7. | Qormi | 20 | 7 | 1 | 12 | 30 | 42 | **22** |
| 8. | Pembroke Athleta | 20 | 7 | 0 | 13 | 29 | 51 | **21** |
| 9. | Mellieħa | 20 | 5 | 1 | 14 | 21 | 42 | **16** |
| 10. | Santa Venera Lightnings | 20 | 4 | 2 | 14 | 20 | 50 | **14** |
| 11. | Ta' Xbiex | 20 | 0 | 1 | 19 | 10 | 80 | **1** |

## IZIBET National Amateur League – Group B – 2022-2023

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Msida St. Joseph | 18 | 13 | 4 | 1 | 52 | 11 | **43** |
| 2. | Luqa St. Andrew's | 18 | 9 | 6 | 3 | 35 | 17 | **33** |
| 3. | Għargħur | 18 | 8 | 7 | 3 | 34 | 17 | **31** |
| 4. | Rabat Ajax | 18 | 9 | 4 | 5 | 24 | 16 | **31** |
| 5. | Kirkop United | 18 | 9 | 2 | 7 | 29 | 19 | **29** |
| 6. | St. George's | 18 | 8 | 5 | 5 | 30 | 24 | **29** |
| 7. | Għaxaq | 18 | 7 | 4 | 7 | 19 | 21 | **25** |
| 8. | Siġġiewi | 18 | 3 | 3 | 12 | 11 | 31 | **12** |
| 9. | Dingli Swallows | 18 | 1 | 6 | 11 | 12 | 32 | **9** |
| 10. | Mdina Knights | 18 | 1 | 3 | 14 | 11 | 69 | **6** |

# Play-Offs u klassifiċi tal-kompetizzjonijiet domestiċi

| IZIBET National Amateur League – Deciders and Play-Offs – Season 2022-2023 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Competition** | **Section** | **Date** | **Time** | **Venue** | **Home Team** | **vs** | **Away Team** | **Result** |
| IZIBET Amateur League | Play-Off Rnd 1 | Wed-12-Apr-2023 | 19:30 | Centenary Stadium | Kalkara United | vs | St George's | 2 - 1 |
| IZIBET Amateur League | Play-Off Rnd 1 | Wed-12-Apr-2023 | 20:00 | Victor Tedesco Stadium | Rabat Ajax | vs | Xgħajra Tornados | 2 - 0 |
| IZIBET Amateur League | Play-Off Rnd 2 | Sat-15-Apr-2023 | 15:00 | Sirens Stadium | Għargħur | vs | Kalkara United | 2 - 3 |
| IZIBET Amateur League | Play-Off Rnd 2 | Sat-15-Apr-2023 | 17:30 | Sirens Stadium | Żabbar St Patrick | vs | Rabat Ajax | 3 - 0 |
| IZIBET Amateur League | Championship Decider | Sun-16-Apr-2023 | 11:30 | Centenary Stadium | Senglea Athletic | vs | Msida St Joseph | 2 - 0 |
| IZIBET Amateur League | Decider 2 vs 2 | Sun-16-Apr-2023 | 15:00 | Sirens Stadium | Mġarr United | vs | Luqa St Andrew's | 1 - 2 |
| IZIBET Amateur League | Play-Off Rnd 3 | Wed-19-Apr-2023 | 20:30 | Victor Tedesco Stadium | Kalkara United | vs | Żabbar St Patrick | 1 - 2 |
| IZIBET Amateur League | Play-Off Final | Sun-23-Apr-2023 | 11:00 | Centenary Stadium | Żabbar St Patrick | vs | Mġarr United | 2 - 0 |

| BOV Premier League / Challenge League – Relegation / Promotion Play-Off – Season 2022-2023 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Competition** | **Section** | **Date** | **Time** | **Venue** | **Home Team** | **vs** | **Away Team** | **Result** |
| BOV Premier/Challenge League | Play-Out | Fri-28-Apr-2023 | 19:00 | Centenary Stadium | Santa Lucia | vs | Żejtun Corinthians | 2 - 0 |

| Premier League - UEFA Europa Conference League Decider – Season 2022-2023 | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Competition** | **Section** | **Date** | **Time** | **Venue** | **Home Team** | **vs** | **Away Team** | **Result** | **Remarks** |
| BOV Premier League | UEFA Decider | Mon-01-May-2023 | 14:00 | National Stadium | Hibernians | vs | Balzan | 2 - 3 | aet |

| Youth League – Section A – 2022-2023 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
